Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Novembru 2021
(OR. en)

14151/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0366(COD)

FORETS 78
AGRI 566
ENV 914
CLIMA 399
PROCIV 149
JUR 653
DEVGEN 210
RELEX 997
UD 284
PROBA 53
FAO 42
SUSTDEV 162
IA 185
CODEC 1507

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 18 ta' Novembru 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 706 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 706 final.

Mehmuż: COM(2021) 706 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.11.2021
COM(2021) 706 final

2021/0366 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2021) 395 final} - {SEC(2021) 396 final} - {SWD(2021) 325 final} - {SWD(2021) 326 final} - {SWD(2021) 327 final} - {SWD(2021) 328 final} - {SWD(2021) 329 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti qegħdin iseħħu b'rata allarmanti, u qegħdin jaggravaw it-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità. L-ixprunatur ewlieni tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti huwa **l-espansjoni tal-art agrikola** sabiex jiġu prodotti komoditajiet bħall-bhejjem tal-ifrat, l-injam, iż-żejt tal-palm, is-sojja, il-kawkaw jew il-kafè. Popolazzjoni dinjija li qiegħda tikber u domanda dejjem akbar għall-prodotti agrikoli, speċjalment dawk li joriġinaw mill-annimali, huma mistennija li jżidu d-domanda għall-art agrikola u jagħmlu pressjoni addizzjonali fuq il-foresti, filwaqt li t-tibdil fix-xejriet klimatiċi se jaffettwa l-produzzjoni tal-ikel, li se jkun jeħtieġ bidla għal produzzjoni sostenibbli li ma twassalx għal aktar deforestazzjoni u degradazzjoni tal-foresti.

L-UE hija konsumatur rilevanti tal-komoditajiet assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u ma għandhiex regoli speċifiċi u effettivi sabiex tnaqqas il-kontribut tagħha għal dawn il-fenomeni. Għalhekk, l-objettiv ta' din l-inizjattiva huwa li tnaqqas id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti li huma provokati mill-konsum u l-produzzjoni tal-UE. Dan, min-naħa tiegħu, huwa mistenni li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità. L-inizjattiva għandha l-għan **li timminimizza l-konsum ta' prodotti li ġejjin minn ktajjen tal-provvista assoċjati mad-deforestazzjoni jew mad-degradazzjoni tal-foresti** – u li żżid id-domanda tal-UE għal komoditajiet u prodotti legali u "mingħajr deforestazzjoni" u l-kummerċ tagħhom.

### • Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Il-proposta ġiet imħabbra għall-ewwel darba **fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2019 dwar it-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja**[1] (minn hawn 'il quddiem "il-Komunikazzjoni tal-2019"), fejn il-Kummissjoni impenjat ruħha li "*tivvaluta l-miżuri regolatorji u mhux regolatorji addizzjonali fuq in-naħa tad-domanda sabiex tiżgura kundizzjonijiet ekwi u fehim komuni dwar il-ktajjen ta' provvista ħielsa mid-deforestazzjoni, bl-għan li tiżdied it-trasparenza fil-katina ta' provvista u jiġi mminimizzat ir-riskju ta' deforestazzjoni u ta' degradazzjoni tal-foresti assoċjat mal-importazzjonijiet ta' komoditajiet fl-UE*". Dan l-impenn imbagħad ġie kkonfermat fil-Patt Ekoloġiku Ewropew,[2] kif ukoll fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030[3] u fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt[4], filwaqt li dawn it-tnejn tal-aħħar ħabbru proposta leġiżlattiva korrispondenti fl-2021. Il-proposta hija parti integrali mill-objettivi ġenerali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-inizjattivi kollha żviluppati taħtu u hija koerenti magħhom.

---

1 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja*, COM/2019/352 final.

2 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *Il-Patt Ekoloġiku Ewropew*, COM/2019/640 final.

3 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 —Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna*, COM/2020/380 final.

4 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent*, COM/2020/381 final.

Partikolarment, din tikkomplementa l-miżuri l-oħra proposti fil-Komunikazzjoni tal-2019, partikolarment: 1) **il-ħidma fi sħubija mal-pajjiżi produtturi**, sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tad-deforestazzjoni, u sabiex tiġi promossa l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, u 2) **il-kooperazzjoni internazzjonali ma' pajjiżi konsumaturi ewlenin**, sabiex tiġi minimizzata t-tnixxija u sabiex tiġi promossa l-adozzjoni ta' miżuri simili sabiex jiġi evitat li fis-suq jiġu introdotti prodotti li ġejjin minn ktajjen tal-provvista assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti.

Għalhekk, il-Kummissjoni se tkompli taħdem fi sħubija mal-pajjiżi produtturi, billi toffri tipi ġodda ta' appoġġ u inċentivi fir-rigward tal-protezzjoni tal-foresti, it-titjib tal-governanza u tal-pussess tal-art, iż-żieda fl-infurzar tal-liġi u l-promozzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, l-agrikoltura reżiljenti għall-klima, l-intensifikazzjoni u d-diversifikazzjoni sostenibbli, l-agroekoloġija u l-agroforestrija.

Il-qafas leġiżlattiv eżistenti tal-UE jindirizza d-deforestazzjoni biss parzjalment. Il-**Pjan ta' Azzjoni** tal-UE għal Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (**FLEGT) li jmur lura għall-2003**[5] jikkostitwixxi l-politika ewlenija tal-UE kontra l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ assoċjat. Filwaqt **li l-Pjan ta' Azzjoni FLEGT jindirizza l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ assoċjat, dan ma jindirizzax id-deforestazzjoni bħala tali**. Element ewlieni tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT huwa skema volontarja sabiex jiġi żgurat li l-injam maħsud legalment biss jiġi importat fl-UE minn pajjiżi li jaqblu li jieħdu sehem f'din l-iskema. Il-qafas legali intern tal-UE għal din l-iskema huwa r-Regolament dwar l-Infurzar tal-Liġi, it-Tmexxija u l-Kummerċ fis-Settur Forestali (**ir-Regolament FLEGT**)[6], li jistabbilixxi sistema ta' liċenzjar li hija l-bażi għall-Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja FLEGT. Element ewlieni ieħor tal-Pjan ta' Azzjoni FLEGT huwa **r-Regolament tal-UE dwar l-Injam** (EUTR)[7], li jipprojbixxi l-introduzzjoni fis-suq tal-UE ta' injam u ta' prodotti tal-injam maħsuda illegalment u jistabbilixxi obbligi għall-operaturi li jqiegħdu injam fis-suq għall-ewwel darba. Kemm ir-Regolament FLEGT kif ukoll l-EUTR għaddew minn Kontroll tal-Idoneità, u l-alternattivi ta' politika ppreżentati f'dan ir-Regolament qegħdin jitfasslu wkoll abbażi tas-sejbiet tal-Kontroll tal-Idoneità.

Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza u t-tagħlimiet meħuda fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni u r-Regolament FLEGT, il-Kummissjoni se tistabbilixxi sħubijiet dwar il-foresti ma' pajjiżi sħab rilevanti kif xieraq. L-objettiv ewlieni tas-Sħubijiet dwar il-Foresti se jkun li jipproteġu, jirrestawraw u/jew jiżguraw l-użu sostenibbli tal-foresti komprensivament u integrat sabiex jiġu ssodisfati l-prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kif ukoll l-objettivi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE bħat-tnaqqis tal-faqar, il-governanza tajba u d-drittijiet tal-bniedem. Dawn se jippromwovu l-governanza tal-foresti u r-riformi ta' politika sabiex isegwu ġestjoni sostenibbli tal-foresti u jikkontribwixxu sabiex iwaqqfu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-Komunikazzjoni tal-2019 tistabbilixxi l-objettiv ġenerali li tiġi protetta u mtejba s-saħħa tal-foresti eżistenti, partikolarment il-foresti primarji, u li tiżdied il-kopertura sostenibbli u

[5] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew - Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT) - Proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE (COM(2003) 251 final).

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jqiegħdu fis-suq injam u prodotti tal-injam.

bijodiversa tal-foresti madwar id-dinja. Fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, kemm l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 kif ukoll l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt jikkaratterizzaw din il-proposta leġiżlattiva u miżuri oħra sabiex jiġi evitat jew minimizzat it-tqegħid ta' prodotti li ġejjin minn ktajjen tal-provvista assoċjati mad-deforestazzjoni jew mad-degradazzjoni tal-foresti fis-suq tal-UE, bħala importanti għall-ilħuq tal-objettivi tagħhom. Inizjattivi rilevanti oħrajn jinkludu, pereżempju, il-Komunikazzjoni "Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE"[8].

**L-Istrateġija** l-ġdida **tal-UE għall-Foresti** tikkonferma li l-miżuri diġà identifikati fil-Komunikazzjoni tal-2019 jistabbilixxu l-qafas bażiku għall-azzjoni globali tal-UE, inkluż din l-inizjattiva leġiżlattiva, u se jitqiesu kif xieraq u konsistentement meta jitfasslu l-politiki domestiċi.

Dan ir-Regolament se jkun komplementari mal-inizjattiva leġiżlattiva dwar **il-Governanza Korporattiva Sostenibbli (SCG)**, li għandha l-għan li ttejjeb il-qafas regolatorju tal-UE dwar id-dritt tal-kumpaniji u l-governanza korporattiva. L-inizjattiva tal-SCG hija bbażata fuq approċċ orizzontali li jindirizza d-drittijiet tal-bniedem u l-impatti ambjentali negattivi li jaġixxu fuq l-imġiba tal-kumpaniji fl-operazzjonijiet tagħhom stess u fil-ktajjen tal-valur tagħhom. Filwaqt li r-reġim tal-SCG se jindirizza l-operazzjonijiet tan-negozju u ġeneralment il-ktajjen tal-valur , l-approċċ tad-deforestazzjoni qiegħed jiffoka fuq prodotti u ktajjen tal-provvista tal-prodotti speċifiċi. Għalhekk, filwaqt li l-objettivi ġenerali taż-żewġ inizjattivi jistgħu jiġu kondiviżi u huma ta' appoġġ reċiproku, l-objettivi speċifiċi huma differenti.

L-obbligu ta' diliġenza dovuta tal-inizjattiva tal-SCG huwa maħsub li japplika għal firxa ta' kumpaniji kbar tal-UE fis-setturi kollha (b'reġim aktar immirat għal ċerti kumpaniji ta' daqs medju), u huwa maħsub li kumpaniji mhux tal-UE jiġu koperti wkoll. L-inizjattiva leġiżlattiva dwar id-deforestazzjoni għandha objettiv speċifiku ħafna li tillimita t-tqegħid ta' prodotti marbuta mad-deforestazzjoni fis-suq tal-UE u r-rekwiżiti tagħha, f'xi oqsma, se jkunu aktar speċifiċi meta mqabbla mad-dmirijiet ġenerali skont l-inizjattiva tal-SCG. Dan jinkludi wkoll projbizzjoni, li se tapplika għall-operaturi kollha li jqiegħdu l-prodotti rilevanti fis-suq, inkluż il-kumpaniji tal-UE u dawk mhux tal-UE, irrispettivament mill-forma u d-daqs legali tagħhom. Meta r-rekwiżiti tal-inizjattiva tal-SCG imorru lil hinn mir-rekwiżiti tar-regolament dwar id-deforestazzjoni, dawn japplikaw flimkien.

Din l-inizjattiva mhux se timmira speċifikament **lejn is-settur finanzjarju u l-investimenti**. L-inizjattivi eżistenti fil-qasam tal-finanzi sostenibbli, bħall-implimentazzjoni tar-Regolament dwar it-Tassonomija tal-UE u d-Direttiva futura dwar ir-Rapportar Korporattiv dwar is-Sostenibbiltà, is-CSRD (id-Direttiva attwali dwar ir-Rapportar Mhux Finanzjarju, l-NFRD) huma adattati sew sabiex jindirizzaw l-impatti tad-deforestazzjoni tas-setturi tal-finanzi u tal-investiment, b'hekk jikkomplementaw u jappoġġaw din l-inizjattiva leġiżlattiva dwar id-deforestazzjoni.

Is-CSRD u t-tassonomija jimponu obbligi ta' divulgazzjoni wkoll fuq impriżi mhux finanzjarji: is-CSRD tipprevedi l-pubblikazzjoni ta' standards ta' rapportar settorjali sa Ottubru tal-2023; skont ir-Regolament dwar it-Tassonomija tal-UE, diġà ġew stabbiliti kriterji tekniċi skont l-att delegat għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih fir-rigward tal-forestrija, filwaqt li l-pubblikazzjoni tal-kriterji għall-agrikoltura ġiet ittardjata. Iż-

[8] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE - Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040*, COM (2021) 345 final.

żewġ attivitajiet ekonomiċi jistgħu jiġu koperti skont l-atti delegati għall-erba' objettivi ambjentali l-oħra.

Din il-proposta għal Regolament hija mistennija li tiġi applikata wkoll flimkien mad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli[9] fir-rigward ta' xi komoditajiet użati bħala bijofjuwils jew għall-produzzjoni ta' bijofjuwils, bħall-gerbub tal-injam jew id-derivattivi tas-sojja u taż-żejt tal-palm. L-objettivi taż-żewġ settijiet ta' regoli tal-UE huma komplementari, peress li t-tnejn li huma jindirizzaw l-objettivi ġenerali tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-telfien tal-bijodiversità. Din l-inizjattiva leġiżlattiva tistabbilixxi rekwiżiti għall-komoditajiet u l-prodotti marbuta mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti li għandhom jiġu introdotti fis-suq tal-UE, bil-għan li titnaqqas id-deforestazzjoni xprunata mill-UE. Id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli tistabbilixxi, fost l-oħrajn, regoli dwar il-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijofjuwils, għall-bijolikwidi u għall-bijomassa li għandhom jitqiesu sostenibbli u tispeċifika miri għall-UE sabiex tilħaq mira ta' enerġija rinnovabbli ta' mill-anqas 32 % sal-2030.

Fir-rigward tal-interazzjoni prattika tagħhom, il-komoditajiet u l-prodotti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni taż-żewġ atti se jkunu soġġetti għal rekwiżiti għal aċċess ġenerali għas-suq u sabiex jitqiesu bħala enerġija rinnovabbli. Dawn ir-rekwiżiti huma kompatibbli u jsaħħu lil xulxin reċiprokament. Fil-każ speċifiku ta' sistemi ta' ċertifikazzjoni għal Tibdil Indirett baxx fl-Użu tal-Art (ILUC) skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/807 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/2001[10], "fir-rigward tad-determinazzjoni ta' materja prima b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art li għaliha qed tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju u ċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art", dawn is-sistemi ta' ċertifikazzjoni jistgħu jintużaw ukoll mill-operaturi u n-negozjanti fi ħdan is-sistemi ta' diliġenza dovuta tagħhom sabiex jiksbu informazzjoni kif meħtieġ minn dan ir-Regolament sabiex jissodisfaw uħud mir-rekwiżiti ta' traċċabbiltà u informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament. Bħal kwalunkwe sistema oħra ta' ċertifikazzjoni, l-użu tagħhom huwa mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà u l-obbligi legali skont dan ir-Regolament għall-operaturi u n-negozjanti sabiex jeżerċitaw id-diliġenza dovuta.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

Il-kompetenza tal-UE li taġixxi fil-qasam tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti tirriżulta mill-Artikoli tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) relatati mal-ħarsien tal-ambjent. Skont l-Artikolu 191(1) tat-TFUE "*s-salvagwardja, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent; il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem; l-użu għaqli u razzjonali tar-riżorsi naturali; il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jitrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u partikolarment li jiġġieldu l-bidla fil-klima*" huma definiti bħala objettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent. L-adozzjoni fil-livell tal-Unjoni ta' miżuri mmirati lejn il-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti se

[9] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, (ĠU L 328/82, 21.12.2018, p. 82–209).

[10] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/807 tat-13 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni ta' materja prima b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art li għaliha qed tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju u ċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art (ĠU L 133, 21.5.2019, p. 1–7).

tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG), iż-żieda fir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tal-impatt tal-bniedem fuq il-bijodiversità u b'hekk se tipprovdi kontribut sinifikanti għal kull wieħed mill-objettivi tal-politika ambjentali. Għalhekk, l-Artikolu 192 tat-TFUE jenħtieġ li jintuża bħala bażi ġuridika tal-proposta.

Bħal ħafna kwistjonijiet ambjentali, il-konsegwenzi tad-deforestazzjoni f'qasam wieħed jista' jkollhom impatti globali. Għalhekk huwa xieraq li kemm il-prodotti domestiċi kif ukoll il-prodotti rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera jew esportati jkunu koperti mill-proposta skont il-bażi ġuridika proposta. Dan se jippermetti li jkun hemm konformità mal-Artikolu 191(2) tat-TFUE li jirrikjedi li l-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent timmira lejn livell għoli ta' protezzjoni u mal-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) li skont dan il-promozzjoni ta' livell għoli ta' protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent huwa definit bħala wieħed mill-objettivi tal-Unjoni.

L-Artikolu 192(1) tat-TFUE jiddikjara li "*l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja wara li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, għandhom jiddeċiedu liema azzjoni għandha tittieħed mill-Unjoni sabiex twettaq l-objettivi msemmija fl-Artikolu 191*".

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-ixprunaturi ewlenin tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti huma marbuta kemm mas-suq tal-UE kif ukoll mal-kummerċ internazzjonali. Hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-UE sabiex jiġu indirizzati l-impronta tal-konsum tal-UE u kwistjonijiet kummerċjali internazzjonali b'mod koordinat u armonizzat filwaqt li jiġu pprovduti ċ-ċertezza u ċ-ċarezza legali, meħtieġa għall-funzjonament xieraq tas-suq tal-UE. Fin-nuqqas ta' approċċ armonizzat, diversi Stati Membri jieħdu miżuri li jirrestrinġu l-kummerċ intern, u b'hekk ixekklu l-funzjonament tas-suq intern. Dan ikollu impatt serju fuq il-funzjonament tas-suq tal-UE, jipperikola l-kapaċità tal-operaturi Ewropej li jakkwistaw prodotti/komoditajiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif ukoll jimmina l-kredibbiltà tal-miżuri tal-UE. Stati Membri oħra jistgħu jiddeċiedu li ma jadottaw l-ebda miżura li tillimita l-impatt potenzjali tal-miżuri meħuda minn oħrajn fuq id-deforestazzjoni.

Il-ktajjen tal-provvista għall-prodotti koperti mill-inizjattiva huma internazzjonali u spiss globali ħafna. L-esperjenza tal-UE fl-indirizzar ta' kwistjonijiet kumplessi tal-katina tal-provvista (eż. li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni relatata mal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam) turi li huwa strumentali li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi f'termini ta' rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati qabel it-tqegħid tal-prodotti (komoditajiet u prodotti derivati) fis-suq tal-UE għall-ewwel darba.

In-nuqqas ta' regoli applikabbli fil-livell Ewropew ipoġġi lill-operaturi tan-negozju responsabbli li huma lesti li jċaqilqu l-ktajjen tal-provvista tagħhom fi żvantaġġ kompetittiv u jippremja mġiba mhux sostenibbli. Għalhekk, filwaqt li l-ambjent huwa kompetenza kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri, huma meħtieġa miżuri madwar l-UE kollha sabiex jiżguraw fehim komuni tad-deforestazzjoni u tal-ktajjen tal-provvista mingħajr degradazzjoni tal-foresti, sabiex iżidu t-trasparenza ta' tali ktajjen tal-provvista kif ukoll sabiex jippermettu, skont l-iskala tal-azzjoni, impatt sinifikanti fuq id-deforestazzjoni.

Sa fejn din l-inizjattiva tkopri kemm merkanzija rilaxxata għaċ-ċirkolazzjoni libera kif ukoll esportata mis-suq tal-Unjoni, l-azzjoni fil-livell tal-Unjoni tkun aktar effettiva mill-azzjoni fil-livell nazzjonali peress li tipprevjeni impatt negattiv possibbli fuq il-funzjonament tas-suq

intern u fuq l-aspetti kummerċjali. Għalhekk, l-azzjoni tal-UE tista' tikkomplementa u ssaħħaħ l-isforzi nazzjonali tal-Istati Membri. F'każ li l-UE ma tiħux azzjoni, il-problema tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti relatata mal-konsum tal-UE tibqa' tippersisti u tkompli tiddeterjora. Dan jista' jaffettwa negattivament l-isforzi tal-UE fil-qasam tal-protezzjoni globali tal-bijodiversità u t-tibdil fil-klima.

- **Proporzjonalità**

B'din l-inizjattiva leġiżlattiva, l-UE żżid l-azzjoni tagħha kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti billi tistabbilixxi qafas regolatorju li għandu l-għan li jkun ambizzjuż u implimentabbli, u li jinċentiva t-tranżizzjoni lejn ktajjen tal-provvista sostenibbli fil-pajjiżi produtturi kollha, fi ħdan l-UE jew lil hinn minnha. Dan jagħmel lill-UE entità globali kredibbli li tistabbilixxi l-istandards. Il-benefiċċji monetizzati minimi jikkumpensaw b'mod ċar il-kostijiet. L-inizjattiva hija konformi wkoll mal-gravità u l-urġenza tal-problema li għandha l-għan li tindirizza, kif ukoll mal-prijoritajiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Din l-inizjattiva leġiżlattiva għandha l-għan li timminimizza l-kontribut tal-UE għad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti. Dan l-objettiv se jintlaħaq billi tiġi stabbilita sistema ta' diliġenza dovuta gradwali u obbligatorja, li tiddependi minn definizzjoni ta' "mingħajr deforestazzjoni", flimkien ma' sistema ta' valutazzjoni komparattiva. Kif analizzat fil-"*Valutazzjoni tal-Impatt relatata mal-minimizzazzjoni tar-riskju tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti assoċjati ma' prodotti introdotti fis-suq tal-UE"* (minn hawn 'il quddiem "il-Valutazzjoni tal-Impatt"), huwa mistenni li dawn il-miżuri se jkunu l-aktar effettivi fit-tnaqqis tad-deforestazzjoni xprunata mill-UE u l-aktar effiċjenti fost dawk skrinjati bi tħejjija għal din l-inizjattiva. Is-sejbiet tal-Valutazzjoni tal-Impatt, juru li alternattivi legalment vinkolanti (bħar-rekwiżit ta' mingħajr deforestazzjoni, id-diliġenza dovuta obbligatorja, eċċ.) ikunu aktar effettivi minn miżuri volontarji (bħad-diliġenza dovuta volontarja, it-tikkettar volontarju jew iċ-ċertifikazzjoni privata volontarja). Dawn is-sejbiet ġew imsaħħa mill-eżitu tal-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa, fejn il-maġġoranza l-kbira tal-partijiet konċernati — l-assoċjazzjonijiet tan-negozji u l-NGOs — appoġġaw reġim ta' diliġenza dovuta obbligatorja.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa "Regolament" minħabba li huwa meħtieġ li jiġi żgurat l-ogħla livell ta' armonizzazzjoni sabiex tiġi evitata l-koeżistenza ta' standards differenti bejn l-Istati Membri, li jimmina l-prinċipju fundamentali tal-moviment liberu tal-merkanzija. Regolament se **jistabbilixxi rekwiżiti diretti għall-operaturi kollha**, u b'hekk jipprovdi ċ-ċertezza legali meħtieġa u l-possibbiltà ta' infurzar ta' suq kompletament integrat madwar l-UE. Regolament **jiżgura** wkoll **li l-obbligi jiġu implimentati fl-istess ħin u bl-istess mod fis-27 Stat Membru kollha**. Ir-Regolament se **jnaqqas** ukoll **l-inċertezzi fuq l-iskedi ta' żmien** matul il-proċess tat-traspożizzjoni tipikament assoċjati ma' Direttiva f'qasam fejn iż-żmien u ċ-ċertezza legali huma ta' importanza kritika minħabba ż-żidiet imbassra fid-daqs tas-suq u l-bidliet fid-dinamiċi tas-suq b'mod aktar ġenerali.

L-istrument tfassal ukoll bħala sistema dinamika valida għall-futur sabiex tkun tista' **tadatta għall-iżviluppi tas-suq u għal *data* u evidenza xjentifika ġodda**. Għal dan il-għan, **huma previsti numru ta' setgħat għall-Kummissjoni**, li se jippermettu l-iżvilupp ta' miżuri ta' implimentazzjoni, fost l-oħrajn sabiex jiġi ppubblikat ir-riżultat tal-valutazzjoni komparattiva tal-pajjiżi u sabiex jiġu riveduti l-komoditajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET KONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Din l-inizjattiva tibni fuq is-sejbiet tal-Kontroll tal-Idoneità tal-EUTR u r-Regolament FLEGT, li twettaq fl-istess ħin mal-Valutazzjoni tal-Impatt għal dan ir-Regolament.

Fir-rigward tal-EUTR, il-Kontroll tal-Idoneità wera li l-EUTR irriżulta f'sitwazzjoni mtejba f'pajjiżi terzi, inkluż f'pajjiżi li għażlu li ma jinvolvux ruħhom fil-proċessi tal-VPA. Is-sħab kummerċjali ewlenin tal-UE ħadu passi sabiex isaħħu s-sistemi ta' governanza tal-foresti tagħhom u jnaqqsu l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-EUTR. L-EUTR – anke jekk jiġi mxekkel minn numru ta' dgħufijiet fl-isfidi tat-tfassil u tal-infurzar tiegħu – wera xi riżultati pożittivi kemm f'termini ta' effettività kif ukoll ta' effiċjenza. Il-kopertura dinjija tiegħu pprovdiet lill-UE b'bażi sabiex taħdem mill-qrib flimkien ma' pajjiżi konsumaturi oħrajn. Pajjiżi konsumaturi oħrajn u sħab kummerċjali madwar id-dinja adottaw approċċi leġiżlattivi simili għall-EUTR. Fil-kuntest usa' tad-deforestazzjoni, dan huwa partikolarment importanti sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni, peress li juri li l-UE, anke b'sehem mis-suq li qiegħed jonqos, jista' jkollha impatt u tkun minn ta' quddiem nett fuq livell globali.

Minkejja l-isfidi esperjenzati fl-implimentazzjoni tiegħu, is-sejbiet tal-Kontroll tal-Idoneità juru li l-approċċ adottat għall-EUTR – id-diliġenza dovuta – jippermetti flessibbiltà sabiex jiġu indirizzati sfidi ġodda u emerġenti marbuta mal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u mat-tibdil illegali fl-użu tal-art. Ir-rekwiżit ġenerali (id-diliġenza dovuta) applikabbli għall-operaturi kollha bbażati fl-UE jippermetti wkoll li r-Regolament ikun flessibbli għall-bidliet fix-xejriet kummerċjali u għall-bidliet fil-profili tar-riskju tal-pajjiżi. L-alternattiva proposta se tintegra u tagħmel titjib abbażi tal-qafas stabbilit bil-EUTR, li għalhekk jiġi revokat.

Il-proċedura ta' Diliġenza Dovuta stabbilita skont l-EUTR se tiġi adattata u mtejba f'dan ir-Regolament, permezz tal-introduzzjoni ta' karatteristiċi ġodda bħad-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta (l-Artikolu 4), ir-rekwiżit ta' informazzjoni ġeografika jew il-ġeolokalizzazzjoni, ir-rabta tal-komoditajiet u tal-prodotti mal-biċċa art fejn ikunu ġew prodotti (l-Artikolu 9), iż-żieda fil-kooperazzjoni mad-dwana (l-Artikoli 14 u 24), il-livelli minimi ta' spezzjoni (l-Artikolu 14) kif ukoll il-valutazzjoni komparattiva tal-pajjiżi (l-Artikoli 25 u 26).

Fir-rigward tar-Regolament FLEGT, il-Kontroll tal-Idoneità kkonferma l-kisbiet tal-Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPAs) FLEGT f'termini ta' parteċipazzjoni mtejba tal-partijiet konċernati u oqfsa mtejba ta' governanza tal-foresti fil-pajjiżi sħab u, fl-istess ħin, enfasizza numru ta' nuqqasijiet tiegħu. Dan indika wkoll li hemm evidenza limitata li l-VPAs ġeneralment kkontribwew għat-tnaqqis tal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam. Filwaqt li s-sistema tal-UE stabbilita skont ir-Regolament tkun għodda effiċjenti sabiex jitnaqqsu l-kostijiet ta' konformità għall-operaturi tal-UE, l-istrument ewlieni għall-operazzjonalizzazzjoni tagħha, jiġifieri l-VPAs, ma tax riżultati tajbin. Waħda mill-problemi ewlenin fir-rigward tar-Regolament FLEGT hija l-fatt li s-sħab kummerċjali ewlenin tal-UE ma wrewx interess li jinvolvu ruħhom fil-proċessi tal-VPA, u dan wassal sabiex 3 % biss tal-importazzjonijiet tal-injam lejn l-UE huma koperti minn sistema operazzjonali tal-VPA. Tul 15-il sena wara li l-Pjan ta' Azzjoni FLEGT stabbilixxa l-bażi għal dawn il-proċessi fl-2003, pajjiż wieħed biss mill-15 li magħhom l-UE involviet ruħha fi proċess ta' VPA, għandu

sistema ta' liċenzjar FLEGT operatorja fis-seħħ u pajjiż wieħed biss mill-aqwa 10 sħab kummerċjali tal-injam tal-UE huwa involut fi proċess ta' VPA.

Sabiex jiġu rispettati l-impenji bilaterali li daħlet għalihom l-Unjoni Ewropea u sabiex jiġi ppreservat il-progress miksub mal-pajjiżi sħab li għandhom sistema operatorja fis-seħħ (stadju ta' liċenzjar FLEGT), dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjoni li tiddikjara li l-injam kopert minn liċenzja FLEGT jissodisfa r-rekwiżit ta' legalità. Xi komponenti tal-VPA jistgħu jiġu integrati fejn ikun fattibbli u bi qbil mis-sħab fi programmi speċifiċi ta' kooperazzjoni, bħas-Sħubijiet dwar il-Foresti jew oħrajn sabiex jappoġġaw aktar il-governanza tal-foresti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati**

Il-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa (OPC) imwettqa mill-Kummissjoni fl-2020 irċeviet kważi 1,2 miljun tweġiba. Il-maġġoranza tal-partijiet konċernati qablu dwar il-ħtieġa ta' intervent fil-livell tal-UE sabiex jitnaqqas il-kontribut tal-UE għad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti globali. Il-biċċa l-kbira tal-partijiet konċernati qablu wkoll li jistabbilixxu definizzjoni tal-UE għal "mingħajr deforestazzjoni" bħala rekwiżit tal-intervent ta' politika.

F'termini ta' miżuri ta' politika, l-OPC uriet appoġġ qawwi għal alternattivi legalment vinkolanti (rekwiżit ta' mingħajr deforestazzjoni, diliġenza dovuta obbligatorja, ċertifikazzjoni pubblika obbligatorja, ecc.) filwaqt li miżuri mhux vinkolanti u volontarji, bħad-diliġenza dovuta volontarja, it-tikkettar volontarju jew iċ-ċertifikazzjoni privata volontarja tqiesu bħala neqsin mill-effettività. Il-maġġoranza l-kbira tal-partijiet konċernati — l-assoċjazzjonijiet tan-negozji u l-NGOs — appoġġaw reġim obbligatorju ta' diliġenza dovuta, għalkemm id-dettalji preferuti ta' din is-sistema jvarjaw minn rispondent għal ieħor. Il-konklużjonijiet dettaljati mill-konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati, inkluż il-Feedback dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu, is-sejbiet tal-OPC u l-eżitu tal-konsultazzjoni mmirata mal-partijiet konċernati, huma inklużi fl-Anness 2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

F'konformità mat-tħabbira li saret fil-Komunikazzjoni tal-2019, il-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 u l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, din l-inizjattiva tiffoka fuq il-foresti. Il-Parlament Ewropew u l-NGOs kienu favur l-inklużjoni ta' ekosistemi oħra. Abbażi tal-esperjenza bil-leġiżlazzjoni eżistenti, tali espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tqieset prematura peress li n-nuqqas ta' esperjenza prattika jkun ta' detriment għall-effettività u l-eżegwibilità tal-miżuri ta' politika li b'dan ġew valutati. Madankollu, il-ħtieġa u l-fattibbiltà li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu sabiex jiġu koperti wkoll ekosistemi oħra se jiġu evalwati bħala parti minn rieżami bikri.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Sabiex tappoġġa l-analiżi tal-alternattivi differenti, il-Kummissjoni tat **kuntratt ta' appoġġ** lill-esperti esterni, sabiex iwettqu żewġ studji "*Valutazzjoni tal-impatt fuq il-miżuri min-naħa tad-domanda biex tiġi indirizzata d-deforestazzjoni*", u "*Studju ta' appoġġ għal Kontroll tal-Idoneità tal-EUTR u tar-Regolament FLEGT*". Dawn l-istudji pprovdew parti mill-analiżi u *data* sottostanti għall-alternattivi ta' politika ppreżentati fil-Valutazzjoni tal-Impatt u, min-naħa l-oħra, f'dan ir-Regolament. Din l-inizjattiva tibni wkoll fuq is-sejbiet tat-tielet studju li jiffoka fuq "*Skemi ta' ċertifikazzjoni u verifika fis-Settur tal-Foresti u għall-Prodotti bbażati fuq l-Injam*" li twettaq fl-istess ħin mal-Valutazzjoni tal-Impatt.

Il-Kummissjoni użat ukoll inputs ipprovduti matul il-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti/il-Pjattaforma ta' diversi Partijiet Konċernati dwar il-Protezzjoni u r-Restawr tal-Foresti tad-Dinja tal-Kummissjoni, inkluż l-EUTR u r-Regolament FLEGT. Mit-tnedija tal-pjan

direzzjonali għal din l-inizjattiva leġiżlattiva fi Frar tal-2020, il-grupp iltaqa' disa' darbiet f'konfigurazzjonijiet differenti — u kien jinkludi erba' workshops speċifiċi sabiex jinġabru inputs dwar l-alternattivi ta' politika studjati fil-Valutazzjoni tal-Impatt.

Flimkien mal-istudji ta' appoġġ imsemmija hawn fuq, il-laqgħat tal-Grupp ta' Esperti, u l-konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati, il-Kummissjoni tat ukoll attenzjoni mill-qrib lir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2020 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas legali tal-UE sabiex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha (2020/2006 (INL)), kif ukoll il-pożizzjonijiet espressi mill-Kunsill tal-UE, partikolarment il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-2019.[11]

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Total ta' 17-il miżura ta' politika ġew ikkunsidrati fl-iskrinjar inizjali tal-vijabbiltà mwettaq fil-Valutazzjoni tal-Impatt preparatorja. Din il-lista inizjali ta' miżuri potenzjali kopriet firxa wiesgħa ta' interventi possibbli, inkluż kemm strumenti regolatorji kif ukoll mhux regolatorji. L-iskrinjar tal-vijabbiltà vvaluta kull miżura ta' politika skont numru ta' kriterji bħall-fattibbiltà u l-proporzjonalità legali, tekniċi, politiċi, l-effettività u l-effiċjenza potenzjali tagħhom kif ukoll il-feedback riċevut mill-partijiet konċernati, mill-Istati Membri tal-UE u minn pajjiżi terzi.

Abbażi tal-iskrinjar tal-vijabbiltà, inżammu ħames alternattivi ta' politika u ġew studjati f'aktar dettall: 1) Proċedura ta' diliġenza dovuta obbligatorja mtejba; 2) sistema ta' valutazzjoni komparattiva u lista ta' operaturi li jiksru l-liġi flimkien ma' sistema ta' diliġenza dovuta obbligatorja mtejba b'diversi livelli; 3) ċertifikazzjoni pubblika obbligatorja flimkien ma' rekwiżit ta' diliġenza dovuta mtejba; 4) tikkettar obbligatorju flimkien ma' rekwiżit ta' diliġenza dovuta mtejba; 5) rekwiżit ta' mingħajr deforestazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq tal-UE appoġġat minn valutazzjoni komparattiva u sistemi ta' karti ta'twissija lill-pajjiżi.

L-alternattivi ta' politika kollha kkunsidrati jibnu fuq elementi komuni: 1) Definizzjoni ta' mingħajr deforestazzjoni, ibbażata fuq id-definizzjoni tal-FAO, li l-prodotti jeħtieġ li jikkonformaw magħha; u rekwiżit addizzjonali sabiex il-prodotti jkunu legali skont il-liġijiet tal-pajjiż tal-produzzjoni; 2) Kamp ta' applikazzjoni tal-prodott, li jiġi rieżaminat u aġġornat regolarment, filwaqt li jiffoka fuq komoditajiet bl-ogħla deforestazzjoni inkorporata fl-UE (iċ-ċanga, iż-żejt tal-palm, is-sojja, l-injam, il-kawkaw, u l-kafè) u prodotti relatati; 3) Projbizzjoni fuq l-introduzzjoni fis-suq tal-UE ta' komoditajiet u prodotti li huma assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li ma ġewx prodotti f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli u rilevanti tal-pajjiżi produtturi. L-alternattivi 2 sa 4 huma kkombinati ma' rekwiżit ta' diliġenza dovuta obbligatorja kif propost taħt l-alternattiva 1.

L-alternattiva ppreferuta kienet in-numru 2. Din tgħaqqad rekwiżit ta' diliġenza dovuta ma' sistema ta' valutazzjoni komparattiva tal-pajjiżi li se tikkategorizza lill-pajjiżi filwaqt li tqis id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti marbuta mal-komoditajiet rilevanti flimkien ma' kriterji relatati mal-involviment tal-pajjiżi fil-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti. Se jkun hemm tliet kategoriji ta' pajjiżi — b'riskju baxx, standard u għoli. L-obbligi għall-operaturi u għall-awtoritajiet tal-Istati Membri se jvarjaw skont il-livell

[11] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja - Konklużjonijiet tal-Kunsill (15151/19 tas-16 ta' Diċembru 2019)

ta' riskju li jirrappreżenta l-pajjiż tal-produzzjoni, bi dmirijiet simplifikati ta' diliġenza dovuta għal riskju baxx u skrutinju mtejjeb għal pajjiżi b'riskju għoli.

Huwa mistenni li l-alternattiva ppreferuta tipprevjeni d-deforestazzjoni xprunata mill-konsum u l-produzzjoni tal-UE tas-sitt komoditajiet inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni, b'benefiċċji mbassra ferm ogħla minn 71 920 ettaru ta' foresti anqas affettwati mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti xprunati mill-UE kull sena sal-2030. Dan ikun ifisser ukoll tnaqqis ta' mill-anqas 31,9 miljun tunnellata metrika ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-atmosfera kull sena minħabba l-konsum u l-produzzjoni tal-UE tal-komoditajiet rilevanti, li jistgħu jirriżultaw f'iffrankar ekonomiku ta' mill-anqas EUR 3,2 biljun fis-sena. Barra minn hekk, din l-alternattiva hija mistennija li tikkontribwixxi deċiżament għall-protezzjoni tal-bijodiversità li min-naħa tagħha hija marbuta wkoll b'mod qawwi mal-prevenzjoni tat-tibdil fil-klima.

Din l-alternattiva jenħtieġ li tikkontribwixxi wkoll għall-ilħuq tal-objettivi speċifiċi tal-intervent tal-UE, jiġifieri l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji li joperaw fis-suq tal-UE; il-minimizzazzjoni tal-konsum ta' prodotti li ġejjin minn ktajjen tal-provvista assoċjati mad-deforestazzjoni jew mad-degradazzjoni tal-foresti; u ż-żieda fid-domanda tal-UE għal komoditajiet u prodotti legali u "mingħajr deforestazzjoni" u l-kummerċ tagħhom. Id-detenturi żgħar li jipproduċu l-komoditajiet rilevanti jistgħu jiffaċċjaw sfidi ta' adattament. Dawn il-fatturi kollha huma mistennija li jiġu mitigati sad-data ta' skadenza proposta tal-2020, peress li l-biċċa l-kbira tal-prodotti li bħalissa jinsabu fil-kummerċ jiġu akkwistati minn art li tkun tqiegħdet fil-produzzjoni qabel l-2020.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Dan ir-Regolament huwa mistenni li joħloq kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji li joperaw fis-suq tal-UE. Il-produtturi li jimplimentaw produzzjoni aktar sostenibbli u ktajjen tal-provvista trasparenti huma mistennija li jiksbu sehem fis-suq tal-UE u jżidu l-kompetittività tagħhom meta mqabbla mal-produtturi li jikkawżaw id-deforestazzjoni, indipendentement mid-daqs tagħhom. L-ixprunatur ewlieni għall-kostijiet tal-obbligi ta' diliġenza dovuta huwa l-kumplessità tal-ktajjen tal-provvista u r-riskji assoċjati mal-pajjiż tas-sors, u mhux id-daqs tal-kumpaniji.

Filwaqt li l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta (u, fejn meħtieġ, it-trasferiment tal-ktajjen tal-provvista) tista' tkun aktar ta' sfida għall-SMEs, ir-rekwiżit ta' diliġenza dovuta kkombinat ma' valutazzjoni komparattiva jippermetti lill-operaturi u lin-negozjanti tal-SMEs jibbenefikaw minn kostijiet aktar baxxi tad-diliġenza dovuta simplifikata billi jagħżlu prodotti li jirriżultaw minn ktajjen tal-provvista b'riskju baxx.

Il-proposta tinkludi "Sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni" (l-Artikolu 29) li tippermetti l-ipproċessar elettroniku tal-informazzjoni kemm bejn l-awtoritajiet kompetenti kif ukoll bejn dawn u l-operaturi ekonomiċi. Din is-sistema se tiffaċilita u tissimplifika d-dmirijiet tal-operaturi u l-infurzar mill-awtoritajiet kompetenti.

- **Drittijiet fundamentali**

L-alternattiva ta' politika proposta se tirrikjedi li l-prodotti jkunu ġew prodotti f'konformità mad-definizzjoni ta' mingħajr deforestazzjoni u mal-liġijiet tal-pajjiż tal-produzzjoni. Dan ifisser li l-liġijiet dwar ix-xogħol, l-ambjent u d-drittijiet tal-bniedem applikabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni (kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali) se jkollhom jitqiesu meta tiġi valutata l-konformità tal-prodotti ma' din l-inizjattiva. Dan jinkludi d-drittijiet tal-popli indiġeni, li

huma mistennija jikkontribwixxu għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' komunitajiet lokali vulnerabbli.

Fil-livell tal-Unjoni, il-proposta tirrispetta l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u partikolarment l-Artikolu 2 tagħha (id-dritt għall-ħajja), l-Artikolu 8 (il-protezzjoni tad-*data* personali), l-Artikolu 16 (il-libertà li wieħed iwettaq negozju), l-Artikolu 17 (id-dritt għall-proprjetà) u l-Artikolu 37 (il-protezzjoni ambjentali).

F'konformità mal-Artikolu 52(1) tal-Karta, kwalunkwe limitazzjoni fuq l-eżerċitar tad-drittijiet u l-libertà rikonoxxuti mill-Karta minn din il-proposta leġiżlattiva hija pprovduta mil-liġi u tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Suġġett għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet biss fejn ikun meħtieġ u jekk dawn ġenwinament jilħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn. L-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent jikkostitwixxi, partikolarment, objettiv ta' interess ġenerali rikonoxxut mill-Karta li jista' jiġġustifika limitazzjonijiet għal drittijiet fundamentali oħra.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża ma' din il-proposta tistabbilixxi l-implikazzjonijiet tar-riżorsi baġitarji, umani u amministrattivi.

Huwa previst baġit totali ta' EUR 16 519 000 għat-twaqqif u l-implimentazzjoni tar-Regolament matul l-ewwel ħames snin tal-operat (previst proviżorjament mill-2023 sal-2027.) Dan jinkludi baġit ta' EUR 6 650 000 skont l-Intestatura 7 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għar-riżorsi umani (ħames membri tal-persunal addizzjonali fid-DĠ ENV li jimplimentaw ir-Regolament u l-kooperazzjoni internazzjonali, żewġ membri tal-persunal addizzjonali fid-DĠ INTPA għall-kooperazzjoni u l-iżvilupp relatati u membru wieħed tal-persunal fid-DĠ TAXUD għall-implimentazzjoni tal-obbligi tad-dwana) u spejjeż amministrattivi oħrajn. Dan jinkludi wkoll baġit ta' EUR 9 869 000 skont l-Intestatura 3 tal-QFP. Dan tal-aħħar huwa marbut mal-appoġġ ta' diversi kompiti ta' implimentazzjoni relatati mad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi li se jitwettqu mis-servizzi tal-Kummissjoni mill-2022 sal-2027, inkluż l-akkwist u l-arranġamenti amministrattivi potenzjali.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-awtoritajiet tal-Istati Membri (partikolarment l-awtoritajiet kompetenti kif deskritti fil-Kapitolu 3) huma responsabbli għall-infurzar ta' dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, huma għandhom ifasslu pjanijiet ta' spezzjoni bbażati fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju, filwaqt li jqisu l-livell ta' riskju assenjat permezz tas-sistema ta' valutazzjoni komparattiva tal-pajjiżi. Il-qafas ta' rapportar stabbilit fl-Artikolu 20 jibni fuq l-esperjenza tal-EUTR u għandu l-għan li jsaħħaħ ir-rieżami tal-attività ta' monitoraġġ tal-Istati Membri, il-kontenut u l-kwalità tal-verifiki kif ukoll is-segwitu tagħhom.

Is-sistema jenħtieġ li tiġi rieżaminata wara tliet snin ta' operazzjoni sħiħa sabiex tiġi identifikata kwalunkwe kwistjoni u titjib potenzjali, u kull ħames snin wara dan. L-Artikolu 32 jipprevedi b'mod speċifiku li l-ewwel rieżami jenħtieġ li jinkludi valutazzjoni tal-ħtieġa u

tal-fattibbiltà li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament jiġi estiż għal ekosistemi oħra. Barra minn hekk, mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ, il-Kummissjoni se twettaq l-ewwel rieżami tal-Anness I, wara indikazzjonijiet ipprovduti minn evidenza xjentifika.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

  - *Artikolu 1: Suġġett u kamp ta' applikazzjoni*

L-Artikolu 1(1) jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni *rationae materiae* tar-Regolament billi jiddefinixxi "komoditajiet rilevanti" (jiġifieri l-bhejjem tal-ifrat, il-kawkaw, il-kafè, il-palm taż-żejt, is-sojja u l-injam) u prodotti rilevanti, (jiġifieri dawk elenkati fl-Anness I, li jkun fihom, ikunu ġew mitmugħa jew ikunu ġew prodotti permezz tal-komoditajiet rilevanti), li għalihom se japplika dan ir-Regolament. Dan jikkjarifika wkoll li r-Regolament se japplika bl-istess mod għall-introduzzjoni u għat-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, kif ukoll għall-esportazzjoni mill-Unjoni.

Il-paragrafu 2 jikkjarifika l-applikazzjoni *rationae temporis* ta' dan ir-Regolament, li jistabbilixxi li dan mhux se jkun applikabbli għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti introdotti fis-suq tal-Unjoni jew esportati minnu li jkunu ġew prodotti qabel id-data tad-dħul fis-seħħ, kif previst fl-Artikolu 36.

  - *Artikolu 2: Definizzjonijiet*

L-Artikolu 2 jistabbilixxi d-definizzjonijiet użati matul il-bqija tal-parti operattiva tar-Regolament. Dawn jinkludu definizzjonijiet [il-paragrafi (1) sa (8)] meħtieġa sabiex jagħmlu operazzjonali l-objettiv ewlieni tal-istrument, eż. id-deforestazzjoni, il-foresti, il-pjantaġġuni, mingħajr deforestazzjoni u prodotti. Id-definizzjonijiet jiddependu sa fejn ikun possibbli minn kunċetti żviluppati fil-livell internazzjonali, partikolarment fi ħdan l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO).

L-istabbiliment ta' definizzjoni ta' mingħajr deforestazzjoni huwa wieħed mill-innovazzjonijiet ewlenin tar-Regolament propost b'rabta mar-Regolament tal-UE dwar l-Injam. Ir-riżultati tal-Valutazzjoni tal-Impatt juru li l-istabbiliment ta' rekwiżit komuni għall-prodotti u l-komoditajiet, irrispettivament mill-pajjiż tal-produzzjoni tagħhom, huwa mistenni li jżid l-effettività tal-intervent ta' politika billi jipprevjeni lakuni assoċjati mad-deforestazzjoni legali u billi jiffaċilita l-implimentazzjoni permezz ta' monitoraġġ mill-bogħod. Barra minn hekk, id-definizzjoni ta' mingħajr deforestazzjoni hija mistennija li tipprevjeni l-ħolqien ta' inċentivi ħżiena għall-pajjiżi sħab, li inkella jistgħu jitħajru jbaxxu l-istandards ambjentali sabiex jiffaċilitaw l-aċċess tal-prodotti tagħhom għall-UE jekk fil-proposta jkunu ġew stabbiliti biss kontrolli tal-legalità.

Id-definizzjoni ta' mingħajr deforestazzjoni tistabbilixxi data ta' skadenza tal-31 ta' Diċembru 2020. Dan ifisser li l-ebda komodità u prodott fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament ma jitħalla jidħol jew joħroġ mis-suq tal-UE jekk ikun ġie prodott fuq art soġġetta għad-deforestazzjoni jew id-degradazzjoni tal-foresti wara dik id-data. Id-data proposta timminimizza t-tfixkil tal-ktajjen tal-provvista u l-impatti negattivi potenzjali fil-pajjiżi sħab. Dan jikkorrispondi għall-impenji internazzjonali sabiex titwaqqaf id-deforestazzjoni, pereżempju, kif inkluż fl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (l-Għan 15.2.)

Il-bqija tad-definizzjonijiet [il-paragrafi (9) sa (30)] jirreferu għad-detenturi tad-dmirijiet u għall-attivitajiet regolati, bħall-operatur, in-negozjant, l-introduzzjoni fis-suq, it-tqegħid fis-suq eċċ. Sa fejn ikun possibbli, dawn huma bbażati fuq kunċetti li diġà jeżistu fid-dritt tal-Unjoni fil-leġiżlazzjoni rilevanti tas-suq intern u tad-dwana, u jindirizzaw ukoll kwistjonijiet speċifiċi li rriżultaw mill-implimentazzjoni tal-EUTR. Id-definizzjonijiet inbidlu ftit fir-

rigward tal-Valutazzjoni tal-Impatt bil-għan li tiżdied il-preċiżjoni legali tagħhom u jiġu akkomodati l-iżviluppi l-ġodda fil-leġiżlazzjoni relatata tal-UE.

- *Artikolu 3: Projbizzjoni*

L-Artikolu 3 iservi bħala l-pedament tar-Regolament billi jiddeskrivi b'mod ċar il-projbizzjoni tal-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, jew l-esportazzjoni mis-suq tal-Unjoni, il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fil-kamp ta' applikazzjoni li ma humiex konformi ma' dan ir-Regolament, flimkien mal-kjarifika li dejjem tkun meħtieġa dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta meta jitwettqu tali attivitajiet kummerċjali. Ir-referenza għad-deforestazzjoni (a) u l-legalità (b) hija meħtieġa sabiex tippermetti li jiġu indirizzati komprensivament l-objettivi ewlenin ta' dan ir-Regolament.

Il-projbizzjoni f'(c) tikkomplementa lill-oħrajn billi toħloq obbligu ġenerali li jiġu sottomessi dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta meta jitqiegħdu l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq. Din il-projbizzjoni tiżgura li l-operaturi jsiru konxji tad-dmirijiet tagħhom li jeżerċitaw diliġenza dovuta u jiġu skoraġġuti milli jħallu barra proċeduri ta' diliġenza dovuta. Abbażi tal-esperjenza tal-EUTR, dan ir-rekwiżit se jiffaċilita l-infurzar u, fejn meħtieġ, azzjoni legali sabiex jiġi rimedjat jew sanzjonat tali ksur.

- *Artikolu 4: obbligi tal-operaturi*

L-Artikolu 4 jiddefinixxi l-obbligi għall-operaturi skont ir-Regolament. Dan jiddeskrivi l-proċedura ta' diliġenza dovuta u għalhekk iservi bħala r-regola ġenerali dwar l-obbligi tal-operaturi. Il-paragrafu 1 iqiegħed fuq l-operaturi l-obbligu li jwettqu diliġenza dovuta għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti kollha sabiex jiżguraw il-konformità tagħhom mal-projbizzjoni tal-Artikolu 3(a) u (b) u sabiex jissottomettu dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta qabel ma jintroduċuhom fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw minnu. L-informazzjoni meħtieġa mid-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta hija spjegata fl-Anness II.

Il-paragrafu 2 jiddeskrivi l-proċedura speċifika li tirregola s-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta. Wara li jasal għall-konklużjoni li l-komodità jew il-prodott rilevanti huwa konformi mar-Regolament, l-operatur jeħtieġlu jissottometti dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta fis-sistema ta' informazzjoni (ara l-Artikolu 31) qabel ma l-komodità jew il-prodott jiġu introdotti fis-suq. Għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jitqiegħdu taħt rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni, trid issir referenza fid-dikjarazzjoni doganali għad-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta, li se tippermetti l-kooperazzjoni mill-qrib meħtieġa bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti. Skont il-paragrafu 3, l-operaturi jassumu r-responsabbiltà għall-konformità tal-prodotti billi jfasslu dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta. Il-paragrafu 4 jirrikjedi espliċitament li l-operaturi jżommu lura milli jqiegħdu fis-suq jew jesportaw mingħajr ma jissottomettu minn qabel dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta. Il-paragrafu 5 jistabbilixxi l-istess obbligu meta (1) il-prodotti jew il-komoditajiet rilevanti ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' "mingħajr deforestazzjoni" jew "legalità", jew (2) meta d-diliġenza dovuta tkun waslet għall-konklużjoni li r-riskju li ma jkunux konformi ma huwiex negliġibbli jew (3) meta ma tkunx tlestiet il-proċedura ta' diliġenza dovuta. Il-paragrafu 6 jobbliga lill-operaturi jieħdu azzjoni u jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti jekk informazzjoni ġdida ssir disponibbli wara li tkun ġiet konkluża l-proċedura ta' diliġenza dovuta u d-dikjarazzjoni sottomessa.

- *Artikolu 6: Obbligi tan-negozjanti*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, bħal fil-EUTR, negozjant jista' jiġi definit bħala "kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, matul attività kummerċjali, tqiegħed fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti rilevanti" [l-Artikolu 2(j)]. Ġeneralment, in-negozjanti huma soġġetti għal obbligi anqas stretti mill-operaturi peress li saż-żmien li negozjant ikun jista' jiddisponi minn komoditajiet jew prodotti rilevanti, dawn ikunu diġà ġew introdotti fis-suq. Madankollu, in-negozjanti, speċjalment in-negozjanti kbar għandhom influwenza sinifikanti fuq il-ktajjen tal-provvista u għandhom rwol importanti fl-iżgurar li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jkunu mingħajr deforestazzjoni.

Din hija r-raġuni għaliex dan l-Artikolu jiddistingwi bejn l-obbligu applikabbli għal negozjanti kbar li ma humiex intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u l-obbligi applikabbli għal negozjanti li huma SMEs. Skont il-paragrafi 2 u 3, in-negozjanti li huma SMEs huma meħtieġa jiġbru rekord tal-fornituri u tal-klijenti tagħhom, iżommu dik l-informazzjoni għal mill-anqas ħames snin u jagħmlu din l-informazzjoni disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fuq talba. Dan ir-rekwiżit huwa stmat li jinvolvi biss kostijiet negliġibbli, peress li tali informazzjoni tista' tkun mistennija li tkun parti mill-operat normali tan-negozju. Negozjanti li huma SMEs huma wkoll mistennija jieħdu azzjoni u jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti jekk issir disponibbli informazzjoni ġdida dwar in-nuqqas ta' konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti tagħhom (il-paragrafu 4)

Min-naħa l-oħra, negozjanti kbar li ma humiex SMEs huma soġġetti għall-istess obbligi bħall-operaturi (il-paragrafu 5). Għalhekk, negozjanti kbar għandhom jissottomettu dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta skont l-Artikolu 4, u b'hekk isiru responsabbli għall-konformità tal-komodità jew tal-prodott rilevanti ma' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, huma soġġetti għall-istess proċedura ta' diliġenza dovuta mill-operaturi: minbarra l-ġbir tal-informazzjoni, huma wettqu valutazzjoni tar-riskju skont l-Artikolu u, fejn meħtieġ, mitigazzjoni tar-riskju skont l-Artikolu 10. In-negozjanti li huma SMEs huma eżentati minn dawn l-obbligi. Bl-istess mod, in-negozjanti l-kbar huma soġġetti għall-istess verifiki fuq l-operaturi kif previst fl-Artikolu 15, filwaqt li n-negozjanti li huma SMEs huma soġġetti għall-kontrolli msemmija fl-Artikolu 16.

- *Artikolu 8: Diliġenza dovuta*

L-Artikolu 8 jiddeskrivi l-proċedura ta' diliġenza dovuta li tikkostitwixxi l-obbligu tal-operaturi skont l-Artikolu 4(1) u n-negozjanti li ma humiex SMEs skont l-Artikolu 6(5). Kwalunkwe proċedura ta' diliġenza dovuta jenħtieġ li tiżgura li r-riskju ta' komoditajiet jew prodotti rilevanti mhux konformi li jiġu introdotti fis-suq tal-UE jew jiġu esportati minnu jkun negliġibbli. Sabiex jagħmlu dan, l-operaturi u n-negozjanti li ma humiex SMEs għandhom jiġbru l-informazzjoni rilevanti kollha (kif indikat fl-Artikolu 9) – l-ewwel pass tal-proċess ta' diliġenza dovuta. Abbażi ta' dik l-informazzjoni, huma għandhom jidentifikaw u jivvalutaw ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità possibbli tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament [l-Artikolu 10(1) sa (4) u 10(6)] – it-tieni pass tal-proċess ta' diliġenza dovuta. Fejn meħtieġ, huma għandhom jimmitigaw adegwatament dawn ir-riskji għal livell negliġibbli [l-Artikolu 10(5)] – it-tielet pass tal-proċess ta' diliġenza dovuta.

Jeħtieġ li titwettaq diliġenza dovuta qabel kwalunkwe tqegħid ta' komoditajiet u prodotti rilevanti fis-suq tal-UE jew qabel l-esportazzjoni mis-suq tal-UE. Jekk il-konklużjoni tal-valutazzjoni tar-riskju tkun li r-riskju ta' komoditajiet jew ta' prodotti mhux konformi li jidħlu fis-suq tal-UE ma jkunx negliġibbli, l-operatur jeħtieġ li jieħu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li huma adegwati sabiex inaqqsu r-riskju għal livell negliġibbli. Jekk ma jkun hemm l-ebda aċċess għal-leġiżlazzjoni applikabbli jew għal informazzjoni rilevanti oħra, ir-riskju ma

jistax jiġi valutat bis-sħiħ u b'hekk ma jiġix mitigat għal livell negliġibbli. Jekk ir-riskju ma jkunx jista' jiġi mitigat għal livell negliġibbli, l-operatur ma għandux jintroduċi l-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti fis-suq tal-UE [l-Artikolu 10(1)].

- *Artikolu 9: Rekwiżiti ta' informazzjoni*

Innovazzjoni kbira meta mqabbla mal-EUTR, hija l-obbligu ta' informazzjoni ġeografika li jinsab fl-Artikolu 9, li jirrikjedi li l-operaturi jiġbru l-koordinati ġeografiċi (jew il-ġeolokalizzazzjoni permezz tal-latitudni u l-lonġitudni) tal-biċċa/biċċiet art(ijiet) kollha fejn ikunu ġew prodotti l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti. Peress li d-deforestazzjoni hija marbuta mat-tibdil fl-użu tal-art, il-monitoraġġ tad-deforestazzjoni jirrikjedi rabta preċiża bejn il-komodità jew il-prodott introdott fis-suq tal-UE jew esportat minnu u l-biċċa art fejn dan ikun ġie mkabbar jew imrobbi.

Ir-rekwiżit tal-biċċa art jew tal-farm fejn tkun ġiet prodotta l-komodità jippermetti l-użu ta' immaġnijiet u pożizzjonament satellitari – għodod diġitali disponibbli b'mod wiesa' u mingħajr ħlas – sabiex jiġi vverifikat jekk prodott jew komodità huwiex konformi jew le. L-informazzjoni ġeografika dwar il-biċċa art u l-monitoraġġ bis-satellita hija kombinazzjoni ttestjata fuq il-post li fil-passat uriet li kapaċi tnaqqas id-deforestazzjoni f'żona partikolari u hija mistennija li tagħti spinta lill-effettività tal-intervent ta' politika, filwaqt li l-frodi fil-ktajjen tal-provvista ssir aktar kumplessa u faċilment identifikata. L-Unjoni żviluppat it-teknoloġija tagħha stess ta' Pożizzjonament, Navigazzjoni u Sinkronizzazzjoni (PNT) bis-satellita (EGNOS/Galileo), kif ukoll is-sistema tagħha stess ta' osservazzjoni u monitoraġġ tad-Dinja (Copernicus). Kemm EGNOS/Galileo kif ukoll Copernicus joffru servizzi avvanzati, li jipprovdu benefiċċji ekonomiċi importanti lill-utenti pubbliċi u privati. Għalhekk, l-immaġnijiet u l-pożizzjonament satellitari li jirriżultaw mill-użu ta' EGNOS/Galileo u Copernicus jistgħu jkunu parti mill-informazzjoni użata għall-kontrolli tal-konformità.

L-informazzjoni ġeografika li tgħaqqad il-prodotti ma' roqgħa art diġà tintuża mill-industrija u mill-organizzazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni, kif ukoll dwar il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE. Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tirrikjedi informazzjoni dwar iż-"żona tas-sors" għal pajjiżi problematiċi. Serje ta' regoli tal-UE tiżgura t-traċċabbiltà taċ-ċanga "mit-twelid sal-mewt," inkluż permezz ta' mezzi bħal ċomb tal-widnejn, passaporti tal-annimali bovini u databażi kompjuterizzata.

- *Artikolu 10: Valutazzjoni u mitigazzjoni tar-riskju*

L-Artikolu 10 jiddeskrivi l-passi li għandhom jittieħdu sabiex jiġi valutat u mitigat ir-riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti jiġu introdotti fis-suq. Bħala tali, dan l-Artikolu jiddeskrivi fid-dettall il-kriterji u l-modalitajiet għat-twettiq tal-valutazzjoni tar-riskju u l-mitigazzjoni tar-riskju – rispettivament il-pass 2 u l-pass 3 tal-proċedura ta' diliġenza dovuta kif introdotta fl-Artikolu 8. Il-paragrafu 1 tal-Artikolu 10 jikkjarifika l-għan tal-valutazzjoni tar-riskju, jiġifieri li jiġi identifikat nuqqas ta' konformità possibbli tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti ma' dan ir-Regolament, u jistabbilixxi l-obbligu ċentrali għall-operaturi li ma jintroduċux il-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq sakemm ma jkunux jistgħu juru li r-riskju ta' nuqqas ta' konformità huwa negliġibbli. Il-kunċett ta' riskju negliġibbli huwa definit fl-Artikolu 2(18) bħal meta valutazzjoni sħiħa kemm tal-informazzjoni speċifika għall-prodott kif ukoll tal-informazzjoni ġenerali dwar il-konformità mal-Artikoli 3(a) u 3(b) mill-komoditajiet jew mill-prodotti rilevanti ma turi l-ebda raġuni għal preokkupazzjoni.

Filwaqt li jibni fuq il-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju stabbiliti fl-EUTR, il-paragrafu 2 ikompli jikkwalifikahom u jipprovdi indikazzjonijiet addizzjonali lill-operaturi dwar l-elementi li għandhom jitqiesu, li jirriflettu l-fatt li dan ir-Regolament jiffoka kemm fuq il-legalità kif ukoll fuq is-sostenibbiltà (jiġifieri mingħajr deforestazzjoni). Lil hinn mil-livell ta' riskju stabbilit mis-sistema ta' valutazzjoni komparattiva tal-pajjiżi, il-lista tinkludi informazzjoni dwar il-pajjiż/iż-żona tal-produzzjoni, il-karatteristiċi tal-komodità u tal-prodott rilevanti u tal-katina tal-provvista, kif ukoll informazzjoni komplementari rilevanti oħra bħaċ-ċertifikazzjoni jew għodod oħra ta' verifika ta' partijiet terzi, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 9.

- *Artikolu 12: Diliġenza dovuta simplifikata*

L-Artikolu 12 jiddeskrivi l-obbligi li jirriżultaw mill-akkwist ta' komoditajiet u prodotti rilevanti minn pajjiż jew partijiet minnu li ġew valutati bħala riskju baxx skont il-valutazzjoni komparattiva tal-pajjiżi deskritt fil-Kapitolu 4. Meta l-pajjiż tal-produzzjoni jew partijiet minnu jkun ta' riskju baxx skont il-valutazzjoni komparattiva, l-operaturi jkunu għadhom taħt l-obbligu previst fl-Artikolu 9 – il-pass 1 tal-proċedura ta' diliġenza dovuta, jiġifieri li jiġbru informazzjoni, dokumenti u *data* li juru li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti huma konformi mal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament. Madankollu, dawn huma eżentati mit-twettiq tat-tieni u t-tielet pass tal-proċess ta' diliġenza dovuta, jiġifieri l-valutazzjoni tar-riskju u l-mitigazzjoni tar-riskju kif deskritti fl-Artikolu 10. Għalhekk, f'dan il-każ, fil-prinċipju l-operaturi ma humiex meħtieġa juru li r-riskju ta' nuqqas ta' konformità huwa negliġibbli.

Madankollu, jekk l-operatur isir konxju, pereżempju permezz tal-ġbir ta' informazzjoni, ta' kwalunkwe informazzjoni dwar riskju speċifiku ta' nuqqas ta' konformità, l-obbligi kollha tal-Artikolu 8, u għalhekk it-tliet passi kollha tal-proċedura ta' diliġenza dovuta, iridu jiġu ssodisfati [l-Artikolu 12(2)].

- *Artikolu 14: obbligi li jitwettqu l-verifiki*

L-Artikolu 14 jistabbilixxi l-obbligi ġenerali tal-awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament. Il-paragrafi 1 u 2 tiegħu jistabbilixxu l-obbligu ċentrali tal-awtoritajiet kompetenti li jwettqu verifiki fuq l-operaturi u n-negozjanti sabiex jivvalutaw il-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta, u sabiex jistabbilixxu wkoll jekk il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti introdotti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew esportati minnu humiex konformi mar-Regolament. Il-paragrafu 3 jirreferi għall-pjan ibbażat fuq ir-riskju, għodda ewlenija li jenħtieġ li tiggwida l-verifiki mwettqa mill-awtorità kompetenti. Il-pjanijiet għall-verifiki jenħtieġ li jinkludu kriterji tar-riskju sabiex titwettaq analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta. Il-pjanijiet jenħtieġ li jiġu rieżaminati regolarment fid-dawl tar-riżultati tal-implimentazzjoni tiegħu. Dawk l-operaturi u n-negozjanti li juru rekord konsistenti ta' konformità jenħtieġ li jkunu soġġetti għal frekwenza mnaqqsa ta' verifiki.

Il-paragrafu 4 jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta permezz ta' tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-*data* integrati fis-sistema tal-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 31.

Il-paragrafu 5 jistabbilixxi li l-analiżi tar-riskju jenħtieġ li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw l-operaturi jew in-negozjanti, jew il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, li għandhom jiġu vverifikati.

Il-paragrafu 6 jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu azzjoni immedjata f'każ li l-analiżi tar-riskju tiżvela li ċerti komoditajiet u prodotti jippreżentaw riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità. Tali azzjoni tista' tinvolvi miżuri *interim* sabiex jiġu sospiżi l-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-komoditajiet u tal-prodotti. Fil-każ ta' oġġetti li jidħlu jew li joħorġu

mis-suq tal-Unjoni, u ladarba l-interfaċċa elettronika stabbilita fl-Artikolu 26(1) tkun fis-seħħ, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet doganali jissospendu r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni tal-oġġetti b'riskju għoli.

Is-sospensjonijiet temporanji ta' komoditajiet u prodotti b'riskju għoli jenħtieġ li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu l-verifiki meħtieġa dwar il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti. Il-paragrafu 7 jistabbilixxi perjodu inizjali ta' sospensjoni ta' tlett ijiem tax-xogħol, li jista' jiġi estiż jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu jirrikjedu żmien addizzjonali.

Il-paragrafu 8 jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jiskambjaw informazzjoni u jikkoordinaw l-iżvilupp tal-kriterji tar-riskju inklużi fil-pjanijiet għall-verifiki. Dan jenħtieġ li jrawwem applikazzjoni uniformi tar-Regolament u jtejjeb l-effettività tiegħu.

Il-paragrafu 9 jistabbilixxi obbligu importanti għall-Istati Membri sabiex jiżguraw verifiki effettivi permezz tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Iż-żewġ parametri fl-użu jiggarantixxu li jiġi vverifikat ċertu numru ta' operaturi u negozjanti, filwaqt li jirrikjedu wkoll ċertu perċentwal tal-valur tas-suq f'kull kategorija ta' komoditajiet u prodotti. Approċċi f'dimensjoni waħda bħall-verifika ta' ftit operaturi u negozjanti b'sehem kbir mis-suq jew il-verifika ta' numru akbar ta' operaturi żgħar u negozjanti b'sehem negliġibbli mis-suq ma jagħtux l-effettività meħtieġa lil dan ir-Regolament u għalhekk huma esklużi fil-paragrafu 5. Il-perċentwali ta' kopertura huma meħtieġa sabiex jippermettu kontroll komprensiv tas-suq li jiskoraġġixxi ksur potenzjali.

Il-paragrafu 10 jirreferi għas-sistema ta' valutazzjoni komparattiva tal-pajjiżi u jistabbilixxi l-ħtieġa ta' skrutinju mtejjeb (l-Artikolu 20) imwettaq mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward ta' komoditajiet u prodotti li jkunu ġew prodotti f'pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minnhom. Għalhekk, dan jgħaqqad id-dmirijiet tal-awtoritajiet kompetenti mas-sistema ta' valutazzjoni komparattiva bi tliet livelli (kif deskritt fl-Artikolu 27).

Minkejja l-importanza tal-verifiki mwettqa f'konformità mal-pjan tagħhom ibbażat fuq ir-riskju, il-paragrafu 11 jikkjarifika li l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu wkoll verifiki barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' tali pjanijiet, meta jkollhom evidenza jew informazzjoni rilevanti oħra, dwar nuqqas potenzjali ta' konformità ma' dan ir-Regolament.

- *Artikolu 15: Verifiki fuq l-operaturi*

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-obbligu tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-verifiki li għandhom jitwettqu fuq l-operaturi. Dan jibni fuq l-Artikolu 10(3) tal-EUTR, għalkemm jipprovdi ċarezza u gwida addizzjonali dwar kriterji speċifiċi għall-verifiki li għandhom jitwettqu mill-Awtorità Kompetenti sabiex tanalizza aħjar id-dokumentazzjoni rilevanti tas-sistema ta' diliġenza dovuta li qiegħda tintuża, u sabiex tivvaluta aħjar ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità. Standards ċari għall-kontrolli tal-konformità għall-awtoritajiet kompetenti huma element essenzjali sabiex tiġi żgurata applikazzjoni effettiva u uniformi ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni.

Il-paragrafu 2 jiddistingwi bejn miżuri obbligatorji u fakultattivi. Il-miżuri obbligatorji msemmija fl-ittri (a) sa (d) jinkludu verifiki fuq dokumentazzjoni u proċeduri ta' diliġenza dovuta li ma jirrikjedux analiżijiet tekniċi ta' prodotti jew attivitajiet oħra fuq il-post mill-awtoritajiet kompetenti. Il-miżuri fakultattivi fl-ittri (e) sa (h) jinkludu spezzjoni fuq il-post u verifiki tekniċi u xjentifiċi adegwati sabiex jiġi ddeterminat il-post eżatt fejn tkun saret il-produzzjoni tal-komodità jew tal-prodott rilevanti u jekk dak il-post kienx mingħajr deforestazzjoni.

- *Artikolu 19: Rapportar*

L-Artikolu 19 jiddeskrivi l-obbligi ta' rapportar tal-Istati Membri rigward l-implimentazzjoni tar-Regolament propost. Dan l-Artikolu jibni fuq l-Artikolu 20 tal-EUTR (Rapportar), kif sussegwentement emendat bir-Regolament 2019/1010, li allinja l-obbligi ta' rapportar fil-leġiżlazzjoni ambjentali[12]. Għalhekk, l-Artikolu 19 jikkonferma li l-Istati Membri għandhom jirrapportaw dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fuq bażi annwali (il-paragrafu 1) u li s-servizzi tal-Kummissjoni se jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, fuq bażi annwali, ħarsa ġenerali madwar l-Unjoni abbażi tad-*data* sottomessa mill-Istati Membri (il-paragrafu 3).

Il-paragrafu 2 jikkwalifika wkoll l-informazzjoni li l-Istati Membri għandhom jipprovdu sabiex isaħħu l-obbligi ta' rapportar u sabiex jippermettu lill-Kummissjoni tanalizza aktar akkuratament il-kwalità tal-attività ta' monitoraġġ tal-Istati Membri. Dan huwa f'konformità mas-sejbiet tar-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri 21/2021 li enfasizza n-nuqqasijiet tas-sistema ta' rapportar skont l-EUTR[13], u se jippermetti lill-Kummissjoni tindirizza effettivament ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti sabiex issaħħaħ ir-rieżami tagħha tal-verifiki tal-Istati Membri[14].

- *Artikolu 20: Skrutinju msaħħaħ*

Meta l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jinkisbu minn pajjiż jew minn partijiet minnu li jkun ġie valutat bħala ta' riskju għoli skont is-sistema ta' valutazzjoni komparattiva tal-pajjiżi deskritta fil-Kapitolu 5, dawn ikunu soġġetti għal skrutinju msaħħaħ mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti. Għall-kuntrarju tal-Artikolu 12, l-Artikolu 20 ma jikkwalifikax sett differenti ta' obbligi ta' diliġenza dovuta għall-operaturi jew għan-negozjanti.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-verifiki li jwettqu fuq bażi annwali jkopru mill-anqas 15 % tal-operaturi, kif ukoll 15 % tal-kwantità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti li jkunu ġew prodotti f'pajjiżi b'riskju għoli jew f'partijiet minnhom.

Jenħtieġ li jiġi enfasizzat li skont l-Artikolu 27, mad-dħul fis-seħħ tar-Regolament, il-pajjiżi kollha se jiġu assenjati livell standard ta' riskju. Għalhekk, l-obbligi ta' hawn fuq se jinħolqu għall-awtoritajiet kompetenti hekk kif pajjiż b'riskju għoli jew partijiet minnu se jidhru fil-lista li għandha tiġi ppubblikata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 27(1), u sakemm il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jkunu ġew prodotti f'pajjiż b'riskju għoli jew partijiet minnu jiġu introdotti jew jitqiegħdu fis-suq tagħhom.

- *Artikolu 22: Miżuri tas-sorveljanza tas-suq*

L-Artikolu 22 jistabbilixxi l-obbligu għall-awtoritajiet kompetenti li jaġixxu mingħajr dewmien ladarba jkunu stabbilew li komodità jew prodott rilevanti ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament. F'dan il-każ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikjedu li l-operatur

---

12 Ir-Regolament (UE) 2019/1010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar l-allinjament tal-obbligi ta' rapportar fil-qasam tal-leġiżlazzjoni relatata mal-ambjent u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 166/2006 u (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 2002/49/KE, 2004/35/KE, 2007/2/KE, 2009/147/KE u 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u (KE) Nru 2173/2005, u d-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE (ĠU L170/126, 25.6.2019).

13 Rapport Speċjali tal-QEA 21/2021: "Il-finanzjament tal-UE għall-bijodiversità u t-tibdil fil-klima fil-foresti tal-UE: riżultati pożittivi iżda limitati". Ara partikolarment il-paragrafu 36, fejn il-Qorti ssostni: "*Ir-rapportar skont ir-Regolament dwar l-injam ma jipprovdix l-informazzjoni li biha l-Kummissjoni tista' tanalizza l-kwalità tal-attività ta' monitoraġġ tal-Istati Membri, ir-regoli nazzjonali li jiddefinixxu l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam jew il-proċeduri użati għall-kontrolli. Lanqas ma jirrikjedi li l-Istati Membri jissostanzjaw it-tweġibiet tagħhom b'dokumenti ta' sostenn li jippermettulha tivverifika l-akkuratezza jew il-kompletezza tal-informazzjoni*".

14 Ara r-Rakkomandazzjonijiet 2.a: "*Il-Kummissjoni jenħtieġ li: (a) tivvaluta l-potenzjal li jsiru proposti leġiżlattivi bil-għan li jsaħħaħ ir-rieżami tagħha tal-kontrolli tal-Istati Membri fuq ir-Regolament dwar l-Injam*".

jew in-negozjant rilevanti jieħu azzjoni korrettiva xierqa u proporzjonata sabiex itemm in-nuqqas ta' konformità.

Il-paragrafu 2 jiddeskrivi l-miżuri korrettivi possibbli li l-operatur jew in-negozjant jista' jkun meħtieġ li jwettaq. Din id-dispożizzjoni hija bbażata speċifikament fuq l-Artikolu 16 tar-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq[15]; skont l-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament "sejħa lura" tfisser "*kull miżura maħsuba biex tieħu lura prodott li jkun diġà tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-utent finali*"; filwaqt li "rtirar" tfisser "*kull miżura maħsuba biex prodott fil-katina ta' provvista ma jitħalliex jitqiegħed fis-suq*".

- *Artikolu 23: Penali*

L-Artikolu 23 jistabbilixxi l-obbligu tal-Istati Membri li jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament. L-eżistenza u l-applikazzjoni ta' penali effettivi proporzjonati u dissważivi fis-sistemi nazzjonali huma element kritiku sabiex titwettaq l-implimentazzjoni effettiva u uniformi ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni.

Għalhekk, il-paragrafu 2 jipprovdi l-lista ta' penali li għandhom jiġu stabbiliti fis-sistemi legali nazzjonali. Din il-lista tinkludi multi, il-konfiska tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti kif ukoll il-konfiska tad-dħul, is-sospensjoni jew il-projbizzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi rilevanti u l-esklużjoni minn proċessi ta' akkwist pubbliku għall-operaturi u n-negozjanti li jiksru r-Regolament. Il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri trid tipprevedi ammont varjabbli ta' multi f'dipendenza fuq il-fatturat annwali tal-operatur jew tan-negozjant li jkun kiser ir-Regolament. Dan huwa partikolarment rilevanti bħala diżinċentiv għall-operaturi u n-negozjanti kbar li ma humiex SMEs sabiex jiksru r-Regolament. Għalhekk, dan iservi l-għan li jiġu stabbiliti penali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

- *Artikolu 24: Kontrolli*

L-Artikolu 24 jipprovdi r-regoli għall-kontrolli fuq il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti mqiegħda taħt il-proċedura doganali "rilaxx għal ċirkolazzjoni libera" jew "esportazzjoni".

Il-paragrafu 2 jistabbilixxi li l-awtoritajiet kompetenti huma responsabbli għall-verifika tal-konformità ma' dan ir-Regolament, inkluż għall-komoditajiet jew għall-prodotti li jidħlu fl-Unjoni jew li joħorġu minnha. Dan jikkjarifika wkoll l-interazzjoni mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 952/2013 u tar-Regolament (UE) 2019/1020. Il-paragrafu 3 jidentifika r-rwol ewlieni tad-dwana li jikkonsisti fil-kontroll tad-dikjarazzjoni korretta tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu.

Id-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta fir-rigward ta' komodità jew prodott rilevanti li jidħol fl-Unjoni jew li joħroġ minnha għandha tiġi rreġistrata fis-Sistema ta' Informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31. Skont il-paragrafu 4, is-sistema ta' Informazzjoni msemmija mbagħad tassenja numru ta' referenza għad-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta, li għandu jsir disponibbli għad-dwana meta tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni ta' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti, ħlief meta d-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta tiġi ppreżentata skont l-Artikolu 26(2).

Il-paragrafu 5 jirrikjedi li meta tiġi ppreżentata dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni ta' komodità jew prodott rilevanti li jidħol fis-suq tal-Unjoni jew li joħroġ minnu, l-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw l-istatus tad-

[15] Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169/1, 25.6.2019).

dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta relatata ma' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti permezz tal-interfaċċa elettronika msemmija fl-Artikolu 26(1).

Il-paragrafu 6 jistabbilixxi li meta l-analiżi tar-riskju mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 14(4) tistabbilixxi li komodità jew prodott rilevanti jippreżenta riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-istatus tad-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta relatata ma' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti għandu jiġi mmodifikat kif xieraq fis-Sistema ta' Informazzjoni. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jissospendu r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni ta' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti.

Il-paragrafu 7 jindika l-kundizzjonijiet skont liema l-awtoritajiet doganali jenħtieġ li jippermettu li komodità jew prodott rilevanti jiġi rilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni libera jew jiġi esportat.

Il-paragrafu 8 jistabbilixxi l-kors ta' azzjoni f'każ li l-awtoritajiet kompetenti jikkonkludu li komodità jew prodott rilevanti li jidħol fis-suq tal-Unjoni jew li joħroġ minnu ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament. F'dak il-każ, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jibdlu l-istatus tad-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta korrispondenti kif xieraq fis-Sistema ta' Informazzjoni u jistgħu jindikaw ukoll fis-Sistema ta' Informazzjoni li huma joġġezzjonaw għat-tqegħid tal-komodità jew tal-prodott rilevanti taħt proċeduri doganali oħra.

Man-notifika ta' dak l-istatus, l-awtoritajiet doganali jenħtieġ li ma jippermettux ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni ta' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti u jenħtieġ li jinkludu avviż fis-sistema doganali tal-ipproċessar tad-*data* u, fejn possibbli, fuq kwalunkwe dokument li jakkumpanja l-komodità jew il-prodott rilevanti.

Meta l-komodità jew il-prodott rilevanti jiġi sussegwentement iddikjarat għal proċeduri doganali oħra u dment li l-awtoritajiet kompetenti ma joġġezzjonawx għal tali tqegħid, l-avviż għandu jiġi inkluż fid-dikjarazzjonijiet doganali mill-operaturi u rreġistrat, bl-istess kundizzjonijiet, fis-sistema doganali tal-ipproċessar tad-*data* u, fejn possibbli, fuq id-dokumenti ta' akkumpanjament użati b'rabta ma' kwalunkwe proċedura bħal din.

Skont il-paragrafu 10, l-awtoritajiet doganali jistgħu jeqirdu jew b'xi mod ieħor jagħmlu inoperabbli komodità jew prodott rilevanti mhux konformi fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti jew meta jqisu li dan ikun meħtieġ u proporzjonat. Il-kost ta' tali miżura għandu jitħallas mid-detentur tal-komodità jew tal-prodott rilevanti.

- *Artikolu 25: Skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni fost l-awtoritajiet*

Dan l-Artikolu jistabbilixxi obbligu għall-awtoritajiet kompetenti, għall-awtoritajiet doganali u għall-Kummissjoni li jikkooperaw fl-implimentazzjoni tar-Regolament (il-paragrafu 1).

Il-paragrafi 2 u 3 jistabbilixxu rabta mal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' mekkaniżmi ta' informazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013.

- *Artikolu 26: Interfaċċi elettroniċi*

Il-paragrafu 1 jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi interfaċċa elettronika sabiex tgħaqqad is-Sistema tat-Tieqa Unika tal-UE mas-sistema tal-informazzjoni stabbilita skont l-Artikolu 31. Il-paragrafu 2 jistabbilixxi l-funzjonalità bażika ta' tali interfaċċa u l-paragrafu 3 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex tiddefinixxi d-*data* dettaljata u l-funzjonament tal-interfaċċa.

- *Artikolu 27: Valutazzjoni tal-pajjiżi*

L-Artikolu 27 jintroduċi s-sistema ta' valutazzjoni komparattiva tal-pajjiżi, li hija karatteristika ewlenija ta' dan ir-Regolament. L-objettiv tal-valutazzjoni komparattiva huwa li jinċentiva lill-pajjiżi jiżguraw protezzjoni u governanza aktar b'saħħithom tal-foresti, sabiex jiffaċilitaw il-kummerċ u sabiex jikkalibraw aħjar l-isforzi ta' infurzar billi jgħinu lill-awtoritajiet kompetenti jiffokaw ir-riżorsi fejn huma l-aktar meħtieġa, u sabiex inaqqsu l-kostijiet ta' konformità tal-kumpaniji.

Permezz tas-sistema ta' valutazzjoni komparattiva, il-Kummissjoni se tivvaluta r-riskju li l-pajjiżi jew partijiet minnhom jipproduċu komoditajiet u prodotti rilevanti li ma humiex mingħajr deforestazzjoni. Is-sistema ta' valutazzjoni komparattiva se tassenja lil kull pajjiż jew partijiet minnu wieħed minn tliet livelli possibbli ta' riskju: riskju baxx, standard u għoli. Mad-dħul fis-seħħ tar-Regolament, il-pajjiżi kollha se jiġu assenjati livell standard ta' riskju. Il-valutazzjoni se tkun ibbażata fuq il-kriterji deskritti fil-paragrafu 2.

Il-paragrafu 3 jiddeskrivi l-proċedura li għandha tiġi segwita mill-Kummissjoni qabel ma tinbidel il-kategorija ta' riskju eżistenti għal pajjiż jew partijiet minnu. Dan se jinkludi l-istedina lill-pajjiż sabiex iwieġeb fi żmien adegwat u sabiex jipprovdi informazzjoni meqjusa utli, inkluż dwar miżuri meħuda mill-pajjiż sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni.

Il-Kummissjoni tagħmel il-kategorizzazzjoni tar-riskju tal-pajjiż disponibbli għall-pubbliku bl-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni u se taġġorna l-lista fejn meħtieġ, meta l-emerġenza ta' evidenza xjentifika ġdida tkun tirrikjedi dan. L-obbligi għall-operaturi u għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri huma differenzjati skont il-livell ta' riskju tal-pajjiż tal-produzzjoni jew ta' partijiet minnu, bi dmirijiet simplifikati ta' diliġenza dovuta għall-operaturi li jakkwistaw minn pajjiżi b'riskju baxx jew partijiet minnhom (l-Artikolu 12) u skrutinju msaħħaħ għall-awtoritajiet kompetenti li jwettqu verifiki fuq komoditajiet u prodotti rilevanti li jkunu ġew prodotti f'pajjiżi b'riskju għoli jew f'partijiet minnhom (l-Artikolu 20).

- *Artikolu 29: Preokkupazzjonijiet sostanzjati ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi*

Skont l-Artikoli 15 u 16, awtorità kompetenti tista' twettaq verifiki fuq l-operaturi u n-negozjanti meta jkollha fil-pussess tagħha informazzjoni rilevanti, inkluż abbażi ta' preokkupazzjonijiet sostanzjati pprovduti minn partijiet terzi. Skont l-Artikolu 2(21) "preokkupazzjoni sostanzjali" tfisser "*talba bbażata fuq bażi soda bbażata fuq informazzjoni oġġettiva u verifikabbli rigward in-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament u li tista' tirrikjedi l-intervent tal-awtoritajiet kompetenti*".

Il-preokkupazzjonijiet sostanzjati jistgħu jirreferu għal vjeġġi, fornituri, operaturi, negozjanti speċifiċi jew kwalunkwe sitwazzjoni f'pajjiżi speċifiċi tal-produzzjoni li tiġġenera riskji relatati mal-komodità jew il-prodott rilevanti introdott fis-suq u li, b'riżultat ta' dan, tista' tirrikjedi l-intervent tal-awtoritajiet kompetenti. Preokkupazzjonijiet sostanzjati kienu wkoll parti mis-sistema stabbilita fl-EUTR [l-Artikolu 10(2)]. L-Artikolu 29 jibni fuq dawk l-esperjenzi u jikkjarifika l-obbligi tal-Awtorità Kompetenti li tivvaluta l-preokkupazzjonijiet sostanzjati u tieħu l-passi operazzjonali neċessarji li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jiġi identifikat ksur u sabiex jiġu evitati tqegħid u ċirkolazzjoni ulterjuri fis-suq intern.

Preokkupazzjonijiet sostanzjati huma wkoll rilevanti għall-operaturi u għan-negozjanti. L-Artikolu 4(6) ta' dan ir-Regolament jiddikjara l-obbligu għal operatur li jkun sar konxju, permezz ta' preokkupazzjoni sostanzjata, tan-nuqqas ta' konformità tal-komodità jew tal-prodott rilevanti, li jinforma minnufih lill-awtorità kompetenti rilevanti tal-pajjiż fejn il-

prodott ikun introdott fis-suq jew ikun ġie esportat minnu. L-istess obbligu japplika għan-negozjanti, irrispettivament mid-daqs tagħhom [l-Artikolu 6(4 u 5)]. L-Artikolu 10(2)(i) jirrikjedi wkoll li l-eżistenza ta' preokkupazzjoni sostanzjata jenħtieġ li titqies bħala kriterji ta' valutazzjoni tar-riskju.

- *Artikolu 31: Sistema ta' Informazzjoni "Reġistru"*

L-Artikolu 31 jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi sistema ta' informazzjoni, li permezz tagħha d-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta previsti skont l-Artikolu 4(2) jeħtieġ li jsiru disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti.

Il-paragrafu 2 jistabbilixxi l-funzjonijiet minimi meħtieġa tas-sistema, inkluż *inter alia*, il-konnessjoni tagħha mad-dwana permezz tas-Sistema ta' Single Window tal-UE għad-Dwana. Il-paragrafu 3 jagħti lill-Kummissjoni l-kompitu li tistabbilixxi r-regoli dwar il-funzjonament tas-sistema permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

Il-paragrafi 4 u 5 jikkonċernaw l-aċċess għas-sistema tal-informazzjoni. Bħala bażi ta' *data* ċentrali għall-implimentazzjoni tar-Regolament, l-operaturi u n-negozjanti kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom aċċess, li d-dettalji tiegħu se jiddependu mill-obbligi tagħhom. Pubbliku usa' għandu jkollu wkoll aċċess għad-*data*, b'mod anonimizzat.

- *Artikolu 32: Rieżami*

L-Artikolu 32 jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw ir-reviżjoni tar-Regolament. Il-paragrafu 1 jipprevedi l-ewwel proċess ta' rieżami li għandu jsir mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ li jirriżulta f'rapport u fi proposti leġiżlattivi potenzjali sabiex jiġi emendat ir-Regolament. Dan l-ewwel rieżami se jiffoka fuq il-ħtieġa u l-fattibbiltà tal-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għal ekosistemi oħra lil hinn mill-foresti u komoditajiet ulterjuri.

Ir-rieżami ġenerali previst fil-paragrafu 2 se jsir ħames snin wara d-data prevista fl-Artikolu 32(2), jiġifieri 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ. Din id-dispożizzjoni tantiċipa wkoll il-kontenut ta' dan l-ewwel rieżami ġenerali, li se jinkludi valutazzjoni tal-opportunità li jiġu introdotti aktar għodod ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-impatt tal-ewwel snin tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fuq il-bdiewa.

Fl-aħħar nett, il-paragrafu 3 jiffoka fuq ir-rieżami tal-prodotti rilevanti elenkati fl-Anness 1. Dan ir-rieżami se jsir sentejn mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament u minn hemm 'il quddiem, f'intervall regolari u b'hekk jippermetti kamp ta' applikazzjoni progressiv tal-prodott. L-emenda tal-lista ta' prodotti inklużi fl-Anness 1 se titwettaq permezz ta' att delegat (il-paragrafu 4).

- *Artikolu 36: Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu. Madankollu, il-paragrafu 2 jistabbilixxi li l-Artikoli 3 sa 12, 14 sa 22, 24, 29 u 30 għandhom japplikaw 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu, il-paragrafu 3 jistipula li dawn l-Artikoli għandhom japplikaw 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għall-operaturi li huma mikrointrapriżi stabbiliti sal-31 ta' Diċembru 2020, ħlief għall-prodotti koperti mill-Anness tar-Regolament tal-UE 995/2010 (EUTR).

Dan id-dewmien fl-applikazzjoni joħloq perjodu ta' tranżizzjoni li fih ma japplikawx l-obbligi tal-operaturi u tan-negozjanti, kif ukoll l-obbligi tal-awtoritajiet kompetenti li jwettqu l-verifiki. Tali perjodu ta' tranżizzjoni, li jkun itwal għall-mikrointrapriżi, se jagħti lill-operaturi u lin-negozjanti żmien adegwat sabiex jadattaw għall-obbligi tagħhom skont ir-Regolament.

2021/0366 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni kif ukoll l-esportazzjoni mill-Unjoni ta' ċerti komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 995/2010**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 192 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-foresti jipprovdu varjetà wiesgħa ta' benefiċċji ambjentali, ekonomiċi u soċjali, inkluż prodotti tal-injam u tal-foresti li ma humiex injam u servizzi ambjentali essenzjali għall-umanità, peress li fihom tinsab il-biċċa l-kbira tal-bijodiversità terrestri tad-dinja. Dawn isostnu l-funzjonijiet ta' ekosistema, jgħinu fil-protezzjoni tas-sistema klimatika, jipprovdu arja nadifa u għandhom rwol vitali għall-purifikazzjoni tal-ilmijiet u tal-ħamrija kif ukoll għaż-żamma tal-ilma. Barra minn hekk, il-foresti jipprovdu sussistenza u introjtu għal madwar terz tal-popolazzjoni tad-dinja u l-qerda tagħhom għandha konsegwenzi serji għall-għajxien tal-persuni l-aktar vulnerabbli, inkluż il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali li jiddependu ħafna mill-ekosistemi tal-foresti.[3] Barra minn hekk, id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti jnaqqsu l-bjar ta' karbonju essenzjali u jżidu l-probabbiltà ta' mard ġdid li jinxtered mill-annimali għall-bnedmin.

---

1 ĠU C , , p. .

2 ĠU C , , p. .

3 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2019 "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", COM(2019) 352 final.

(2) Id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti qegħdin iseħħu b'rata allarmanti. L-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti tistma li 420 miljun ettaru ta' foresta – madwar 10 % tal-foresti li jifdal fid-dinja u żona akbar mill-Unjoni Ewropea – intilfu madwar id-dinja bejn l-1990 u l-2020[4]. Id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti huma, min-naħa tagħhom, xprunaturi importanti tat-tisħin globali u tat-telfien tal-bijodiversità — l-aktar żewġ sfidi ambjentali importanti ta' żminijietna. Madankollu kull sena d-dinja tkompli titlef 10 miljun ettaru ta' foresta.

(3) Id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti jikkontribwixxu għall-kriżi klimatika globali b'diversi modi. Tassew importanti, dawn iżidu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra permezz ta' nirien fil-foresti assoċjati, filwaqt li jneħħu permanentement l-kapaċitajiet tal-bir tal-karbonju, inaqqsu r-reżiljenza għat-tibdil fil-klima taż-żona affettwata u jnaqqsu sostanzjalment il-bijodiversità. Id-Deforestazzjoni waħedha tammonta għal 11 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra[5].

(4) Id-deterjorament tal-klima jwassal għat-telfien tal-bijodiversità fuq livell globali u t-telfien tal-bijodiversità jaggrava t-tibdil fil-klima, li huma marbuta inseparabbilment, kif ikkonfermaw studji riċenti. Il-bijodiversità tgħin sabiex jiġi mitigat it-tibdil fil-klima. L-insetti, l-għasafar u l-mammiferi jaġixxu bħala dakkara, ixerrdu ż-żrieragħ u jistgħu jgħinu sabiex il-karbonju jinħażen aktar effiċjentement, direttament jew indirettament. Il-foresti jiżguraw ukoll rikostituzzjoni kontinwa tar-riżorsi tal-ilma u l-prevenzjoni tan-nixfiet u l-effetti dannużi tagħhom għall-komunitajiet lokali, inkluż il-popli indiġeni. It-tnaqqis drastiku tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti u r-restawr sistemiku tal-foresti u ta' ekosistemi oħra huma l-akbar opportunità unika bbażata fuq in-natura għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

(5) Il-bijodiversità hija essenzjali għar-reżiljenza tal-ekosistemi u tas-servizzi tagħhom kemm fil-livell lokali kif ukoll f'dak globali. Aktar minn nofs il-prodott domestiku gross globali jiddependi min-natura u mis-servizzi li jipprovdi. Tliet setturi ekonomiċi ewlenin – il-kostruzzjoni, l-agrikoltura, l-ikel u x-xorb – kollha jiddependu ħafna min-natura. It-telfien tal-bijodiversità jhedded ċikli tal-ilma sostenibbli u s-sistemi tal-ikel tagħna, u jqiegħed is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni tagħna f'riskju. Aktar minn 75 % tat-tipi tal-għelejjel tal-ikel madwar id-dinja jiddependu mid-dakkir mill-annimali. Barra minn hekk, diversi setturi industrijali jiddependu mid-diversità ġenetika u s-servizzi tal-ekosistema bħala inputs kritiċi għall-produzzjoni, partikolarment għall-mediċini.

(6) It-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità u d-deforestazzjoni huma preokkupazzjonijiet tal-ogħla importanza globali, li jaffettwaw is-sopravivenza tal-umanità u l-kundizzjonijiet tal-għajxien sostnuti fid-Dinja. L-aċċellerazzjoni tat-tibdil fil-klima, it-telfien tal-bijodiversità u d-degradazzjoni ambjentali, flimkien ma' eżempji tanġibbli tal-effetti devastanti tagħhom fuq in-natura, il-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-bniedem u l-ekonomiji lokali, wasslu għar-rikonoxximent tat-tranżizzjoni ekoloġika bħala l-objettiv fundamentali ta' żminijietna u kwistjoni ta' ekwità interġenerazzjonali.

---

[4] FAO, "Global Forest Resource Assessment 2020" (Valutazzjoni tar-Riżorsi tal-Foresti Globali 2020), p. XII, https://www.fao.org/documents/card/en/c/ca9825en.

[5] IPCC, It-Tibdil fil-Klima u l-Art: rapport speċjali tal-IPCC dwar it-tibdil fil-klima, id-deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art, il-ġestjoni sostenibbli tal-art, is-sigurtà tal-ikel, u l-flussi tal-gassijiet serra fl-ekosistemi terrestri, https://www.ipcc.ch/srccl/.

(7) Il-konsum tal-Unjoni huwa xprunatur konsiderevoli tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti fuq skala globali. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tal-inizjattiva stmat li mingħajr intervent regolatorju xieraq, il-konsum u l-produzzjoni tal-UE tas-sitt komoditajiet inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni (injam, bhejjem tal-ifrat, sojja, żejt tal-palm, kawkaw u kafè) se jiżdiedu għal madwar 248 000 ettaru ta' deforestazzjoni kull sena sal-2030.

(8) Fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-foresti fl-UE, ir-rapport dwar l-Istat tal-Foresti tal-Ewropa għall-2020[6] jiddikjara li, bejn l-1990 u l-2020, iż-żona tal-foresti fl-Ewropa żdiedet b'9 %, il-karbonju maħżun fil-bijomassa kiber b'50 % u l-provvista tal-injam żdiedet b'40 %. Madankollu, anqas minn 5 % taż-żoni tal-foresti Ewropej jitqiesu mhux disturbati, jew naturali, skont ir-rapport dwar l-Istat tal-Ambjent għall-2020 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent[7].

(9) Fl-2019, il-Kummissjoni adottat diversi inizjattivi sabiex tindirizza l-kriżijiet ambjentali globali, inkluż azzjonijiet speċifiċi dwar id-deforestazzjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja"[8], il-Kummissjoni identifikat bħala prijorità t-tnaqqis tal-impronta tal-konsum tal-Unjoni fuq l-art u l-inkoraġġiment tal-konsum ta' prodotti mill-ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni fl-Unjoni. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"[9], il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida għat-tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti tal-gassijiet serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi u l-ebda persuna jew post ma jitħalla jibqa' lura. Din għandha wkoll l-għan li tipproteġi, tikkonserva u ssaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u tipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini u tal-ġenerazzjonijiet futuri minn riskji u impatti relatati mal-ambjent. Barra minn hekk, il-Patt Ekoloġiku Ewropew għandu l-għan li jipprovdi liċ-ċittadini u lill-ġenerazzjonijiet futuri, fost l-oħrajn, arja friska, ilma nadif, ħamrija tajba u bijodiversità. Għal dak il-għan, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030[10], l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt[11], l-Istrateġija tal-UE għall-Foresti[12], il-pjan ta' azzjoni tal-UE għal tniġġis żero[13] u strateġiji rilevanti[14] oħra żviluppati skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew,

---

[6] Forest Europe - Konferenza Ministerjali dwar il-Protezzjoni tal-Foresti fl-Ewropa, l-Istat tal-Foresti tal-Ewropa 2020, https://foresteurope.org/state-europes-forests-2020/.

[7] L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, l-Istat tal-Ambjent għall-2020, https://www.eea.europa.eu/soer/publications/soer-2020.

[8] COM(2019) 352 final.

[9] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final.

[10] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna, COM/2020/380 final.

[11] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, COM/2020/381 final.

[12] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti: għall-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti, COM(2013) 659 final.

[13] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE:

ikomplu jenfasizzaw l-importanza tal-azzjoni dwar il-protezzjoni u r-reżiljenza tal-foresti. Partikolarment, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għandha l-għan li tipproteġi n-natura u treġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi. Fl-aħħar nett, l-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijoekonomija[15] ttejjeb il-protezzjoni tal-ambjent u tal-ekosistemi filwaqt li tindirizza d-domanda dejjem akbar għall-ikel, l-għalf, l-enerġija, il-materjali u l-prodotti billi tfittex modi ġodda għall-produzzjoni u l-konsum.

(10) L-Istati Membri ripetutament esprimew il-preokkupazzjoni tagħhom dwar id-deforestazzjoni persistenti. Huma enfasizzaw li peress li l-politiki u l-azzjoni attwali fil-livell globali dwar il-konservazzjoni, ir-restawr u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti ma humiex biżżejjed sabiex iwaqqfu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, hija meħtieġa azzjoni msaħħa tal-Unjoni sabiex tikkontribwixxi b'mod aktar effettiv għall-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs), skont l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp sostenibbli, li ġiet adottata mill-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2015. Il-Kunsill appoġġa speċifikament it-tħabbira tal-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja" li se tivvaluta miżuri regolatorji u mhux regolatorji addizzjonali u li se tippreżenta proposti rispettivi.[16]

(11) Il-Parlament Ewropew enfasizza li l-qerda kontinwa tal-foresti tad-dinja hija marbuta, fil-biċċa l-kbira, mal-espansjoni tal-produzzjoni agrikola — partikolarment billi l-foresti jiġu kkonvertiti f'art agrikola ddedikata għall-produzzjoni ta' numru ta' prodotti u komoditajiet li hemm domanda kbira għalihom. Fit-22 ta' Ottubru 2020, il-Parlament adotta riżoluzzjoni[17] f'konformità mal-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li titlob lill-Kummissjoni tissottometti, abbażi tal-Artikolu 192(1) tat-TFUE, proposta għal "qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha".

(12) Il-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti tikkostitwixxi parti importanti mill-pakkett ta' miżuri meħtieġa sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u sabiex ikun hemm konformità mal-impenn tal-Unjoni skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew kif ukoll mal-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-Tibdil fil-Klima[18], u mal-impenn legalment vinkolanti skont il-Liġi tal-UE dwar il-Klima sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 u jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mill-anqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030.

---

"Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija", COM/2021/400 final.

[14] eż. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, *Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE - Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040*, COM (2021) 345 final.

[15] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Bijoekonomija sostenibbli għall-Ewropa: Tisħiħ tal-konnessjoni bejn l-ekonomija, is-soċjetà u l-ambjent: strateġija dwar il-bijoekonomija aġġornata, Strateġija dwar il-Bijoekonomija aġġornata, COM(2018) 273 final.

[16] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja (is-16 ta' Diċembru 2019) 15151/19. Disponibbli fuq https://www.consilium.europa.eu/media/41860/st15151-en19.pdf.

[17] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2020 li tinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar qafas legali tal-UE biex titwaqqaf u titreġġa' lura d-deforestazzjoni globali li l-UE hija responsabbli għaliha (2020/2006 (INL)) Disponibbli fuq https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2020-0285_MT.html.

[18] Ratifikat mill-UE fil-5 ta' Ottubru 2016, u daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016.

(13) L-espansjoni agrikola tixpruna kważi 90 % tad-deforestazzjoni globali, b'aktar minn nofs it-telf tal-foresti minħabba l-konverżjoni tal-foresti f'raba', filwaqt li r-ragħa tal-bhejjem huwa responsabbli għal kważi 40 % tat-telf tal-foresti[19].

(14) Bejn l-1990 u l-2008, l-Unjoni importat u kkonsmat terz tal-prodotti agrikoli nnegozjati globalment assoċjati mad-deforestazzjoni. Matul dak il-perjodu, il-konsum tal-Unjoni kien responsabbli għal 10 % tad-deforestazzjoni madwar id-dinja assoċjata mal-produzzjoni ta' oġġetti jew servizzi. Anke jekk is-sehem relattiv tal-konsum tal-UE qiegħed jonqos, il-konsum tal-UE huwa xprunatur sproporzjonalment kbir tad-deforestazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tieħu azzjoni sabiex timminimizza d-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti xprunata mill-konsum tagħha ta' ċerti komoditajiet u prodotti bażiċi u b'hekk tfittex li tnaqqas il-kontribut tagħha għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità kif ukoll tippromwovi xejriet sostenibbli ta' produzzjoni u konsum fl-Unjoni u globalment. Sabiex ikun hemm l-akbar impatt, jenħtieġ li l-politika tal-Unjoni jkollha l-għan li tinfluwenza s-suq globali, mhux biss il-ktajjen tal-provvista lejn l-Unjoni. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni internazzjonali effiċjenti mal-pajjiżi produtturi u tal-konsumaturi huma fundamentali f'dak ir-rigward.

(15) It-twaqqif tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti huwa parti essenzjali mill-SDGs. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi partikolarment sabiex jintlaħqu l-għanijiet rigward il-ħajja fuq l-art (SDG 15), l-azzjoni klimatika (SDG 13), il-konsum u l-produzzjoni responsabbli (SDG 12), inxejnu l-ġuħ (SDG 2) u saħħa tajba u benesseri (SDG 3). Il-mira rilevanti 15.2 sabiex titwaqqaf id-deforestazzjoni sal-2020 ma ntlaħqitx, u dan jenfasizza l-urġenza ta' azzjoni ambizzjuża u effettiva.

(16) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jirrispondi wkoll għad-Dikjarazzjoni ta' New York dwar il-Foresti[20], dikjarazzjoni politika mhux legalment vinkolanti li tendorsja skeda ta' żmien globali sabiex jitnaqqas bin-nofs it-telf ta' foresti naturali sal-2020, u tistinka sabiex dan jintemm sal-2030. Id-Dikjarazzjoni ġiet endorsjata minn għexieren ta' gvernijiet, ħafna mill-akbar kumpaniji tad-dinja, u mis-soċjetà ċivili u mill-organizzazzjonijiet indiġeni influwenti. Din talbet ukoll lis-settur privat sabiex jilħaq l-għan li jelimina d-deforestazzjoni mill-produzzjoni ta' komoditajiet agrikoli bħaż-żejt tal-palm, is-sojja, il-karta u l-prodotti taċ-ċanga sa mhux aktar tard mill-2020, għan li ma ntlaħaqx. Barra minn hekk, jenħtieġ li r-Regolament jikkontribwixxi għall-Pjan Strateġiku tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Foresti, mill-2017 sal-2030[21], li l-Għan Globali dwar il-Foresti 1 tiegħu huwa li jreġġa' lura t-telf tal-kopertura tal-foresti madwar id-dinja permezz ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti, inkluż il-protezzjoni, ir-restawr, l-afforestazzjoni u r-riforestazzjoni u jżid l-isforzi sabiex tiġi evitata d-degradazzjoni tal-foresti u jittejjeb il-kontribut tal-foresti għat-tibdil fil-klima.

(17) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jirrispondi wkoll għad-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja ta' Glasgow tal-2021 dwar il-Foresti u l-Użu tal-Art[22] li tirrikonoxxi li "biex nilħqu l-għanijiet tagħna relatati mal-użu tal-art, il-klima, il-bijodiversità u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, kemm fuq livell globali kif ukoll fuq livell nazzjonali, nirrikjedu

---

19 Stħarriġ globali ġdid tal-FAOdwar it-Telerilevament Globali, is-6 ta' Novembru 2021- Stħarriġ tal-FAO dwar it-Telerilevament jiżvela foresti tropikali taħt pressjoni hekk kif l-espansjoni agrikola tixpruna d-deforestazzjoni globali.

20 https://unfccc.int/news/new-york-declaration-on-forests.

21 https://www.un.org/esa/forests/wp-content/uploads/2016/12/UNSPF_AdvUnedited.pdf.

22 https://ukcop26.org/glasgow-leaders-declaration-on-forests-and-land-use/.

azzjoni trasformattiva ulterjuri fiż-żoni interkonnessi ta' produzzjoni u konsum sostenibbli; l-iżvilupp tal-infrastruttura; il-kummerċ, il-finanzi u l-investiment; u l-appoġġ għall-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni, u l-komunitajiet lokali". F'dik id-Dikjarazzjoni, il-firmatarji enfasizzaw ukoll li se jsaħħu l-isforzi kondiviżi tagħhom sabiex jiffaċilitaw il-politiki tal-kummerċ u tal-iżvilupp, fuq livell internazzjonali u domestiku, li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli u l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli tal-komoditajiet, li jaħdmu għall-benefiċċju reċiproku tal-pajjiżi, u li ma jwasslux għad-deforestazzjoni u għad-degradazzjoni tal-art.

(18) Bħala membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), l-Unjoni hija impenjata li tippromwovi sistema kummerċjali multilaterali universali, ibbażata fuq ir-regoli, miftuħa, trasparenti, prevedibbli, inklużiva, mhux diskriminatorja u ekwitabbli skont id-WTO, kif ukoll politika kummerċjali miftuħa, sostenibbli u assertiva. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament se jinkludi kemm il-komoditajiet kif ukoll il-prodotti li jkunu ġew prodotti fl-Unjoni u l-komoditajiet u l-prodotti importati lejn l-Unjoni.

(19) Dan ir-Regolament isegwi wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva"[23] li ddikjarat li bi sfidi interni u esterni ġodda u aktar partikolarment b'mudell ta' tkabbir ġdid u aktar sostenibbli kif definit mill-Patt Ekoloġiku Ewropew u mill-Istrateġija Diġitali Ewropea, l-UE teħtieġ strateġija ġdida ta' politika kummerċjali – waħda li se tappoġġa l-ilħuq tal-objettivi ta' politika domestika u esterna tagħha u tippromwovi sostenibbiltà akbar f'konformità mal-impenn tagħha li timplimenta bis-sħiħ l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. Il-politika kummerċjali jrid ikollha r-rwol sħiħ tagħha fl-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 u fit-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-ekonomija u lejn il-bini ta' Ewropa aktar reżiljenti fid-dinja.

(20) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun komplementari għal miżuri oħra proposti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja"[24], partikolarment: 1) il-ħidma fi sħubija mal-pajjiżi produtturi, sabiex dawn jiġu appoġġati fl-indirizzar tal-kawżi ewlenin tad-deforestazzjoni, bħall-governanza dgħajfa, l-infurzar tal-liġi ineffettiv u l-korruzzjoni, u 2) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali, ma' pajjiżi konsumaturi ewlenin, sabiex tiġi promossa l-adozzjoni ta' miżuri simili sabiex jiġi evitat li fis-swieq tagħhom jiġu introdotti prodotti li ġejjin minn ktajjen tal-provvista assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti.

(21) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli taħdem fi sħubija mal-pajjiżi produtturi, u aktar ġeneralment f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali, u jenħtieġ li jkunu qegħdin isaħħu l-appoġġ u l-inċentivi tagħha fir-rigward tal-protezzjoni tal-foresti u t-tranżizzjoni għall-produzzjoni mingħajr deforestazzjoni, filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol tal-popli indiġeni, itejbu l-governanza u l-pussess tal-art, iżidu l-infurzar tal-liġi u jippromwovu l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, l-agrikoltura reżiljenti għall-klima, l-intensifikazzjoni u d-diversifikazzjoni sostenibbli, l-agroekoloġija u l-agroforestrija. B'dan il-mod, jenħtieġ li tirrikonoxxi r-rwol tal-popli indiġeni fil-protezzjoni tal-foresti. Filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza u t-tagħlimiet

23 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Rieżami tal-Politika Kummerċjali - Politika Kummerċjali Miftuħa, Sostenibbli u Assertiva, COM(2021) 66 final, 18 ta' Frar 2021.

24 COM(2019) 352 final.

miksuba fil-kuntest tal-inizjattivi diġà eżistenti, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jaħdmu fi sħubija ma' pajjiżi produtturi, fuq talba tagħhom, sabiex jisfruttaw il-funzjonalitajiet multipli tal-foresti, jappoġġawhom fit-tranżizzjoni lejn ġestjoni sostenibbli tal-foresti, u jindirizzaw l-isfidi globali filwaqt li jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali u jagħtu attenzjoni lill-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja. Jenħtieġ li l-approċċ ta' sħubija jgħin lill-pajjiżi produtturi jipproteġu, jirrestawraw u jużaw sostenibbilmentil-foresti, u b'hekk jikkontribwixxi għall-objettiv ta' dan ir-Regolament li jnaqqas id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti.

(22) Azzjoni importanti oħra mħabbra fil-Komunikazzjoni hija l-istabbiliment tal-Osservatorju tal-UE dwar id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, il-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja u l-fatturi assoċjati ("Osservatorju tal-UE") li tnieda mill-Kummissjoni sabiex jiġu mmonitorjati aħjar il-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja u l-fatturi relatati. Barra minn hekk, filwaqt li jibni fuq għodod ta' monitoraġġ diġà eżistenti, inkluż il-prodotti ta' Copernicus, l-Osservatorju tal-UE se jiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni dwar il-ktajjen tal-provvista għall-entitajiet pubbliċi, għall-konsumaturi u għan-negozji, jipprovdi *data* u informazzjoni faċli sabiex tinftiehem li jorbtu d-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, u l-bidliet fil-kopertura tal-foresti tad-dinja għad-domanda/għall-kummerċ tal-UE għal komoditajiet u prodotti. Għalhekk, l-Osservatorju tal-UE se jappoġġa direttament l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament billi jipprovdi evidenza xjentifika fir-rigward tad-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti u l-kummerċ relatat. L-Osservatorju tal-UE se jikkoopera mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, mal-istituti tar-riċerka, u ma' pajjiżi terzi.

(23) Il-qafas leġiżlattiv eżistenti tal-UE jiffoka fuq l-indirizzar tal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ assoċjat u ma jindirizzax id-deforestazzjoni direttament. Dan jikkonsisti fir-Regolament (UE) Nru 995/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi li jintroduċi fis-suq injam u prodotti tal-injam[25], u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005, dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar tal-Infurzar tal-Liġi tal-Foresti, il-Governanza u l-Kummerċ għall-importazzjonijiet tal-injam fil-Komunità Ewropea[26]. Iż-żewġ Regolamenti ġew evalwati f'Kontroll tal-Idoneità li ddetermina li, filwaqt li l-leġiżlazzjoni kellha impatt pożittiv fuq il-governanza tal-foresti, l-objettivi taż-żewġ Regolamenti – jiġifieri li jitnaqqas il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam u l-kummerċ relatat, u li jitnaqqas il-konsum ta' injam maħsud illegalment fl-UE – ma ntlaħqux[27] u ġie konkluż li l-enfasi biss fuq il-legalità tal-injam ma kinitx biżżejjed sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti.

(24) Ir-rapporti disponibbli jikkonfermaw li parti kbira mid-deforestazzjoni li għaddejja hija legali skont il-liġijiet tal-pajjiż tal-produzzjoni. Rapport riċenti[28] jistma li bejn l-2013 u l-2019, madwar 30 % tad-deforestazzjoni destinata għall-agrikoltura kummerċjali fil-pajjiżi tropikali kienet legali. Id-*data* disponibbli għandha t-tendenza li tiffoka fuq pajjiżi b'governanza dgħajfa — is-sehem globali tad-deforestazzjoni illegali jista' jkun aktar baxx, iżda diġà jipprovdi *data* ċara li turi li t-tneħħija tad-

[25] ĠU L 295, 12.11.2010, p. 23.
[26] ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1.
[27] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/11630-Qtug%C4%A7-illegali-tas-sigar-evalwazzjoni-tar-regoli-tal-UE-kontroll-tal-idoneita-_mt
[28] https://www.forest-trends.org/wp-content/uploads/2021/05/Illicit-Harvest-Complicit-Goods_rev.pdf.

deforestazzjoni legali fil-pajjiż tal-produzzjoni jimmina l-effettività tal-miżuri ta' politika.

(25) Il-valutazzjoni tal-impatt ta' miżuri ta' politika possibbli sabiex jiġu indirizzati d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti mmexxija mill-Unjoni, il-konklużjonijiet tal-Kunsill u r-riżoluzzjoni tal-2020 tal-Parlament Ewropew jidentifikaw b'mod ċar il-ħtieġa li jiġu stabbiliti d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti bħala l-kriterji gwida għall-miżuri futuri tal-Unjoni. Għalhekk, il-qafas legali l-ġdid tal-Unjoni jenħtieġ li jindirizza kemm il-legalità kif ukoll jekk il-produzzjoni ta' komoditajiet u prodotti rilevanti hijiex mingħajr deforestazzjoni.

(26) Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' "mingħajr deforestazzjoni" tkun wiesgħa biżżejjed sabiex tkopri kemm id-deforestazzjoni kif ukoll id-degradazzjoni tal-foresti, jenħtieġ li tipprovdi ċarezza legali, u jenħtieġ li din tkun tista' titkejjel abbażi ta' *data* kwantitattiva, oġġettiva u rikonoxxuta internazzjonalment.

(27) Jenħtieġ li r-Regolament ikopri dawk il-komoditajiet li l-konsum tagħhom mill-Unjoni huwa l-aktar rilevanti f'termini ta' dak li qed iwassal għad-deforestazzjoni globali u d-degradazzjoni tal-foresti u li għalihom intervent ta' politika tal-Unjoni jista' jġib l-ogħla benefiċċji għal kull valur unitarju tal-kummerċ. Sar rieżami estensiv tal-letteratura xjentifika, jiġifieri tas-sorsi primarji li jistmaw l-impatt tal-konsum tal-UE fuq id-deforestazzjoni globali u li jorbtu dik l-impronta ma' komoditajiet speċifiċi, bħala parti mill-istudju li jappoġġa l-Valutazzjoni tal-Impatt u kontroverifikat permezz ta' konsultazzjoni estensiva mal-partijiet konċernati. Dak il-proċess wassal għall-ewwel lista ta' tmien komoditajiet. L-injam ġie inkluż direttament fil-kamp ta' applikazzjoni peress li kien diġà kopert mill-EUTR. Il-lista tal-komoditajiet imbagħad tnaqqset aktar permezz ta' analiżi tal-effiċjenza fil-Valutazzjoni tal-Impatt. Din l-analiżi tal-effiċjenza qabblet l-ettari ta' deforestazzjoni marbuta mal-konsum tal-UE, kif stmat f'dokument ta' riċerka riċenti[29], għal kull waħda minn dawk il-komoditajiet bil-valur medju tagħhom tal-importazzjonijiet tal-UE. Skont id-dokument ta' riċerka użat għall-analiżi tal-effiċjenza, sitt komoditajiet jirrappreżentaw l-akbar sehem tad-deforestazzjoni xprunata mill-UE fost it-total ta' tmien komoditajiet analizzati f'dak id-dokument ta' riċerka: iż-żejt tal-palm (33,95 %), is-sojja (32,83 %), l-injam (8,62 %), il-kawkaw (7,54 %), il-kafè (7,01 %) u ċ-ċanga (5,01 %).

(28) Meta wieħed jiftakar li l-użu ta' komoditajiet u prodotti riċiklati rilevanti jenħtieġ li jiġi imħeġġeġ, u li l-inklużjoni ta' tali komoditajiet u prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tpoġġi piż sproporzjonat fuq l-operaturi, il-komoditajiet u l-prodotti użati li jkunu temmew iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, u li altrimenti jintremew bħala skart, jenħtieġ li jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(29) Jenħtieġ li l-obbligi li jikkonċernaw il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jiġu stabbiliti minn dan ir-Regolament sabiex jiġu miġġielda effettivament id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti, u sabiex jiġu promossi ktajjen tal-provvista mingħajr deforestazzjoni.

(30) Ħafna organizzazzjonijiet u korpi internazzjonali (eż. l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Grupp Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima,

---

[29] Pendrill F., Persson U. M., Kastner, T. 2020.

il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, il-Ftehim ta' Pariġi, l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika) żviluppaw ħidma fil-qasam tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u d-definizzjonijiet f'dan ir-Regolament jibnu fuq din il-ħidma.

(31) Jenħtieġ li tiġi stabbilita data ta' skadenza sabiex tipprovdi bażi għall-evalwazzjoni ta' jekk l-art konċernata kinitx soġġetta għal deforestazzjoni jew degradazzjoni tal-foresti, li jfisser li l-ebda komodità u prodott fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma jitħalla jidħol fis-suq tal-Unjoni jew jiġi esportat jekk jiġi prodott fuq art soġġetta għad-deforestazzjoni jew għad-degradazzjoni tal-foresti wara dik id-data. Jenħtieġ li din tippermetti l-verifika u l-monitoraġġ xierqa, tikkorrispondi mal-impenji internazzjonali eżistenti, bħall-SDGs u d-Dikjarazzjoni ta' New York dwar il-Foresti, u b'hekk jiġi minimizzat it-tfixkil f'daqqa fil-ktajjen tal-provvista filwaqt li jitneħħa kwalunkwe inċentiv sabiex jiġu aċċellerati l-attivitajiet li jwasslu għad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti fid-dawl tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(32) Sabiex jissaħħaħ il-kontribut tal-Unjoni sabiex jitwaqqfu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, u sabiex jiġi żgurat li l-komoditajiet u l-prodotti mill-ktajjen tal-provvista relatati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti ma jiġux introdotti fis-suq tal-Unjoni, jenħtieġ li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma jiġux introdotti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, u lanqas ma jiġu esportati mis-suq tal-Unjoni sakemm ma jkunux mingħajr deforestazzjoni u jkunu ġew prodotti f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni. Sabiex jiġi kkonfermat li dan huwa l-każ, jenħtieġ li dawn dejjem ikunu akkumpanjati minn dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta.

(33) Abbażi ta' approċċ sistemiku, jenħtieġ li l-operaturi jieħdu l-passi xierqa sabiex jiżguraw li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jintroduċu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' mingħajr deforestazzjoni u tal-legalità ta' dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-operaturi jistabbilixxu u jimplimentaw proċeduri ta' diliġenza dovuta. Il-proċedura ta' diliġenza dovuta meħtieġa minn dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi tliet elementi: rekwiżiti ta' informazzjoni, valutazzjoni tar-riskju u miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju. Jenħtieġ li l-proċeduri ta' diliġenza dovuta jitfasslu sabiex jipprovdu aċċess għal informazzjoni dwar is-sorsi u l-fornituri tal-komoditajiet u tal-prodotti li jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni, inkluż informazzjoni li turi li l-assenza ta' deforestazzjoni u ta' degradazzjoni tal-foresti u ta' rekwiżiti ta' legalità huma ssodisfati, fost l-oħrajn billi jiġu identifikati l-pajjiż u ż-żona tal-produzzjoni, inkluż il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni tal-biċċiet art rilevanti. Dawn il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni li jiddependu mill-ħin, il-pożizzjonament u/jew l-osservazzjoni tad-Dinja jistgħu jagħmlu użu mid-*data* u mis-servizzi spazjali pprovduti skont il-programm Spazjali tal-Unjoni (EGNOS/Galileo u Copernicus). Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni jenħtieġ li l-operaturi jwettqu valutazzjoni tar-riskju. Meta jiġi identifikat riskju, jenħtieġ li l-operaturi jimmitigaw tali riskju sabiex ma jaslu għal sitwazzjoni tal-ebda riskju jew ta' riskju negliġibbli. Huwa biss wara li jlesti l-passi meħtieġa tal-proċedura ta' diliġenza dovuta u wara li jikkonkludi li ma jeżisti l-ebda riskju jew li jeżistu riskju negliġibbli li l-komodità jew il-prodott rilevanti ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, li l-operatur jista' jitħalla jintroduċi l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew jesportah.

(34) Jenħtieġ li l-operaturi formalment jassumu r-responsabbiltà għall-konformità tal-komoditajiet jew tal-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jintroduċu fis-suq tal-

Unjoni jew li jesportaw billi jagħmlu disponibbli d-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jipprovdi mudell għal tali dikjarazzjonijiet. Dan huwa mistenni li jiffaċilita l-infurzar ta' dan ir-Regolament permezz tal-awtoritajiet kompetenti u l-qrati kif ukoll iżid il-konformità mill-operaturi.

(35) Sabiex jiġu rikonoxxuti prattiki tajbin, fil-proċedura tal-valutazzjoni tar-riskju jistgħu jintużaw skemi ta' ċertifikazzjoni jew skemi oħra verifikati minn partijiet terzi, madankollu, jenħtieġ li dawn ma jissostitwixxux ir-responsabbiltà tal-operatur fir-rigward tad-diliġenza dovuta.

(36) Jenħtieġ li n-negozjanti jkunu responsabbli għall-ġbir u għaż-żamma ta' informazzjoni li tiżgura t-trasparenza tal-katina tal-provvista tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti li jqegħdu fis-suq. Negozjanti kbar li ma humiex intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għandhom influwenza sinifikanti fuq il-ktajjen tal-provvista u għandhom rwol importanti fl-iżgurar li dawn ikunu mingħajr deforestazzjoni u għalhekk jenħtieġ li jkollhom l-istess obbligi bħall-operaturi.

(37) Sabiex titrawwem it-trasparenza u jiġi faċilitat l-infurzar, jenħtieġ li l-operaturi li ma humiex SMEs, fuq bażi annwali, jirrapportaw pubblikament dwar is-sistema ta' diliġenza dovuta tagħhom, inkluż dwar il-passi meħuda sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom.

(38) Strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti ta' diliġenza dovuta fil-katina tal-valur fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem jew l-impatti ambjentali negattivi jenħtieġ li japplikaw sakemm ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika bl-istess objettiv, natura u effett f'dan ir-Regolament li tista' tiġi adattata fid-dawl ta' emendi leġiżlattivi futuri. Jenħtieġ li l-eżistenza ta' dan ir-Regolament ma teskludix l-applikazzjoni ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-katina tal-valur. Meta tali strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE jipprevedu dispożizzjonijiet aktar speċifiċi jew iżidu rekwiżiti mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li tali dispożizzjonijiet jiġu applikati flimkien ma' dawk ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, meta dan ir-Regolament ikun fih dispożizzjonijiet aktar speċifiċi, jenħtieġ li dawn ma jiġux interpretati b'mod li jimmina l-applikazzjoni effettiva ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE dwar id-diliġenza dovuta jew l-ilħuq tal-għan ġenerali tagħhom.

(39) L-operaturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti ta' diliġenza dovuta fil-katina tal-valur fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem jew l-impatti ambjentali negattivi jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni li jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar skont dan ir-Regolament billi jinkludu l-informazzjoni meħtieġa meta jirrapportaw skont l-istrument leġiżlattiv l-ieħor tal-UE.

(40) Ir-responsabbiltà għall-infurzar ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li tkun tal-Istati Membri u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jenħtieġ li jkunu meħtieġa jiżguraw li dan ir-Regolament jiġi rispettat bis-sħiħ. Infurzar uniformi ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu jista' jinkiseb biss permezz ta' skambju sistematiku ta' informazzjoni u kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet doganali u l-Kummissjoni.

(41) L-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi u effiċjenti ta' dan ir-Regolament huma essenzjali sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu. Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-

Kummissjoni tistabbilixxi u tiġġestixxi sistema ta' informazzjoni sabiex tappoġġa lill-operaturi u lill-awtoritajiet kompetenti fil-preżentazzjoni u fl-aċċess tal-informazzjoni meħtieġa dwar il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti introdotti fis-suq. Jenħtieġ li l-operaturi jissottomettu d-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta fis-sistema tal-informazzjoni. Jenħtieġ li s-sistema ta' informazzjoni tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti u għall-awtoritajiet doganali sabiex tiffaċilita t-twettiq tal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li s-sistema tal-informazzjoni tkun aċċessibbli wkoll għal pubbliku usa', bid-*data* anonimizzata provduta f'format miftuħ u li jinqara mill-magni f'konformità mal-Politika tal-Unjoni dwar id-*Data* Miftuħa.

(42) Għall-komoditajiet rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom il-kompitu li jivverifikaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mal-obbligi skont dan ir-Regolament, billi r-rwol tad-dwana huwa li tiżgura li r-referenza ta' dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta tkun disponibbli fid-dikjarazzjoni doganali fejn applikabbli u, barra minn hekk mill-mument li l-interfaċċa elettronika tkun fis-seħħ għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti, sabiex jivverifikaw l-istatus tad-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta wara analiżi tar-riskju inizjali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti fis-Sistema ta' Informazzjoni u jaġixxu kif xieraq (jiġifieri jissospendu jew jirrifjutaw komodità jew prodott jekk jintalbu jagħmlu dan permezz tal-istatus fis-Sistema ta' Informazzjoni). Din l-organizzazzjoni speċifika tal-kontrolli tirrifjuta l-applikazzjoni tal-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020 f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament.

(43) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li dejjem ikun hemm riżorsi finanzjarji adegwati disponibbli sabiex ikun hemm il-persunal u t-tagħmir xierqa għall-awtoritajiet kompetenti. Verifiki effiċjenti huma impenjattivi f'termini ta' riżorsi, u jenħtieġ li jiġu pprovduti riżorsi stabbli, f'livell xieraq għall-ħtiġijiet ta' infurzar fi kwalunkwe waqt. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jissupplementaw il-finanzjament pubbliku billi jirkupraw mill-operaturi ekonomiċi rilevanti l-kostijiet imġarrba meta jwettqu verifiki fir-rigward tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jkunu nstabu li ma humiex konformi.

(44) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar il-merkanzija u l-prodotti li jidħlu jew li joħorġu mis-suq tal-Unjoni, partikolarment id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni fir-rigward tas-setgħat tal-awtoritajiet doganali u l-kontrolli doganali. Jenħtieġ li l-importaturi jiġu mfakkra li l-Artikoli 220, 254, 256, 257 u 258 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jipprevedu li l-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni li jirrikjedu proċessar ulterjuri għandhom jitqiegħdu taħt il-proċedura doganali xierqa li tippermetti tali proċessar. Ġeneralment, ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni jenħtieġ li ma jitqiesx bħala prova ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni, peress li tali rilaxx mhux neċessarjament jinkludi kontroll sħiħ tal-konformità.

(45) Sabiex jiġi ottimizzat u jitneħħa l-piż minn fuq il-proċess ta' kontroll tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu, jeħtieġ li jiġu stabbiliti interfaċċi elettroniċi li jippermettu t-trasferiment awtomatiku tad-*data* bejn is-sistemi doganali u s-Sistema ta' informazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. Is-sistema ta' Single Window tal-UE għad-dwana hija l-kandidat naturali sabiex jiġu appoġġati tali trasferimenti tad-*data*. Jenħtieġ li l-interfaċċi jkunu awtomatizzati ħafna u faċli sabiex jintużaw, u jenħtieġ li l-piż addizzjonali għall-awtoritajiet doganali jkun

limitat. Barra minn hekk, fid-dawl tad-differenzi limitati bejn id-*data* li għandha tiġi dikjarata rispettivament fid-dikjarazzjoni doganali u fid-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta, huwa xieraq li jiġi propost ukoll approċċ "min-negozji għall-gvern" fejn in-negozjanti u l-operaturi ekonomiċi jagħmlu disponibbli d-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta ta' komodità jew prodott rilevanti permezz tas-sistema ta' single window nazzjonali għad-dwana u din id-dikjarazzjoni tiġi trażmessa awtomatikament fis-Sistema ta' Informazzjoni użata mill-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti jikkontribwixxu sabiex jiddeterminaw id-*data* li għandha tiġi trażmessa u kwalunkwe rekwiżit tekniku ieħor.

(46) Ir-riskju li jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti mhux konformi jvarja skont il-komodità u l-prodott kif ukoll skont il-pajjiż tal-oriġini u l-produzzjoni tagħhom. L-operaturi li jakkwistaw komoditajiet u prodotti minn pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx ta' tkabbir, ħsad jew produzzjoni ta' komoditajiet rilevanti bi ksur ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal anqas obbligi, u b'hekk jitnaqqsu l-kostijiet ta' konformità u l-piż amministrattiv. Il-komoditajiet u l-prodotti minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minnhom, jenħtieġ li jkunu soġġetti għal skrutinju msaħħaħ mill-awtoritajiet kompetenti.

(47) Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta r-riskju ta' deforestazzjoni u ta' degradazzjoni tal-foresti f'livell ta' pajjiż jew ta' partijiet minnu abbażi ta' firxa ta' kriterji li jirriflettu kemm *data* kwantitattiva, oġġettiva kif ukoll dik rikonoxxuta internazzjonalment, u indikazzjonijiet li l-pajjiżi huma involuti attivament fil-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti. Jenħtieġ li din l-informazzjoni dwar il-valutazzjoni komparattiva tagħmilha aktar faċli għall-operaturi fl-Unjoni li jeżerċitaw id-diliġenza dovuta u għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jimmonitorjaw u jinfurzaw il-konformità, filwaqt li tipprovdi wkoll inċentiv għall-pajjiżi produtturi sabiex iżidu s-sostenibbiltà tas-sistemi ta' produzzjoni agrikola tagħhom u jnaqqsu l-impatt tad-deforestazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li dan jgħin sabiex il-ktajjen tal-provvista jsiru aktar trasparenti u sostenibbli. Jenħtieġ li din is-sistema ta' valutazzjoni komparattiva tkun ibbażata fuq klassifikazzjoni bi tliet livelli ta' pajjiżi li għandhom jitqiesu bħala ta' riskju baxx, standard jew għoli. Sabiex jiġu żgurati trasparenza u ċarezza xierqa, jenħtieġ li l-Kummissjoni partikolarment tagħmel disponibbli għall-pubbliku d-*data* li tkun qiegħda tintuża għall-valutazzjoni komparattiva, ir-raġunijiet għall-bidla proposta fil-klassifikazzjoni u t-tweġiba tal-pajjiż konċernat. Għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b'riskju baxx jew partijiet ta' pajjiżi identifikati bħala b'riskju baxx, jenħtieġ li l-operaturi jitħallew japplikaw diliġenza dovuta simplifikata, filwaqt li l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jkunu meħtieġa japplikaw skrutinju msaħħaħ fuq il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minn pajjiżi identifikati bħala ta' riskju għoli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta miżuri ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli li jipproduċu komoditajiet u prodotti rilevanti li ma humiex konformi ma' dan ir-Regolament.

(48) Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu verifiki fuq l-operaturi u n-negozjanti, f'intervalli regolari, sabiex jivverifikaw li dawn qegħdin tassew iwettqu l-obbligi stipulati f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu verifiki meta jkollhom fil-pussess tagħhom informazzjoni rilevanti u abbażi ta' dan, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati sottomessa minn partijiet terzi. Għal kopertura komprensiva tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, tal-operaturi u n-

negozjanti rispettivi u tal-volumi tas-sehem tagħhom ta' komoditajiet u prodotti, jenħtieġ li japplika approċċ maqsum f'żewġ partijiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu meħtieġa jivverifikaw ċertu perċentwal ta' operaturi u negozjanti, filwaqt li jkopru wkoll perċentwal speċifiku ta' komoditajiet u prodotti rilevanti. Jenħtieġ li tali perċentwali jkunu ogħla għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minnhom.

(49) Jenħtieġ li l-verifiki tal-operaturi u tan-negozjanti mill-awtoritajiet kompetenti jkopru s-sistemi ta' diliġenza dovuta u l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-verifiki jkunu bbażati fuq pjan ta' verifiki bbażat fuq ir-riskju. Jenħtieġ li l-pjan ikun fih kriterji tar-riskju li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet tad-diliġenza dovuta sottomessi mill-operaturi u min-negozjanti. Jenħtieġ li l-kriterji tar-riskju jqisu r-riskju ta' deforestazzjoni assoċjata ma' komoditajiet u prodotti rilevanti fil-pajjiż tal-produzzjoni, l-istorja tal-konformità tal-operaturi u tan-negozjanti mal-obbligi ta' dan ir-Regolament u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw l-identifikazzjoni tal-operaturi, tan-negozjanti u tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti, u jenħtieġ li titwettaq bl-użu ta' tekniki elettroniċi tal-ipproċessar tad-*data* fis-sistema tal-informazzjoni li tiġbor id-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta.

(50) F'każ li l-analiżi tar-riskju tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta tiżvela riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità ta' komoditajiet u prodotti rilevanti speċifiċi, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jieħdu miżuri *interim* immedjati sabiex jipprevjenu l-introduzzjoni jew it-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni. F'każ li dawn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jkunu daħlu fis-suq tal-Unjoni jew ikunu ħerġin minnu, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jitolbu lill-awtoritajiet doganali s-sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-verifiki meħtieġa. Tali talba jenħtieġ li tiġi komunikata permezz tas-sistema tal-interfaċċa bejn id-dwana u l-awtoritajiet kompetenti. Is-sospensjoni tal-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni jenħtieġ li tkun limitata għal tlett ijiem ta' xogħol ħlief meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu jirrikjedu żmien addizzjonali sabiex jivvalutaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti ma' dan ir-Regolament. F'dak il-każ, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jieħdu miżuri *interim* addizzjonali sabiex jestendu l-perjodu ta' sospensjoni jew jitolbu tali estensjoni lill-awtoritajiet doganali fil-każ ta' komoditajiet u prodotti rilevanti li jkunu deħlin jew ħerġin mis-suq tal-Unjoni.

(51) Jenħtieġ li l-pjan għall-verifiki jiġi aġġornat regolarment abbażi tar-riżultati tal-implimentazzjoni tiegħu. Dawk l-operaturi li juru rekord konsistenti ta' konformità jenħtieġ li jkunu soġġetti għal frekwenza mnaqqsa ta' verifiki.

(52) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom is-setgħa li jirtiraw u jiġbru lura komoditajiet u prodotti rilevanti mhux konformi u li jieħdu azzjonijiet korrettivi xierqa. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll li l-ksur ta' dan ir-Regolament mill-operaturi u min-negozjanti jiġi sanzjonat b'penali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(53) Filwaqt li jqisu l-karattru internazzjonali tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti u l-kummerċ relatat, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw ma' xulxin, mal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, mal-Kummissjoni, kif ukoll mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jikkooperaw ukoll mal-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni u l-infurzar ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti ta' diliġenza dovuta fil-katina tal-valur fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem jew tal-impatti ambjentali negattivi.

(54) Filwaqt li dan ir-Regolament jindirizza d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, kif previst fil-Komunikazzjoni tal-2019 "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", jenħtieġ li l-protezzjoni tal-foresti ma twassalx għall-konverżjoni jew għad-degradazzjoni ta' ekosistemi naturali oħra. L-ekosistemi bħall-artijiet mistagħdra, is-savani u t-torbiera huma sinifikanti ħafna għall-isforzi globali sabiex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, kif ukoll għal għanijiet oħra ta' żvilupp sostenibbli u l-konverżjoni jew id-degradazzjoni tagħhom jirrikjedu attenzjoni urġenti partikolari. Sabiex tindirizza dan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa u l-fattibbiltà li testendi l-kamp ta' applikazzjoni għal ekosistemi oħra u għal komoditajiet ulterjuri sentejn wara d-dħul fis-seħħ. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq ukoll rieżami tal-prodotti rilevanti kif elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament permezz ta' att delegat.

(55) Sabiex jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' informazzjoni li l-operaturi għandhom jikkonformaw magħhom u li huma stabbiliti f'dan ir-Regolament jibqgħu rilevanti u f'konformità mal-iżviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tas-supplimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' informazzjoni meħtieġa għall-proċedura ta' diliġenza dovuta, l-informazzjoni u l-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-mitigazzjoni tar-riskju li l-operaturi għandhom jikkonformaw magħhom li huma stabbiliti f'dan ir-Regolament u fil-lista ta' prodotti stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament. Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Partikolarment, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, jenħtieġ li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qegħdin jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(56) Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 jipprojbixxi l-introduzzjoni fis-suq tal-Unjoni ta' injam u prodotti tal-injam maħsuda illegalment. Dan jistabbilixxi obbligi għall-operaturi li jqiegħdu injam fis-suq għall-ewwel darba sabiex jeżerċitaw diliġenza dovuta u għan-negozjanti sabiex iżommu rekord traċċabbli tal-fornituri u tal-klijenti tagħhom. Jenħtieġ li dan ir-Regolament iżomm l-obbligu li tiġi żgurata l-legalità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti, inkluż l-injam u l-prodotti tal-injam, introdotti fis-suq tal-Unjoni u jikkomplementahom bir-rekwiżit dwar is-sostenibbiltà. Dan ir-Regolament u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 607/2012 relatat għalhekk ma jibqawx meħtieġa b'dan ir-Regolament u jenħtieġ li jitħassru.

(57) Ir-Regolament (KE) Nru 2173/2005 jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' skema ta' liċenzjar FLEGT permezz ta' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja (VPAs) bilaterali ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. Sabiex jiġu rispettati l-impenji bilaterali li daħlet għalihom l-Unjoni Ewropea u sabiex jiġi ppreservat il-progress miksub mal-pajjiżi sħab li għandhom sistema operatorja fis-seħħ (stadju ta' liċenzjar FLEGT), jenħtieġ li dan ir-Regolament jinkludi dispożizzjoni li tiddikjara li l-injam u l-prodotti bbażati fuq l-injam koperti minn liċenzja FLEGT valida jissodisfaw ir-rekwiżit ta' legalità skont dan ir-Regolament.

(58) Filwaqt li dan ir-Regolament jindirizza d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, kif previst fil-Komunikazzjoni tal-2019 "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja", jenħtieġ li l-protezzjoni tal-foresti ma twassalx għall-konverżjoni jew għad-degradazzjoni ta' ekosistemi naturali oħra. L-ekosistemi bħall-artijiet mistagħdra, is-savani u t-torbiera huma sinifikanti ħafna għall-isforzi globali sabiex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, kif ukoll għal għanijiet oħra ta' żvilupp sostenibbli u l-konverżjoni jew id-degradazzjoni tagħhom jirrikjedu attenzjoni urġenti partikolari. Għalhekk jenħtieġ li ssir evalwazzjoni tal-ħtieġa u tal-fattibbiltà tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal ekosistemi oħra minbarra l-foresti fi żmien sentejn (2) mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(59) Meta, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ikun hemm bżonn li tiġi pproċessata *data* personali, dan jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' *data* personali. Kwalunkwe proċessar ta' *data* personali skont dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30] u għar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[31], kif applikabbli.

(60) Ladarba l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ġlieda kontra d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti billi jitnaqqas il-kontribut tal-konsum fl-Unjoni, ma jistax jintlaħaq mill-Istati Membri individwalment u jista' għalhekk, minħabba d-daqs tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

(61) Jenħtieġ li l-operaturi, in-negozjanti u l-awtoritajiet kompetenti jingħataw perjodu ta' żmien raġonevoli bil-għan li jkunu jistgħu jħejju lilhom infushom sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament,

---

30 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

31 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# Kapitolu 1

# Dispożizzjonijiet Ġenerali

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar l-introduzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, kif ukoll l-esportazzjoni mis-suq tal-Unjoni, tal-bhejjem tal-ifrat, tal-kawkaw, tal-kafè, tal-palm taż-żejt, tas-sojja u tal-injam ("komoditajiet rilevanti") u l-prodotti, kif elenkati fl-Anness I, li fihom, ikunu ġew mitmugħa bi jew ikunu saru bl-użu ta' komoditajiet rilevanti ("prodotti rilevanti"), bil-għan li

(a) jiġi mminimizzat il-kontribut tal-Unjoni għad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti madwar id-dinja

(b) jitnaqqas il-kontribut tal-Unjoni Ewropea għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien globali tal-bijodiversità.

Ir-Regolament ma għandux japplika għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti introdotti fis-suq tal-Unjoni li jkunu ġew prodotti qabel id-data stabbilita fl-Artikolu 36(1).

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "deforestazzjoni" tfisser il-konverżjoni ta' foresta għal użu agrikolu, kemm jekk ikkawżata mill-bniedem kif ukoll jekk le;

(2) "foresta" tfisser medda ta' art ta' aktar minn 0,5 ettari b'siġar għoljin aktar minn 5 metri u kanupew li jkopri aktar minn 10 %, jew siġar li kapaċi jilħqu dawn is-sollijiet in situ u ma tinkludix pjantaġġuni agrikoli u art li predominantement għandhom użu agrikolu jew urban;

(3) "pjantaġġuni agrikoli" tfisser popolament ta' siġar f'sistemi ta' produzzjoni agrikola, bħal pjantaġġuni tas-siġar tal-frott, pjantaġġuni taż-żejt tal-palm, imsaġar taż-żebbuġ u sistemi agroforestali meta l-għelejjel jitkabbru taħt kopertura tas-siġar. Dan jinkludi l-pjantaġġuni kollha tal-komoditajiet fl-Anness I għajr l-injam;

(4) "foresta ta' tħawwil" tfisser foresta mħawla li hija ġestita intensivament u li tissodisfa, fil-maturità tat-tħawwil u tal-popolament, il-kriterji kollha li ġejjin: speċi waħda jew tnejn, klassi tal-età ugwali, u spazjar regolari. Dan jinkludi pjantaġġuni ta' rotazzjoni qasira għall-injam, għall-fibra u għall-enerġija, u jeskludi l-foresti mħawla għall-protezzjoni jew għar-restawr tal-ekosistema, kif ukoll il-foresti

stabbiliti permezz tat-tħawwil jew tat-tiżrigħ li fil-maturità tal-popolament jixbhu jew se jixbhu foresti li jirriġeneraw naturalment;

(5) “foresta mħawla” tfisser foresta li fil-biċċa l-kbira hija magħmula minn siġar stabbiliti permezz tat-tħawwil u/jew taż-żrigħ intenzjonat sakemm is-siġar imħawla jew miżrugħa jkunu mistennija jikkostitwixxu aktar minn ħamsin fil-mija tal-injam wieqaf mal-maturità; dan jinkludi l-imsajġar minn siġar li oriġinarjament ikunu ġew imħawla jew miżrugħin;

(6) “degradazzjoni tal-foresti” tfisser operazzjonijiet ta’ ħsad li ma humiex sostenibbli u jikkawżaw tnaqqis jew telf tal-produttività bijoloġika jew ekonomika u l-kumplessità tal-ekosistemi tal-foresti, li jirriżultaw fit-tnaqqis fit-tul tal-provvista kumplessiva tal-benefiċċji mill-foresti, li tinkludi l-injam, il-bijodiversità u prodotti jew servizzi oħra;

(7) “operazzjonijiet ta’ ħsad sostenibbli” tfisser li l-ħsad isir b’kunsiderazzjoni taż-żamma tal-kwalità tal-ħamrija u tal-bijodiversità bil-għan li jiġu minimizzati l-impatti negattivi, b’mod li jiġi evitat il-ħsad tal-ġdur u tal-għeruq, id-degradazzjoni tal-foresti primarji jew il-konverżjoni tagħhom f’foresti ta’ tħawwil, u l-ħsad fuq ħamrija vulnerabbli; li jimminimizza tqaċċit totali tas-siġar u jiżgura lokalment sollijiet xierqa għall-estrazzjoni tal-injam niexef u rekwiżiti għall-użu ta’ sistemi ta’ qtugħ tas-siġar għall-injam li jimminimizzaw l-impatti fuq il-kwalità tal-ħamrija, inkluż il-kompattazzjoni tal-ħamrija, u fuq il-karatteristiċi u l-ħabitats tal-bijodiversità;

(8) “mingħajr deforestazzjoni” tfisser

(a) li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, inkluż dawk użati għal jew li jinsabu fi prodotti rilevanti, ikunu ġew prodotti fuq art li ma kinitx soġġetta għal deforestazzjoni wara l-31 ta’ Diċembru 2020, u

(b) li l-injam ikun inqata’ mill-foresta mingħajr ma tiġi kkawżata d-degradazzjoni tal-foresti wara l-31 ta’ Diċembru 2020;

(9) “prodott” tfisser imkabbra, maħsuda, imrobbija, mitmugħa minn jew miksuba fuq biċċa art rilevanti;

(10) “introduzzjoni fis-suq” tfisser it-tqegħid għall-ewwel darba ta’ komodità jew prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni;

(11) “tqegħid fis-suq” tfisser kwalunkwe provvista ta’ komodità jew prodott rilevanti għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq tal-Unjoni matul l-attività kummerċjali, kemm jekk issir bi ħlas kif ukoll mingħajru;

(12) “operatur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, matul attività kummerċjali, tintroduċi komoditajiet u prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew tesportahom mis-suq tal-Unjoni;

(13) “negozjant” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-provvista għajr l-operatur li, matul attività kummerċjali, tqiegħed fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti rilevanti;

(14) “pajjiż ta’ oriġini” tfisser pajjiż jew territorju kif definit fl-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[32];

(15) “pajjiż tal-produzzjoni” tfisser il-pajjiż jew it-territorju fejn tkun ġiet prodotta l-komodità rilevanti jew il-komodità rilevanti użata fil-produzzjoni ta’ prodott jew li tkun tinsab fih;

(16) “riskju negliġibbli” tfisser valutazzjoni sħiħa kemm tal-informazzjoni speċifika għall-prodott kif ukoll tal-informazzjoni ġenerali dwar il-konformità mal-Artikoli 3(a) u 3(b) mill-komoditajiet jew mill-prodotti rilevanti li ma juru l-ebda raġuni għal riokkupazzjoni;

(17) “rappreżentant awtorizzat” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mingħand operatur sabiex taġixxi f’ismu b’relazzjoni għal kompiti speċifikati fir-rigward tal-obbligi tal-operatur skont dan ir-Regolament;

(18) “prodotti mhux konformi” tfisser komoditajiet u prodotti rilevanti li ma kinux prodotti “mingħajr deforestazzjoni”, jew li ma kinux prodotti f’konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni, jew it-tnejn li huma;

(19) “biċċa art” hija estensjoni tal-art fi ħdan proprjetà immobbli waħda, kif rikonoxxuta mil-liġijiet tal-pajjiż tal-produzzjoni, u li tgawdi minn kundizzjonijiet omoġenji biżżejjed sabiex tippermetti li jiġi evalwat fil-livell aggregat ir-riskju ta’ deforestazzjoni u ta’ degradazzjoni tal-foresti assoċjati ma’ komoditajiet prodotti fuq dik l-estensjoni tal-art;

(20) “SMEs” tfisser intrapriżi mikro, żgħar u ta’ daqs medju kif definiti fid-Direttiva 2013/34/UE[33];

(21) “preokkupazzjoni sostanzjata” tfisser talba fondata sew ibbażata fuq informazzjoni oġġettiva u verifikabbli rigward in-nuqqas ta’ konformità ma’ dan ir-Regolament u li tista’ tirrikjedi l-intervent tal-awtoritajiet kompetenti;

(22) “awtoritajiet kompetenti” tfisser l-awtoritajiet deżinjati skont l-Artikolu 13(1);

(23) “awtoritajiet doganali” tfisser l-awtoritajiet doganali kif definiti fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(24) “rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera” tfisser il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 201 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

(25) “esportazzjoni” tfisser il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 269 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013;

---

32 Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

33 Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta’ ċerti tipi ta’ impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE Test b’rilevanza għaż-ŻEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19–76).

(26) "komoditajiet u prodotti rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni" tfisser komoditajiet u prodotti rilevanti minn pajjiżi terzi mqiegħda taħt il-proċedura doganali "rilaxx għal ċirkolazzjoni libera" u maħsuba sabiex jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni jew maħsuba għal użu kummerċjali jew għal konsum għajr privat fit-territorju doganali tal-Unjoni;

(27) "komoditajiet u prodotti rilevanti li joħorġu mis-suq tal-Unjoni" tfisser komoditajiet u prodotti rilevanti mqiegħda taħt il-proċedura doganali "esportazzjoni";

(28) "leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni" tfisser ir-regoli applikabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni dwar l-istatus legali taż-żona tal-produzzjoni f'termini ta' drittijiet tal-użu tal-art, protezzjoni ambjentali, id-drittijiet ta' partijiet terzi u r-regolamenti rilevanti dwar il-kummerċ u d-dwana skont il-qafas ta' leġiżlazzjoni applikabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni.

*Artikolu 3*

**Projbizzjoni**

Il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jistgħu jiġu introdotti jew jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, jew esportati mis-suq tal-Unjoni biss jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikunu mingħajr deforestazzjoni;

(b) ikunu ġew prodotti f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni; u

(c) ikunu koperti minn dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta kif stabbilit fl-Artikolu 4(2).

# Kapitolu 2

# Obbligi tal-operaturi u tan-negozjanti

*Artikolu 4*

**Obbligi tal-operaturi**

1. L-operaturi għandhom jeżerċitaw id-diliġenza dovuta qabel ma jqiegħdu l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew qabel l-esportazzjoni tagħhom minnu sabiex jiżguraw il-konformità tagħhom mal-Artikolu 3(a) u (b). Għal dak il-għan, huma għandhom jużaw qafas ta' proċeduri u miżuri, minn issa 'l quddiem imsejħa "diliġenza dovuta" kif stabbilit fl-Artikolu 8.

2. L-operaturi li, billi jeżerċitaw id-diliġenza dovuta kif imsemmi fl-Artikolu 8 ikunu waslu għall-konklużjoni li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti permezz tas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31 dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta qabel ma jqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw

il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti. Dik id-dikjarazzjoni għandha tikkonferma li tkun saret id-diliġenza dovuta u li ma jkun instab l-ebda riskju jew ikun instab biss riskju negliġibbli u għandu jkun fiha l-informazzjoni stabbilita fl-Anness II għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.

3. Billi jagħmel disponibbli d-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta, l-operatur jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-komodità jew tal-prodott rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. L-operaturi għandhom iżommu rekord tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta għal ħames (5) snin mid-data tat-tqegħid fis-suq permezz tas-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31.

4. L-operaturi ma jistgħux jintroduċu l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni u lanqas jesportawhom mingħajr sottomissjoni minn qabel ta' dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta.

5. L-operatur ma għandux jintroduċi l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq u lanqas ma jesportahom jekk japplika wieħed jew aktar mill-każijiet li ġejjin:

(a) il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma jkunux konformi mal-Artikolu 3(a) jew (b);

(b) l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta jkun żvela riskju mhux negliġibbli li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti ma humiex konformi mal-Artikolu 3(a) jew (b);

(c) l-operatur ma setax ilesti proċedura ta' diliġenza dovuta skont il-paragrafi 1 u 2.

6. Operaturi li jkunu rċevew informazzjoni ġdida, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati, li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà introduċew fis-suq ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandu jinforma minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu introduċew il-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq. Fil-każ ta' esportazzjonijiet mis-suq tal-Unjoni, l-operaturi għandhom jinformaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun il-pajjiż tal-produzzjoni.

7. L-operaturi għandhom joffru l-assistenza kollha meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-verifiki skont l-Artikolu 15, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-bini u l-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni jew rekords.

*Artikolu 5*

**Rappreżentanti awtorizzati**

1. L-operaturi jew in-negozjanti jistgħu jawtorizzaw lil rappreżentant awtorizzat sabiex jagħmel disponibbli d-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta skont l-Artikolu 4(2) f'isimhom. F'dak il-każ, l-operatur jew in-negozjant għandu jżomm ir-responsabbiltà għall-konformità tal-komodità jew tal-prodott rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

2. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu, fuq talba, jipprovdi kopja tal-mandat f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea lill-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu 6*

**Obbligi tan-negozjanti**

1. In-negozjanti li huma SMEs jistgħu jqegħdu fis-suq biss komoditajiet u prodotti rilevanti jekk ikollhom l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 2.

2. In-negozjanti li huma SMEs għandhom jiġbru u jżommu l-informazzjoni li ġejja relatata mal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jkunu beħsiebhom jqegħdu fis-suq:

   (a) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, l-indirizz postali, il-posta elettronika u, jekk disponibbli, indirizz web tal-operaturi jew tan-negozjanti li jkunu pprovdew il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti lilhom;

   (b) l-isem, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, l-indirizz postali, il-posta elettroniku u, jekk disponibbli, indirizz web tan-negozjanti li lilhom ikunu pprovdew il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.

3. In-negozjanti li huma SMEs għandhom iżommu l-informazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għal mill-anqas ħames snin u għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti fuq talba.

4. Negozjanti li huma SMEs li jkunu rċevew informazzjoni ġdida, inkluż preokkupazzjonijiet sostanzjati, li l-komodità jew il-prodott rilevanti li jkunu diġà qiegħdu fis-suq ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom jinformaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom ikunu qiegħdu l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq.

5. In-negozjanti li ma humiex SMEs għandhom jitqiesu bħala operaturi u jkunu soġġetti għal obbligi u dispożizzjonijiet fl-Artikoli 3, 4, 5, 8 sa 12, 14(9), 15 u 20 ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jqegħdu fis-suq tal-Unjoni.

6. In-negozjanti għandhom joffru l-assistenza kollha meħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-verifiki skont l-Artikolu 16, inkluż fir-rigward tal-aċċess għall-bini u l-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni jew rekords.

*Artikolu 7*

**L-introduzzjoni fis-suq minn operaturi stabbiliti f'pajjiżi terzi**

F'każ li persuna fiżika jew ġuridika stabbilita barra mill-Unjoni tintroduċi fis-suq tal-Unjoni komoditajiet u prodotti rilevanti, l-ewwel persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tixtri jew tieħu l-pussess ta' dawn il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti għandha titqies bħala operatur skont it-tifsira ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 8*

**Diliġenza dovuta**

1. Qabel ma jqiegħdu l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq jew qabel ma jesportawhom, l-operaturi għandhom jeżerċitaw id-diliġenza dovuta fir-rigward tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti kollha fornuti minn kull fornitur partikolari.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, id-diliġenza dovuta għandha tinkludi:

(a) il-ġbir ta' informazzjoni u dokumenti meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 9;

(b) miżuri ta' valutazzjoni tar-riskju kif imsemmija fl-Artikolu 10;

(c) miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju kif imsemmija fl-Artikolu 10.

*Artikolu 9*

**Rekwiżiti ta' informazzjoni**

1. L-operaturi għandhom jiġbru informazzjoni, dokumenti u *data* li juru li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti huma konformi mal-Artikolu 3. Għal dan il-għan, l-operatur għandu jiġbor, jorganizza u jżomm għal ħames snin l-informazzjoni li ġejja relatata mal-komoditajiet jew mal-prodotti rilevanti, sostnuta minn evidenza:

(a) deskrizzjoni, inkluż l-isem kummerċjali u t-tip ta' komoditajiet u prodotti rilevanti kif ukoll, fejn applikabbli, l-isem komuni tal-ispeċi u l-isem xjentifiku sħiħ tagħha;

(b) il-kwantità (espressa f'massa u f'volum netti, jew f'numru ta' unitajiet) tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti;

(c) l-identifikazzjoni tal-pajjiż tal-produzzjoni;

(d) il-koordinati tal-ġeolokalizzazzjoni, il-latitudni u l-lonġitudni tal-biċċiet kollha tal-art fejn ikunu ġew prodotti l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti, kif ukoll il-firxa ta' data jew ħin tal-produzzjoni;

(e) l-isem, il-posta elettronika u l-indirizz ta' kwalunkwe negozju jew persuna li lilha jkunu ġew fornuti l-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti;

(f) l-isem, il-posta elettronika u l-indirizz ta' kwalunkwe negozju jew persuna li lilha jkunu ġew fornuti l-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti;

(g) informazzjoni adegwata u verifikabbli li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti huma mingħajr deforestazzjoni;

(h) informazzjoni adegwata u verifikabbli li l-produzzjoni tkun twettqet f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-pajjiż tal-produzzjoni, inkluż kwalunkwe arranġament li jagħti d-dritt li tintuża ż-żona rispettiva għall-finijiet tal-produzzjoni tal-komodità rilevanti.

2. L-operatur għandu jagħmel disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti fuq talba l-informazzjoni, id-dokumenti u d-*data* miġbura skont dan l-Artikolu.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 sabiex tissupplimenta l-paragrafu 1 dwar aktar informazzjoni rilevanti li għandha tinkiseb li tista' tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-sistema ta' diliġenza dovuta.

*Artikolu 10*

**Valutazzjoni tar-riskju u mitigazzjoni tar-riskju**

1. L-operaturi għandhom jivverifikaw u janalizzaw l-informazzjoni miġbura f'konformità mal-Artikolu 9 u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti oħra, u fuq din il-bażi twettaq valutazzjoni tar-riskju sabiex tistabbilixxi jekk hemmx riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti maħsuba sabiex jiġu introdotti fis-suq tal-Unjoni jew jiġu esportati minnu ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Jekk l-operaturi ma jkunux jistgħu juru li r-riskju ta' nuqqas ta' konformità huwa negliġibbli, huma ma għandhomx jintroduċu l-komodità jew il-prodott rilevanti fis-suq tal-Unjoni u lanqas ma jesportawh.

2. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha tqis speċjalment l-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju li ġejjin:

(a) l-assenjazzjoni tar-riskju lill-pajjiż rilevanti jew partijiet minnu f'konformità mal-Artikolu 27;

(b) il-preżenza ta' foresti fil-pajjiż u fiż-żona tal-produzzjoni tal-komodità jew tal-prodott rilevanti;

(c) il-prevalenza tad-deforestazzjoni jew tad-degradazzjoni tal-foresti fil-pajjiż, fir-reġjun u fiż-żona tal-produzzjoni tal-komodità jew tal-prodott rilevanti;

(d) is-sors, l-affidabbiltà, il-validità u r-rabtiet għal dokumentazzjoni disponibbli oħra tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(1);

(e) preokkupazzjonijiet fir-rigward tal-pajjiż ta' produzzjoni u oriġini, bħal-livell ta' korruzzjoni, il-prevalenza ta' falsifikazzjoni tad-dokumenti u tad-*data*, in-nuqqas ta' infurzar tal-liġi, il-kunflitt armat jew il-preżenza ta' sanzjonijiet imposti mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea;

(f) il-kumplessità tal-katina tal-provvista rilevanti, partikolarment id-diffikultajiet wieħed jagħmel il-konnessjoni bejn il-komoditajiet u/jew tal-prodotti mal-biċċa art fejn ikunu ġew prodotti;

(g) ir-riskju ta' taħlit ma' prodotti ta' oriġini mhux magħrufa jew prodotti f'żoni fejn seħħet jew tkun qiegħda sseħħ id-deforestazzjoni jew id-degradazzjoni tal-foresti;

(h) il-konklużjonijiet tal-laqgħat rilevanti tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni ppubblikati fir-reġistru tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni;

(i) preokkupazzjonijiet sostanzjati sottomessi skont l-Artikolu 29;

(j) informazzjoni komplementari dwar il-konformità ma' dan ir-Regolament, li tista' tinkludi informazzjoni pprovduta permezz ta' skemi ta' ċertifikazzjoni jew skemi oħra vverifikati minn partijiet terzi, inkluż skemi volontarji rikonoxxuti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 30(5) tad-Direttiva (UE)

2018/2001[34], sakemm l-informazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 9.

3. Il-prodotti tal-injam li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 li huma koperti minn liċenzja FLEGT valida minn skema ta' liċenzjar operazzjonali għandhom jitqiesu li huma f'konformità mal-Artikolu 3(b) ta' dan ir-Regolament.

4. Ħlief fejn l-analiżi mwettqa f'konformità mal-paragrafu 1 tippermetti lill-operatur jiżgura li ma jkun hemm l-ebda riskju jew li jkun hemm riskju negliġibbli li l-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti ma jkunux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-operatur għandu jadotta qabel ma jqiegħed il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew qabel il-mitigazzjoni tar-riskju ta' esportazzjoni tagħhom, proċeduri u miżuri li jkunu adegwati sabiex ma jintlaħaq l-ebda riskju jew jintlaħaq riskju negliġibbli. Dan jista' jinkludi l-ħtieġa ta' informazzjoni, *data* jew dokumenti addizzjonali, it-twettiq ta' stħarriġ jew awditi indipendenti jew miżuri oħra relatati mar-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 9.

5. L-operaturi għandhom ikunu jistgħu juru kif l-informazzjoni miġbura ġiet ivverifikata skont il-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju stabbiliti fil-paragrafu 2, kif ittieħdet deċiżjoni dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju u kif l-operatur iddetermina l-grad ta' riskju.

6. L-operaturi għandu jkollhom fis-seħħ politiki, kontrolli u proċeduri adegwati u proporzjonati sabiex jimmitigaw u jimmaniġġjaw effettivament ir-riskji ta' nuqqas ta' konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti identifikati. Dawn għandhom jinkludu:

(a) mudelli ta' prattiki għall-ġestjoni tar-riskju, ir-rapportar, iż-żamma tar-rekords, il-kontroll intern u l-ġestjoni tal-konformità, inkluż għall-operaturi li ma humiex SMEs, il-ħatra ta' uffiċjal tal-konformità fil-livell maniġerjali;

(b) funzjoni ta' awditjar indipendenti sabiex jiġu vverifikati l-politiki, il-kontrolli u l-proċeduri interni msemmija fil-punt (a) għall-operaturi kollha li ma humiex SMEs.

7. Il-valutazzjonijiet tar-riskju għandhom jiġu ddokumentati, riveduti mill-anqas fuq bażi annwali u jkunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti fuq talba.

8. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 sabiex tissupplimenta l-paragrafi 2, 4 u 6 fir-rigward tal-informazzjoni rilevanti li għandha tinkiseb, il-kriterji tal-valutazzjoni tar-riskju u l-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jissupplimentaw dawk imsemmija f'dan l-Artikolu sabiex tiġi żgurata l-effettività tas-sistema ta' diliġenza dovuta.

*Artikolu 11*

**Żamma tas-sistemi ta' diliġenza dovuta u ż-żamma tar-rekords**

[34] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328/82, 21.12.2018, p. 82-209).

1. Sabiex jeżerċitaw id-diliġenza dovuta f'konformità mal-Artikolu 8, l-operaturi għandhom jistabbilixxu u jżommu aġġornata sistema ta' diliġenza dovuta sabiex jiżguraw li jistgħu jiggarantixxu l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 3(a) u (b). Is-sistema ta' diliġenza dovuta għandha tiġi riveduta mill-anqas darba fis-sena u, jekk ikun meħtieġ, tiġi adattata u tqis żviluppi ġodda li jistgħu jinfluwenzaw l-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta. L-operaturi għandhom iżommu rekord tal-aġġornamenti fis-sistema(i) ta' diliġenza dovuta għal ħames (5) snin.

2. Sakemm ma jkunx previst mod ieħor minn strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-katina tal-valur tas-sostenibbiltà, l-operaturi li ma humiex SMEs għandhom, fuq bażi annwali, jirrapportaw pubblikament kemm jista' jkun, inkluż fuq l-internet, dwar is-sistema ta' diliġenza dovuta tagħhom inkluż dwar il-passi meħuda min-naħa tagħhom sabiex jimplimentaw l-obbligi tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 8. L-operaturi li jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jistabbilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-katina tal-valur jistgħu jissodisfaw l-obbligi ta' rapportar tagħhom skont dan il-paragrafu billi jinkludu l-informazzjoni meħtieġa meta jirrapportaw fil-kuntest ta' strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE.

3. L-operaturi għandhom iżommu għal mill-anqas ħames snin id-dokumentazzjoni kollha relatata mad-diliġenza dovuta, bħar-rekords, il-miżuri u l-proċeduri rilevanti kollha skont l-Artikolu 8. Huma għandhom jagħmluhom disponibbli lill-awtorità kompetenti fuq talba.

*Artikolu 12*

**Diliġenza dovuta simplifikata**

1. Meta jqiegħdu komoditajiet jew prodotti rilevanti fis-suq tal-Unjoni jew jesportawhom minnha, l-operaturi ma humiex meħtieġa jissodisfaw l-obbligi skont l-Artikolu 10 meta jkunu jistgħu jiżguraw li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti kollha jkunu ġew prodotti f'pajjiżi jew f'partijiet minnhom li ġew identifikati bħala ta' riskju baxx f'konformità mal-Artikolu 27.

2. Madankollu, jekk l-operatur jikseb jew isir konxju minn kwalunkwe informazzjoni li tindika riskju li l-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jistgħu ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-obbligi kollha tal-Artikoli 9 u 10 għandhom jiġu ssodisfati.

# Kapitolu 3

# Obbligi tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom

*Artikolu 13*

**Awtorità kompetenti**

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar responsabbli mit-twettiq tal-obbligi li joriġinaw minn dan ir-Regolament.

2. Sa [tliet xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet, l-indirizzi u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet kompetenti maħtura skont il-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed bi kwalunkwe bidla f'din l-informazzjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-lista tal-awtoritajiet kompetenti disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tagħha. Il-Kummissjoni għandha taġġorna regolarment il-lista, abbażi tal-aġġornamenti rilevanti li tirċievi mill-Istati Membri.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom setgħat u riżorsi adegwati sabiex iwettqu l-obbligi stabbiliti fil-Kapitolu 3 ta' dan ir-Regolament.

5. Mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-operaturi li jeżerċitaw diliġenza dovuta kif stabbilit fl-Artikolu 8, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu assistenza teknika u assistenza u gwida oħra lill-operaturi, filwaqt li jqisu s-sitwazzjoni tal-SMEs, sabiex jiffaċilitaw il-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

6. L-Istati Membri, jistgħu jiffaċilitaw l-iskambju u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni rilevanti, partikolarment bil-għan li jgħinu lill-operaturi jivvalutaw ir-riskju kif stipulat fl-Artikolu 9, u dwar l-aħjar prattiki rigward l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

7. L-assistenza għandha tingħata b'mod li ma jikkompromettix l-indipendenza, l-obbligi legali u r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti fl-infurzar ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 14*

**Obbligu li jitwettqu l-verifiki**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu verifiki sabiex jistabbilixxu jekk l-operaturi u n-negozjanti jikkonformawx mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament u jekk il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti introdotti jew imqiegħda fis-suq tal-Unjoni jew esportati minnu humiex konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

2. Il-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu f'konformità mal-Artikoli 15 u 16.

3. Sabiex iwettqu l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu pjan ibbażat fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju. Il-pjan għandu jkun fih tal-anqas kriterji tar-riskju sabiex titwettaq l-analiżi tar-riskju skont il-paragrafu 4 u b'hekk jinforma d-deċiżjonijiet dwar il-verifiki. Meta jistabbilixxu u jirrevedu l-kriterji tar-riskju, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu partikolarment l-assenjazzjoni tar-riskju lil pajjiżi jew partijiet minnhom f'konformità mal-Artikolu 27, l-istorja tal-konformità ta' operatur jew negozjant ma' dan ir-Regolament u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra. Abbażi tar-riżultati

tal-verifiki u tal-esperjenza dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu dawk il-pjanijiet u l-kriterji tar-riskju fuq bażi regolari sabiex itejbu l-effettività tagħhom. Meta jirrevedu l-pjanijiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu frekwenza mnaqqsa ta' verifiki għal dawk l-operaturi u l-kummerċjanti li jkunu wrew rekord konsistenti ta' konformità sħiħa mar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament.

4. Sabiex jimplimentaw il-pjanijiet ta' verifiki bbażati fuq ir-riskju stabbiliti skont il-paragrafu 3, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu analiżi tar-riskju tal-informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta magħmula disponibbli għalihom skont l-Artikolu 4(2). L-analiżi tar-riskju għandha tuża l-kriterji tar-riskju inklużi fil-pjanijiet stabbiliti skont il-paragrafu 3, u għandha titwettaq permezz ta' tekniki elettroniċi għall-ipproċessar tad-*data* integrati fis-sistema tal-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 31.

5. Abbażi tal-analiżi tar-riskju skont il-paragrafu 4 u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw l-operaturi u n-negozjanti li għandhom jiġu vverifikati skont l-Artikoli 15 u 16.

6. Abbażi tal-analiżi tar-riskju skont il-paragrafu 4, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw ukoll il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jitolbu azzjoni immedjata minħabba li jippreżentaw tali riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jirrikjedu li jiġu vverifikati qabel ma jiġu introdotti jew jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew jiġu esportati. Tali identifikazzjoni għandha tiġi mmarkata fis-sistema ta' informazzjoni stabbilita skont l-Artikolu 31 u għandha tirriżulta fit-teħid ta' miżuri *interim* immedjati skont l-Artikolu 21 min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jiġu sospiżi l-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti jew, fil-każ ta' komoditajiet jew prodotti rilevanti li jidħlu jew joħorġu mis-suq tal-Unjoni u ladarba tkun fis-seħħ l-interfaċċa elettronika msemmija fl-Artikolu 26(1), fit-talba lill-awtoritajiet doganali għal sospensjoni skont l-Artikolu 24(6) tar-rilaxx tagħhom għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni.

7. Is-sospensjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandhom jintemmu fi żmien tlett ijiem tax-xogħol sakemm l-awtoritajiet kompetenti, abbażi tar-riżultat tal-verifiki mwettqa f'dak il-perjodu, jikkonkludu li jirrikjedu żmien addizzjonali sabiex jistabbilixxu jekk il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. F'każ bħal dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jestendu l-perjodu ta' sospensjoni permezz ta' miżuri *interim* addizzjonali meħuda skont l-Artikolu 21 jew, fil-każ ta' komoditajiet jew prodotti rilevanti li jidħlu jew joħorġu mis-suq tal-Unjoni, billi jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali dwar il-ħtieġa li tinżamm is-sospensjoni skont l-Artikolu 24(6).

8. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar u jikkoordinaw l-iżvilupp u l-applikazzjoni tal-kriterji tar-riskju msemmija fil-paragrafu 3 mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni, sabiex itejbu l-effettività tal-infurzar ta' dan ir-Regolament.

9. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-verifiki annwali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkopru mill-anqas 5 % tal-operaturi li jintroduċu jew iqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw minnu kull waħda mill-komoditajiet rilevanti fis-suq

tagħhom kif ukoll 5 % tal-kwantità ta' kull waħda mill-komoditajiet rilevanti introdotti jew mqiegħda fis-suq tagħhom jew esportati minnu.

10. Għal komoditajiet u prodotti rilevanti li jkunu ġew prodotti f'pajjiż jew f'partijiet minnu elenkati bħala ta' riskju għoli f'konformità mal-Artikolu 27 jew jekk ikun hemm riskju ta' komoditajiet jew prodotti rilevanti prodotti f'tali pajjiżi jew partijiet minnhom li jidħlu fil-katina tal-provvista rilevanti, l-awtorità kompetenti għandha twettaq skrutinju msaħħaħ speċifikat fl-Artikolu 20.

11. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki skont il-paragrafi 5 u 6, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-verifiki msemmija fil-paragrafu 1 meta jkollhom evidenza jew informazzjoni rilevanti oħra, inkluż abbażi ta' preokkupazzjonijiet sostanzjati pprovduti minn partijiet terzi skont l-Artikolu 29, dwar nuqqas ta' konformità potenzjali ma' dan ir-Regolament.

12. Il-verifiki għandhom isiru mingħajr twissija minn qabel lill-operatur jew lin-negozjant, ħlief meta tkun meħtieġa notifika minn qabel tal-operatur jew tan-negozjant sabiex tkun żgurata l-effettività tal-verifiki.

13. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu rekords tal-verifiki li jindikaw partikolarment in-natura u r-riżultati tagħhom, kif ukoll dwar il-miżuri meħuda f'każ ta' nuqqas ta' konformità. Għandhom jinżammu rekords tal-verifiki kollha għal mill-anqas ħames snin.

*Artikolu 15*

**Verifiki fuq l-operaturi**

1. Il-verifiki fuq l-operaturi għandhom jinkludu:

(a) eżami tas-sistema ta' diliġenza dovuta, inkluż il-valutazzjoni tar-riskju u l-proċeduri tal-mitigazzjoni tar-riskju;

(b) eżami ta' dokumentazzjoni u rekords li juru t-tħaddim kif suppost tas-sistema ta' diliġenza dovuta;

(c) eżami tad-dokumentazzjoni u tar-rekords li juru l-konformità ta' prodott jew ta' komodità speċifika li l-operatur ikun introduċa jew ikollu l-ħsieb li jintroduċi fis-suq tal-Unjoni jew li jesporta minnu mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;

(d) eżami tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta;

u, fejn ikun xieraq,

(e) eżami fuq il-post tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti bil-għan li tiġi żgurata l-konformità tagħhom mad-dokumentazzjoni użata għall-eżerċizzju tad-diliġenza dovuta;

(f) kwalunkwe mezz tekniku u xjentifiku adegwat sabiex jiġi ddeterminat il-post eżatt fejn tkun ġiet prodotta l-komodità jew il-prodott rilevanti, inkluż l-ittestjar tal-isotopu;

(g) kwalunkwe mezz tekniku u xjentifiku adegwat sabiex jiġi ddeterminat jekk il-komodità jew il-prodott rilevanti huwiex mingħajr deforestazzjoni, inkluż *data* ta' osservazzjoni tad-Dinja bħal mill-programm u l-għodod ta' Copernicus, u

(h) verifiki fuq il-post, li jinkludu awditi fuq il-post, inkluż fejn xieraq f'pajjiżi terzi permezz ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi.

*Artikolu 16*

**Verifiki fuq in-negozjanti**

1. Il-verifiki fuq in-negozjanti għandhom jinkludu:

(a) eżami tad-dokumentazzjoni u tar-rekords li juru l-konformità mal-Artikolu 6(2);

(b) fejn xieraq, verifiki fuq il-post, inkluż awditi fuq il-post.

*Artikolu 17*

**Irkupru tal-kostijiet mill-awtoritajiet kompetenti**

1. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom sabiex jitolbu lura mingħand l-operaturi jew in-negozjanti t-totalità tal-kostijiet tal-attivitajiet tagħhom fir-rigward ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità.

2. Il-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu l-kostijiet tat-twettiq tal-ittestjar, il-kostijiet tal-ħżin u l-kostijiet tal-attivitajiet relatati ma' prodotti li jinstabu li ma humiex konformi u li huma soġġetti għal azzjoni korrettiva qabel ir-rilaxx tagħhom għaċ-ċirkolazzjoni libera, it-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni jew l-esportazzjoni minnu.

*Artikolu 18*

**Kooperazzjoni u skambju tal-informazzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' awtoritajiet minn Stati Membri oħra, mal-Kummissjoni, u jekk ikun meħtieġ, mal-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabbilixxu arranġamenti amministrattivi mal-Kummissjoni dwar it-trażmissjoni tal-informazzjoni u t-twettiq tal-investigazzjonijiet.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiskambjaw l-informazzjoni meħtieġa għall-infurzar ta' dan ir-Regolament. Dan għandu jinkludi l-għoti ta' aċċess għal u l-iskambju ta' *data* dwar l-operaturi u n-negozjanti inkluż dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta ma' awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra sabiex jiġi ffaċilitat l-infurzar ta' dan ir-Regolament.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwissu minnufih lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u lill-Kummissjoni meta jsibu ksur ta' dan ir-Regolament u nuqqasijiet serji li jistgħu jaffettwaw aktar minn Stat Membru wieħed. L-awtoritajiet kompetenti għandhom, partikolarment, jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra meta jidentifikaw komodità jew prodott rilevanti fis-suq li ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, sabiex jippermettu l-irtirar jew is-sejħa lura ta' tali komodità jew prodott mill-bejgħ fl-Istati Membri kollha.

5. Fuq talba ta' awtorità kompetenti, l-Istati Membri għandhom jipprovdulha l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiżguraw il-konformità ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 19*

**Rapportar**

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku u lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mit-30 ta' April ta' kull sena, l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament matul is-sena kalendarja preċedenti. Din l-informazzjoni għandha tinkludi l-pjanijiet tagħhom għall-verifiki, in-numru u r-riżultati tal-verifiki mwettqa fuq l-operaturi u n-negozjanti, inkluż il-kontenut ta' dawn il-verifiki, il-volum tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti vverifikati fir-rigward tal-kwantità totali tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti introdotti fis-suq, il-pajjiżi tal-oriġini u tal-produzzjoni tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti kif ukoll il-miżuri meħuda f'każ ta' nuqqas ta' konformità u l-kostijiet tal-kontrolli rkuprati.

2. Is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, fuq bażi annwali, ħarsa ġenerali li tkopri l-Unjoni kollha tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament abbażi tad-*data* sottomessa mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1.

*Artikolu 20*

**Skrutinju msaħħaħ**

Meta l-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti jkunu ġew prodotti f'pajjiż jew f'parti minnu elenkati bħala ta' riskju għoli f'konformità mal-Artikolu 27, jew ikun hemm riskju li komoditajiet jew prodotti rilevanti prodotti f'tali pajjiżi jew partijiet minnhom jidħlu fil-katina tal-provvista rilevanti, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-verifiki annwali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu jkopru mill-anqas 15 % tal-operaturi li jintroduċu jew iqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq tal-Unjoni jew jesportaw minnu kull waħda mill-komoditajiet rilevanti fis-suq tagħhom kif ukoll 15 % tal-kwantità ta' kull waħda mill-komoditajiet rilevanti introdotta jew imqiegħda fis-suq tagħhom jew esportati minnu minn pajjiżi b'riskju għoli jew partijiet minnu.

*Artikolu 21*

**Miżuri *interim***

Meta, wara l-verifiki msemmija fl-Artikoli 15 u 16, ikunu nstabu nuqqasijiet serji possibbli, jew ikunu ġew identifikati riskji skont l-Artikolu 14(6), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jieħdu miżuri *interim* immedjati, inkluż is-sekwestru jew is-sospensjoni tal-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni u l-esportazzjoni minnu tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti.

*Artikolu 22*

**Miżuri tas-sorveljanza tas-suq**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23, meta l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu li operatur jew negozjant ma jkunx ikkonforma mal-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament jew li komodità jew prodott rilevanti ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, huma għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-operatur jew lin-negozjant rilevanti jieħu azzjoni korrettiva xierqa u proporzjonata sabiex itemm in-nuqqas ta' konformità.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-azzjoni korrettiva meħtieġa li għandha tittieħed mill-operatur jew min-negozjant għandha tinkludi mill-anqas waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

   (a) ir-rettifika ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità formali, partikolarment mar-rekwiżiti tal-Kapitolu 2 ta' dan ir-Regolament;

   (b) il-prevenzjoni li l-komodità jew il-prodott rilevanti jiġi introdott jew jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni jew jiġi esportat minnu;

   (c) l-irtirar jew is-sejħa lura minnufih tal-komodità jew tal-prodott rilevanti;

   (d) il-qerda tal-komodità jew tal-prodott rilevanti jew l-għoti tiegħu għal skopijiet ta' karità jew ta' interess pubbliku.

3. Jekk l-operatur jew in-negozjant jonqos milli jieħu azzjoni korrettiva msemmija fil-paragrafu 2 jew meta jippersisti n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-prodott jiġi rtirat jew jittieħed lura, jew li t-tqegħid tiegħu fis-suq tal-Unjoni jew l-esportazzjoni minnu jiġi pprojbit jew ristrett.

*Artikolu 23*

**Penali**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament mill-operaturi u n-negozjanti u għandhom jieħdu kull miżura neċessarja sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk id-dispożizzjonijiet u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien dwar kull emenda sussegwenti u li taffettwahom.

2. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. Il-penali għandhom jinkludu, bħala minimu:

   (a) multi proporzjonati għad-danni ambjentali u għall-valur tal-komoditajiet jew tal-prodotti konċernati rilevanti, billi jiġi kkalkolat il-livell ta' tali multi b'tali mod li jiġi żgurat li dawn effettivament iċaħħdu lil dawk responsabbli mill-benefiċċji ekonomiċi derivati mill-ksur tagħhom, u gradwalment jiżdied il-livell ta' tali multi għal ksur ripetut; l-ammont massimu ta' tali multi għandu jkun mill-anqas 4 % tal-fatturat annwali tal-operaturi jew tan-negozjanti fl-Istat Membru jew fl-Istati Membri konċernati;

(b) il-konfiska tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti konċernati mill-operatur u/jew min-negozjant;

(c) il-konfiska tad-dħul miksub mill-operatur u/jew min-negozjant minn tranżazzjoni bil-komoditajiet u l-prodotti rilevanti konċernati;

(d) esklużjoni temporanja mill-proċessi tal-akkwist pubbliku.

# Kapitolu 4

# Proċeduri għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jew li joħorġu minnu

*Artikolu 24*

**Kontrolli**

1. Il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti mqiegħda taħt il-proċedura doganali "rilaxx għal ċirkolazzjoni libera" jew "esportazzjoni" għandhom ikunu soġġetti għall-kontrolli u l-miżuri stabbiliti f'dan il-Kapitolu. L-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan ir-Regolament kif ukoll għal leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li tirregola r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni ta' merkanzija, partikolarment il-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u l-Artikoli 46, 47, 134 u 267 tiegħu. Madankollu, il-Kapitolu VII tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35] ma għandux japplika għall-kontrolli fuq il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni u l-infurzar ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu responsabbli għall-infurzar ġenerali ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' komodità u prodott rilevanti li jidħlu jew joħorġu mis-suq tal-Unjoni. Partikolarment, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu responsabbli li jistabbilixxu, permezz tal-verifiki skont l-Artikolu 14(1), jekk tali komodità jew prodott rilevanti jikkonformax mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu dawn id-dmirijiet f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu 3 ta' dan ir-Regolament.

3. L-awtoritajiet doganali għandhom jikkontrollaw id-dikjarazzjoni korretta tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti li jidħlu jew joħorġu mis-suq tal-Unjoni. Tali kontrolli għandhom ikunu bbażati primarjament fuq l-analiżi tar-riskju, bil-għan li jiġu identifikati u evalwati r-riskji u jiġu żviluppati l-kontromiżuri meħtieġa, u għandhom jitwettqu f'qafas komuni ta' ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-Unjoni.

4. In-numru ta' referenza tad-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta assenjat mis-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31 fir-rigward ta' komodità jew prodott

[35] Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011.

rilevanti li jidħol jew li joħroġ mill-Unjoni għandu jkun disponibbli għall-awtoritajiet doganali meta tkun qed tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni ta' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti, ħlief meta d-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta tiġi ppreżentata skont l-Artikolu 26(2).

5. Malli jirċievu dikjarazzjoni doganali għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni ta' komodità jew prodott rilevanti li jidħol jew li joħroġ mis-suq tal-Unjoni, l-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw l-istatus tad-dikjarazzjoni tad-diliġenza dovuta permezz tal-interfaċċa elettronika msemmija fl-Artikolu 26(1). Kwalunkwe bidla fl-istatus fis-Sistema ta' Informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31, li sseħħ qabel ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni ta' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti, għandha tiġi nnotifikata awtomatikament lill-awtoritajiet doganali li jissorveljaw dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti.

6. Meta wara l-analiżi tar-riskju skont l-Artikolu 14(4), l-istatus tad-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta korrispondenti jindika fis-sistema ta' informazzjoni stabbilita skont l-Artikolu 31 li komodità jew prodott rilevanti jirrikjedi li jiġi vverifikat qabel jiġi introdott jew jitqiegħed fis-suq tal-UE jew esportat, l-awtoritajiet doganali għandhom jissospendu r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni ta' dik il-komodità jew ta' dak il-prodott rilevanti.

7. Meta r-rekwiżiti u l-formalitajiet l-oħra kollha skont id-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali relatati mar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni jkunu ġew issodisfati, l-awtoritajiet doganali għandhom jippermettu li komodità jew prodott rilevanti jiġi rilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni libera jew esportat fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) Wara l-analiżi tar-riskju skont l-Artikolu 14(4), l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux indikaw fis-sistema ta' informazzjoni stabbilita skont l-Artikolu 31 li l-komodità jew il-prodott rilevanti jkun jeħtieġ is-sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew tal-esportazzjoni skont il-paragrafu 6;

(b) Meta r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni jkun ġie sospiż f'konformità mal-paragrafu 6, l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux talbu, fi żmien it-tlett ijiem tax-xogħol indikati fl-Artikolu 14(7), il-ħtieġa li tinżamm is-sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew l-esportazzjoni ta' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti;

(c) Meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu nnotifikaw lill-awtoritajiet doganali permezz tas-sistema ta' informazzjoni stabbilita skont l-Artikolu 31 li s-sospensjoni tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti tista' titneħħa.

Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni ma għandux jitqies bħala prova ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni u, partikolarment, ma' dan ir-Regolament.

8. Meta l-awtoritajiet kompetenti jikkonkludu li komodità jew prodott rilevanti li jidħol jew joħroġ mis-suq tal-Unjoni ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament, huma għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet doganali kif xieraq permezz tas-sistema ta' informazzjoni stabbilita skont l-Artikolu 31. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu

jindikaw ukoll fis-sistema ta' informazzjoni li huma joġġezzjonaw għat-tqegħid tal-komodità jew tal-prodott rilevanti taħt proċeduri doganali speċifiċi oħrajn.

Man-notifika ta' dak l-istatus, l-awtoritajiet doganali ma għandhomx jippermettu r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera jew għall-esportazzjoni ta' dik il-komodità jew dak il-prodott rilevanti. Dawn għandhom jinkludu wkoll l-avviż li ġej fis-sistema ta' proċessar tad-*data* doganali, u, fejn xieraq, fuq il-fattura kummerċjali li takkumpanja l-komodità jew il-prodott rilevanti u fuq kwalunkwe dokument ta' akkumpanjament rilevanti ieħor: "komodità jew prodott mhux konformi — ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera/esportazzjoni mhux awtorizzat — ir-Regolament (UE) 2021/XXXX." *[OP sabiex tiġi indikata r-referenza ta' dan ir-Regolament]*

Meta l-komodità jew il-prodott rilevanti jiġi sussegwentement iddikjarat għal proċeduri doganali oħrajn u dment li l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux oġġezzjonaw għal tali introduzzjoni, l-avviż għandu jiġi inkluż mill-operatur fid-dikjarazzjonijiet doganali u rreġistrat, bl-istess kundizzjonijiet, fis-sistema doganali tal-ipproċessar tad-*data* u, fejn possibbli, fuq id-dokumenti ta' akkumpanjament użati b'rabta ma' kwalunkwe proċedura bħal din.

9. In-notifiki u t-talbiet skont il-paragrafi 5 sa 8 ta' dan l-Artikolu għandhom isiru permezz tal-interfaċċa elettronika msemmija fl-Artikolu 26(1). Il-paragrafi 5 sa 8 għandhom japplikaw ladarba tkun fis-seħħ l-interfaċċa elettronika msemmija fl-Artikolu 26(1).

10. L-awtoritajiet doganali jistgħu jeqirdu komodità jew prodott rilevanti mhux konformi fuq it-talba tal-awtoritajiet kompetenti jew meta jqisu li dan ikun meħtieġ u proporzjonat. Il-kost tat-tali miżura għandu jiġġarrab mill-persuna fiżika jew ġuridika li jkollha l-komodità jew il-prodott rilevanti. L-Artikoli 197 u 198 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għandhom japplikaw kif xieraq. Fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti, il-komoditajiet u l-prodotti rilevanti mhux konformi jistgħu alternattivament jiġu kkonfiskati u mqiegħda mid-dwana għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.

### *Artikolu 25*

### **Skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni fost l-awtoritajiet**

1. Sabiex jippermettu l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju msemmi fl-Artikolu 14(3) għall-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jidħlu jew joħorġu mis-suq tal-Unjoni u sabiex jiżguraw li l-verifiki jkunu effettivi u mwettqa f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet doganali għandhom jikkooperaw mill-qrib u jiskambjaw informazzjoni.

2. L-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw f'konformità mal-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 u jiskambjaw informazzjoni meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom skont dan ir-Regolament, inkluż permezz ta' mezzi elettroniċi.

3. L-informazzjoni relatata mar-riskji għandha tiġi skambjata:

(a) Bejn l-awtoritajiet doganali f'konformità mal-Artikolu 46(5) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013; u

(b) Bejn l-awtoritajiet doganali u l-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.

4. Meta, b'rabta mal-komoditajiet u mal-prodotti rilevanti soġġetti għal dan ir-Regolament li huma jew f'ħażna temporanja jew imqiegħda taħt proċedura doganali għajr ir-"rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera", l-awtoritajiet doganali fl-ewwel punt tad-dħul ikollhom raġuni sabiex jemmnu li dawk il-komoditajiet jew il-prodotti rilevanti ma humiex konformi ma' dan ir-Regolament, dawn għandhom jibagħtu l-informazzjoni rilevanti kollha lill-uffiċċju doganali kompetenti tad-destinazzjoni.

*Artikolu 26*

**Interfaċċi elettroniċi**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta' Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti t-trażmissjoni tad-*data*, partikolarment in-notifiki u t-talbiet imsemmija fil-paragrafi 5 sa 8 tal-Artikolu 24 bejn is-sistemi doganali nazzjonali u s-sistema tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31. Din l-interfaċċa elettronika għandha tkun fis-seħħ sa mhux aktar tard minn erba' snin mid-data ta' adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni rilevanti msemmi fil-paragrafu 3.

2. Il-Kummissjoni tista' tiżviluppa interfaċċa elettronika bbażata fuq is-Sistema ta' Single Window tal-UE għad-Dwana sabiex tippermetti:

(a) Li n-negozjanti u l-operaturi jagħmlu disponibbli d-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta ta' komodità jew prodott rilevanti permezz tas-sistema ta' single window nazzjonali għad-dwana msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament [*PO sabiex jiġu vverifikati in-numru ta' referenza u n-numru tal-artikolu wara li tiġi adottata l-proposta*] u jirċievu feedback dwarha mill-awtoritajiet kompetenti; u

(b) It-trażmissjoni ta' dik id-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta fis-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 31 ta' dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw id-dettalji tal-arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-paragrafi 1 u 2 u, partikolarment, li jispeċifikaw id-*data*, inkluż il-format tagħha, li għandha tiġi trażmessa f'konformità mal-paragrafi 1 u 2. L-atti ta' implimentazzjoni jistgħu jiddeterminaw ukoll li ċerta *data* speċifika disponibbli fid-dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta u meħtieġa għall-attivitajiet tal-awtoritajiet doganali, inkluż is-sorveljanza u l-ġlieda kontra l-frodi, tiġi trażmessa u rreġistrata fis-sistemi doganali tal-UE u nazzjonali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2).

# Kapitolu 5

# Sistema ta' valutazzjoni komparattiva tal-pajjiżi u kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi

*Artikolu 27*

**Valutazzjoni tal-pajjiżi**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema bi tliet livelli għall-valutazzjoni tal-pajjiżi jew ta' partijiet minnhom. Sakemm ma jkunux identifikati f'konformità ma' dan l-Artikolu bħala li jippreżentaw riskju baxx jew għoli, il-pajjiżi għandhom jitqiesu bħala li jippreżentaw riskju standard. Il-Kummissjoni tista' tidentifika pajjiżi jew partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli li jipproduċu komoditajiet jew prodotti rilevanti li ma jkunux konformi mal-punt (a) tal-Artikolu 3. Il-lista tal-pajjiżi jew ta' partijiet minnhom li jippreżentaw riskju baxx jew għoli għandha tiġi ppubblikata permezz ta' att(i) ta' implimentazzjoni li għandu/għandhom jiġi/u adottat(i) f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(2). Dik il-lista għandha tiġi aġġornata kif meħtieġ fid-dawl ta' evidenza ġdida.

2. L-identifikazzjoni ta' pajjiżi b'riskju baxx u għoli jew partijiet minnhom skont il-paragrafu 1 għandha tqis l-informazzjoni pprovduta mill-pajjiż konċernat u tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' valutazzjoni li ġejjin:

   (a) ir-rata tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti,

   (b) ir-rata ta' espansjoni tal-art agrikola għall-komoditajiet rilevanti,

   (c) ix-xejriet tal-produzzjoni tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti,

   (d) jekk il-kontribut determinat fil-livell nazzjonali (NDC) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima jkoprix l-emissjonijiet u l-assorbimenti mill-agrikoltura, il-forestrija u l-użu tal-art li jiżgura li l-emissjonijiet mid-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti huma kontabilizzati lejn l-impenn tal-pajjiż sabiex inaqqas jew jillimita l-emissjonijiet tal-gassijiet serra kif speċifikat fin-NDC;

   (e) il-ftehimiet u strumenti oħra konklużi bejn il-pajjiż konċernat u l-Unjoni li jindirizzaw id-deforestazzjoni jew id-degradazzjoni tal-foresti u jiffaċilitaw il-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom;

   (f) jekk il-pajjiż konċernat għandux fis-seħħ liġijiet nazzjonali jew subnazzjonali, inkluż f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Pariġi, u jieħu miżuri ta' infurzar effettivi sabiex jevita u jissanzjona attivitajiet li jwasslu għad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, u partikolarment jekk jiġux applikati sanzjonijiet ta' severità suffiċjenti sabiex jiġu miċħuda l-benefiċċji li jirriżultaw mid-deforestazzjoni jew mid-degradazzjoni tal-foresti.

3. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-pajjiżi konċernati bl-intenzjoni tagħha li tassenja bidla fil-kategorija ta' riskju eżistenti u tistedinhom jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meqjusa utli f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni għandha tippermetti lill-pajjiżi żmien adegwat sabiex jipprovdu tweġiba, li jista' jinkludi informazzjoni dwar miżuri meħuda mill-pajjiż sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni f'każ li l-istatus tiegħu jew l-istatus ta' partijiet minnu jista' jinbidel għal kategorija ta' riskju ogħla.

Dan għandu jinkludi fin-notifika, l-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-raġuni jew ir-raġunijiet għall-intenzjoni li tinbidel l-identifikazzjoni tar-riskju tal-pajjiż jew ta' partijiet minnu;

(b) l-istedina li jwieġeb lill-Kummissjoni bil-miktub fir-rigward tal-intenzjoni li jinbidel l-istatus ta' riskju tal-pajjiż jew ta' partijiet minnu;

(c) il-konsegwenzi tal-identifikazzjoni tiegħu bħala pajjiż b'riskju għoli jew baxx.

4. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bl-inklużjoni jew bit-tneħħija ta' pajjiż mil-lista msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 28*

**Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi**

1. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha mal-pajjiżi produtturi konċernati minn dan ir-Regolament sabiex tiżviluppa sħubijiet u kooperazzjoni sabiex jiġu indirizzati konġuntement id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti. Tali sħubijiet u mekkaniżmi ta' kooperazzjoni se jiffokaw fuq il-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-foresti, id-deforestazzjoni, id-degradazzjoni tal-foresti u t-tranżizzjoni lejn il-produzzjoni sostenibbli tal-komoditajiet, l-ipproċessar tal-konsum u l-metodi kummerċjali. Is-sħubijiet u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni jistgħu jinkludu djalogi strutturati, programmi u azzjonijiet ta' appoġġ, arranġamenti amministrattivi u dispożizzjonijiet fi ftehimiet eżistenti jew fi ftehimiet li jippermettu lill-pajjiżi produtturi jagħmlu t-tranżizzjoni lejn produzzjoni agrikola li tiffaċilita l-konformità tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti mar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament. Tali ftehimiet u l-implimentazzjoni effettiva tagħhom se jitqiesu bħala parti mill-valutazzjoni komparattiva skont l-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament.

2. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom jippermettu l-parteċipazzjoni sħiħa tal-partijiet konċernati kollha, inkluż is-soċjetà ċivili, il-popli indiġeni, il-komunitajiet lokali u s-settur privat inklużi, l-SMEs u l-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira.

3. Is-sħubijiet u l-kooperazzjoni għandhom jippromwovu l-iżvilupp ta' proċessi ta' ppjanar integrat tal-użu tal-art, leġiżlazzjonijiet rilevanti, inċentivi fiskali u għodod pertinenti oħrajn sabiex itejbu l-konservazzjoni tal-foresti u tal-bijodiversità, il-ġestjoni sostenibbli u r-restawr tal-foresti, jindirizzaw il-konverżjoni tal-foresti u tal-ekosistemi vulnerabbli għal użi oħra tal-art, jottimizzaw it-titjib għall-pajsaġġ, is-sigurtà taż-żamma tal-art, il-produttività u l-kompetittività tal-agrikoltura, il-ktajjen tal-provvista trasparenti, it-tisħiħ tad-drittijiet tal-komunitajiet dipendenti mill-foresti, inkluż bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, popli indiġeni u komunitajiet lokali, u l-iżgurar tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-ġestjoni tal-foresti u informazzjoni rilevanti oħra.

4. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha f'diskussjoni internazzjonali bilaterali u multilaterali dwar politiki u azzjonijiet sabiex twaqqaf id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, inkluż f'fora multilaterali bħall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, l-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, il-Forum tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti, il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-G7 u l-G20. Tali involviment għandu jinkludi l-promozzjoni tat-tranżizzjoni għall-produzzjoni agrikola sostenibbli u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif ukoll l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista trasparenti u sostenibbli kif ukoll it-tkomplija tal-isforzi lejn l-identifikazzjoni u l-qbil ta' standards u definizzjonijiet sodi li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-ekosistemi tal-foresti.

# Kapitolu 6

# Preokkupazzjonijiet sostanzjati

*Artikolu 29*

**Preokkupazzjonijiet sostanzjati ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi**

1. Il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi għandhom ikunu intitolati li jissottomettu preokkupazzjonijiet sostanzjati lill-awtoritajiet kompetenti meta jqisu, abbażi ta' ċirkostanzi oġġettivi, li operatur jew negozjant wieħed jew aktar ikunu qegħdin jonqsu milli jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw b'diliġenza u imparzjalment il-preokkupazzjonijiet sostanzjati u jieħdu l-passi meħtieġa, inkluż verifiki u seduti ta' smigħ tal-operaturi u tan-negozjanti, bil-għan li jiġi identifikat ksur potenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u, fejn xieraq, miżuri *interim* skont l-Artikolu 21 sabiex jiġu evitati l-introduzzjoni jew it-tqegħid fis-suq tal-Unjoni, u l-esportazzjoni minnu ta' komoditajiet u prodotti rilevanti li jkunu qegħdin jiġu investigati.

3. L-awtorità kompetenti għandha, kemm jista' jkun malajr u f'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tad-dritt nazzjonali, tinforma lill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi msemmija fil-paragrafu 1, li jkunu ssottomettew osservazzjonijiet lill-awtorità, dwar id-deċiżjoni tagħha jekk taċċettax jew tirrifjutax it-talba għal azzjoni u għandha tipprovdi r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

*Artikolu 30*

**Aċċess għall-ġustizzja**

1. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess suffiċjenti, inkluż dawk li jkunu ssottomettew preokkupazzjonijiet sostanzjati f'konformità mal-Artikolu 29, għandu jkollha aċċess għal qorti jew għal korp pubbliku indipendenti u imparzjali

ieħor kompetenti sabiex tirrieżamina l-legalità proċedurali u sostantiva tad-deċiżjonijiet, atti jew in-nuqqas ta' azzjoni tal-awtorità kompetenti skont dan ir-Regolament.

2. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tirrikjedi li l-proċeduri ta' rieżami amministrattiv jiġu eżawriti qabel ir-rikors għal proċedimenti ġudizzjarji.

# Kapitolu 7

# Sistema ta' informazzjoni

*Artikolu 31*

**Sistema ta' Informazzjoni "Reġistru"**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm, sad-data stabbilita fl-Artikolu 36(2), sistema ta' informazzjoni ("Reġistru") li għandu jkun fiha d-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta magħmula disponibbli skont l-Artikolu 4(2).

2. Is-sistema ta' informazzjoni għandha tipprovdi tal-anqas il-funzjonalitajiet li ġejjin:

(a) ir-reġistrazzjoni tal-operaturi u tan-negozjanti u tar-rappreżentanti awtorizzati tagħhom fl-UE; għall-operaturi li jqiegħdu komoditajiet u prodotti rilevanti taħt il-proċedura doganali "rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera" jew "esportazzjoni", in-numru tar-Reġistrazzjoni u tal-Identifikazzjoni tal-Operaturi Ekonomiċi (EORI) stabbilit skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, għandu jiġi inkluż fil-profil tar-reġistrazzjoni tagħhom;

(b) ir-reġistrazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta inkluż il-kunsinna lill-operatur jew lin-negozjant konċernat ta' numru ta' referenza għal kull dikjarazzjoni ta' diliġenza dovuta;

(c) ir-reġistrazzjoni tal-eżitu tal-kontrolli fuq id-dikjarazzjonijiet ta' diliġenza dovuta;

(d) l-interkonnessjoni mad-dwana permezz tas-Sistema ta' Single Window tal-UE għad-Dwana* [meta jiġi adottat ir-Regolament, tista' ssir referenza għalih direttament], f'konformità mal-Artikolu 26, inkluż sabiex ikunu permessi n-notifiki u t-talbiet skont l-Artikolu 24(5) sa (8);

(e) tippermetti t-tfassil ta' profili tar-riskju tal-operaturi, tan-negozjanti u tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti bil-għan li jiġu identifikati kunsinni ta' riskju għoli skont l-analiżi tar-riskju fl-Artikolu 14(4);

(f) tippermetti l-assistenza u l-kooperazzjoni amministrattivi bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-Kummissjoni sabiex jiskambjaw informazzjoni u *data*;

(g) tippermetti komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi u n-negozjanti għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi regoli għall-funzjonament tas-sistema ta' informazzjoni, inkluż regoli għall-protezzjoni ta' *data* personali u l-iskambju ta' *data* ma' sistemi oħrajn tal-IT. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 33(2) ta' dan ir-Regolament.

4. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi aċċess għal dik is-sistema ta' informazzjoni lill-awtoritajiet doganali, lill-awtoritajiet kompetenti, lill-operaturi u lin-negozjanti f'konformità mal-obbligi rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament.

5. F'konformità mal-Politika tal-UE dwar id-*Data* Miftuħa, u partikolarment id-Direttiva (UE) 2019/1024[36], il-Kummissjoni għandha tipprovdi aċċess għall-pubbliku usa' għas-settijiet tad-*data* anonimizzati kompluti tas-sistema tal-informazzjoni f'format miftuħ li jista' jinqara mill-magni u li jiżgura l-interoperabbiltà, l-użu mill-ġdid u l-aċċessibbiltà.

# Kapitolu 8

# Rieżami

*Artikolu 32*

**Rieżami**

1. Sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ, il-Kummissjoni għandha twettaq l-ewwel rieżami ta' dan ir-Regolament, u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' proposta leġiżlattiva, jekk tkun xierqa. Ir-rapport għandu jiffoka partikolarment fuq evalwazzjoni tal-ħtieġa u l-fattibbiltà tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal ekosistemi oħra, inkluż art b'ħażniet għoljin ta' karbonju u art b'valur għoli ta' bijodiversità bħal mergħat, torbieri u artijiet mistagħdra u komoditajiet ulterjuri.

2. Mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ u mill-anqas kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami ġenerali ta' dan ir-Regolament, u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta leġiżlattiva. L-ewwel wieħed mir-rapporti għandu jinkludi partikolarment, abbażi ta' studji speċifiċi, evalwazzjoni ta':

(a) il-ħtieġa ta' għodod addizzjonali għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ u l-fattibbiltà tagħhom sabiex jappoġġaw l-ilħuq tal-objettivi tar-Regolament inkluż permezz tar-rikonoxximent ta' skemi ta' ċertifikazzjoni;

[36] Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56–83).

(b) l-impatt tar-Regolament fuq il-bdiewa, partikolarment fuq il-bdiewa b'azjenda agrikola żgħira, il-popli indiġeni u l-komunitajiet lokali u l-ħtieġa possibbli ta' appoġġ addizzjonali għat-tranżizzjoni lejn ktajjen tal-provvista sostenibbli.

3. Mingħajr preġudizzju għar-rieżami ġenerali skont il-paragrafu 1, l-ewwel rieżami tal-Anness I għandu jitwettaq mill-Kummissjoni mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, u minn hemm 'il quddiem f'intervalli regolari sabiex jiġi valutat jekk huwiex xieraq li jiġu emendati jew estiżi l-prodotti rilevanti elenkati fl-Anness I sabiex jiġi żgurat li l-prodotti kollha li fihom, ikunu ġew mitmugħa b'komoditajiet rilevanti jew ikunu saru bl-użu tagħhom jiġu inklużi f'dik il-lista, sakemm id-domanda għal dawk il-prodotti ma jkollhiex effett negliġibbli fuq id-deforestazzjoni. Ir-rieżamijiet għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-effett tal-komoditajiet u tal-prodotti rilevanti fuq id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti, u jqisu l-bidliet fil-konsum, kif indikat minn evidenza xjentifika.

4. Wara rieżami kif stabbilit fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 33 sabiex temenda l-Anness I sabiex tinkludi prodotti rilevanti li fihom jew li jkunu saru bl-użu ta' komoditajiet rilevanti.

# Kapitolu 9

# Dispożizzjonijiet finali

*Artikolu 33*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 9(3), 10(8) u 32(4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn JJ/XX/SS. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn sitt xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 9(3), 10(8) u 32(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 9(3), 10(8) u 32(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien [xahrejn] min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'[xahrejn] fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 34*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011[37].

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, wara li jkunu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11 tiegħu.

*Artikolu 35*

**Tħassir**

Ir-Regolament (UE) Nru 995/2010 jitħassar b'effett mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament stabbilita fl-Artikolu 36(2).

*Artikolu 36*

**Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. L-Artikoli 3 sa 12, 14 sa 22, 24, 29 u 30 għandhom japplikaw 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. L-Artikoli msemmija fil-paragrafu 2 għandhom japplikaw 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għall-operaturi li huma mikrointrapriżi[38] stabbiliti sal-31 ta' Diċembru 2020, ħlief għall-prodotti koperti fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 995/2010.

---

[37] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.

[38] Kif definiti fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' intrapriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika konċernat(i)

### 1.3. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

### 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluż kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

*1.5.5. Valutazzjoni tal-alternattivi differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

### 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

### 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

### 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti komoditajiet u prodotti rilevanti assoċjati mad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti |

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika konċernat(i)

| |
|---|
| 09 - Ambjent u Azzjoni Klimatika |

### 1.3. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

☑ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[1]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☑ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

| |
|---|
| L-objettiv ġenerali huwa li jitnaqqsu d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti li huma provokati mill-konsum u l-produzzjoni tal-UE. Dan, min-naħa tiegħu, huwa mistenni li jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien tal-bijodiversità xprunati mill-UE. |

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

<u>Objettiv speċifiku Nru</u>

It-tnaqqis tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti li huma provokati mill-konsum u mill-produzzjoni tal-UE:

- Jiġi minimizzat il-konsum ta' prodotti li ġejjin minn ktajjen tal-provvista assoċjati mad-deforestazzjoni jew mad-degradazzjoni tal-foresti.
- Iż-żieda fid-domanda tal-UE għal komoditajiet u prodotti legali u dawk mingħajr deforestazzjoni u fil-kummerċ tagħhom.

[1] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Ir-regolament propost se jipprevjeni d-deforestazzjoni xprunata mill-konsum u mill-produzzjoni tal-UE tas-sitt komoditajiet inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni, b'benefiċċji mbassra ferm ogħla minn 71 920 ettaru ta' foresti anqas affettwati mid-deforestazzjoni u mid-degradazzjoni tal-foresti xprunati mill-UE kull sena sal-2030. Dan ikun ifisser ukoll tnaqqis ta' mill-anqas 31,9 miljun tunnellata metrika ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-atmosfera kull sena minħabba l-konsum u l-produzzjoni tal-UE tal-komoditajiet rilevanti, li jistgħu jirriżultaw f'iffrankar ekonomiku ta' mill-anqas EUR 3,2 biljun fis-sena. Barra minn hekk, ir-regolament huwa mistenni li jikkontribwixxi deċiżament għall-protezzjoni tal-bijodiversità, għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji li joperaw fis-suq tal-UE, kif ukoll għall-ilħuq tal-objettivi speċifiċi tar-regolament: Il-minimizzazzjoni tal-konsum ta' prodotti li ġejjin minn ktajjen tal-provvista assoċjati mad-deforestazzjoni jew mad-degradazzjoni tal-foresti u ż-żieda fid-domanda tal-UE għal komoditajiet u prodotti legali u "mingħajr deforestazzjoni" u fil-kummerċ tagħhom.

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

1. Mill-anqas 71 920 ettaru ta' foresta anqas fis-sena se jbatu minn deforestazzjoni jew degradazzjoni tal-foresti minħabba l-konsum jew il-produzzjoni tal-UE tal-komoditajiet fil-kamp ta' applikazzjoni.

2. Mill-anqas 31,9 miljun tunnellata metrika ta' karbonju fis-sena mhux se jiġu emessi fl-atmosfera minħabba l-konsum u l-produzzjoni tal-UE tal-komoditajiet fil-kamp ta' applikazzjoni.

3. Anqas speċijiet ta' annimali u pjanti se jiġu mhedda mill-estinzjoni permezz tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti xprunati mill-UE.

4. L-operaturi u n-negozjanti li jittrattaw il-komoditajiet rilevanti fl-UE se jkollhom qafas legali ċar u prevedibbli tal-UE li jagħti l-istess kundizzjonijiet fir-rigward tal-obbligi għall-prevenzjoni tad-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti.

5. Il-kwantità ta' prodotti mibjugħa fl-UE li ġejjin minn ktajjen tal-provvista assoċjati mad-deforestazzjoni jew mad-degradazzjoni tal-foresti se titnaqqas.

6. Il-konsum u l-produzzjoni tal-UE ta' komoditajiet u ta' prodotti "mingħajr deforestazzjoni" se jikbru.

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluż kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Ir-regolament propost se jkun applikabbli direttament mill-jum tad-dħul fis-seħħ tiegħu. Se tintuża serje ta' atti ta' implimentazzjoni/delegati, kif ukoll kompiti

amministrattivi, f'perjodu ta' żmien ta' ħames snin mid-data stabbilita fl-Artikolu 36(1).

Lista dettaljata ta' dawn l-azzjonijiet previsti hija pprovduta hawn taħt:

1. Qabel id-data stabbilita fl-Artikolu 36(2):

a) Offerta pubblika (jew arranġament amministrattiv) għal kuntratt sabiex tiġi żviluppata s-sistema ta' valutazzjoni komparattiva tal-pajjiż skont il-kriterji speċifikati fir-regolament.

b) Offerta pubblika għal valutazzjoni tal-impatt dwar il-kopertura ta' aktar komoditajiet u prodotti kif ukoll ekosistemi vulnerabbli oħra.

c) Offerta pubblika għal kuntratt sabiex tiġi appoġġata l-Kummissjoni fil-kompiti mogħtija fir-regolament.

d) Kuntratt jew arranġament amministrattiv għall-iżvilupp tas-sistema ta' informazzjoni għall-ħżin u l-iskambju ta' *data* dwar l-operaturi u l-awtodikjarazzjonijiet.

2. Fl-ewwel ħames snin wara d-data stabbilita fl-Artikolu 36(1):

a) Il-Kummissjoni tadotta listi ta' pajjiżi b'riskju baxx u għoli u partijiet minnhom permezz ta' att delegat/ta' implimentazzjoni.

b) Il-Kummissjoni tadotta kamp ta' applikazzjoni adattat tal-prodott permezz ta' att delegat/ta' implimentazzjoni.

d) Offerta pubblika għal kuntratt sabiex tiġi appoġġata l-ewwel evalwazzjoni tar-regolament.

e) Il-Kummissjoni twettaq u tapprova l-ewwel evalwazzjoni tar-regolament, akkumpanjata kif xieraq minn proposta leġiżlattiva li tipproponi emendi possibbli.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*)

L-ixprunaturi tad-deforestazzjoni u tad-degradazzjoni tal-foresti huma marbuta mal-kummerċ tal-UE u dak internazzjonali. L-azzjoni fil-livell tal-UE hija essenzjali sabiex tippermetti li l-kwistjonijiet tal-kummerċ internazzjonali jiġu indirizzati b'mod koordinat u armonizzat, u sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-kumpaniji, f'termini ta' rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati qabel ma l-prodotti jiġu introdotti jew jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni jew jiġu esportati minnu. L-azzjoni fil-livell tal-UE tibbenefika wkoll minn esperjenza preċedenti tal-UE fit-trattament ta'

ktajjen ta' provvista kumplessi (eż. li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni relatata mal-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam.)

Azzjoni biss fil-livell tal-UE tiggarantixxi li jintlaħqu effettivament l-għanijiet tal-intervent, jiġifieri, it-tnaqqis tad-deforestazzjoni xprunata mill-UE u għalhekk l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien tal-bijodiversità provokati mill-konsum u l-produzzjoni tal-UE, kif ukoll it-tnaqqis tal-konsum ta' komoditajiet u prodotti assoċjati mad-deforestazzjoni.

Valur miżjud tal-Unjoni li mistenni jkun iġġenerat (*ex post*)

L-intervent tal-UE se jiżgura rekwiżiti armonizzati għall-prodotti u l-komoditajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament li qegħdin jiġu introdotti fis-suq tal-UE, irrispettivament minn jekk humiex prodotti fl-UE jew barra minnha. Dan se jiżgura kundizzjonijiet ekwi ġusti għall-kumpaniji li joperaw fl-UE, li se jkunu soġġetti għall-istess obbligi, irrispettivament mill-pajjiż tal-UE li fih ikunu bbażati. L-intervent se jnaqqas konsiderevolment id-deforestazzjoni mmexxija mill-UE (ara r-riżultati mistennija hawn fuq), l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-telfien tal-bijodiversità.

Il-proposta għandha tikkontribwixxi wkoll sabiex jitnaqqas il-konsum ta' prodotti li ġejjin minn ktajjen tal-provvista assoċjati mad-deforestazzjoni jew mad-degradazzjoni tal-foresti; u ż-żieda fid-domanda tal-UE għal komoditajiet u prodotti legali u "mingħajr deforestazzjoni" u l-kummerċ tagħhom.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

L-evalwazzjoni tal-EUTR u tar-Regolament FLEGT, li tiffoka fuq il-legalità tal-injam introdott fis-suq tal-UE, tindika l-ħtieġa li jiġi mmodernizzat il-qafas leġiżlattiv. Bħalissa ma hemm l-ebda regola tal-UE fis-seħħ li għandha l-għan li tnaqqas l-impatt tal-konsum tal-UE fuq id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti. Il-proposta tibni fuq it-tagħlimiet meħuda mill-Kontroll tal-Idoneità fir-rigward tat-titjib tas-sistema ta' diliġenza dovuta proposta (meta mqabbla ma' dik tal-EUTR) u n-nuqqas ta' effettività ta' trattati kummerċjali bilaterali speċifiċi (il-Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja FLEGT tas-settur tal-injam) sabiex tiġi indirizzata d-deforestazzjoni xprunata mill-UE.

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

L-Unjoni Ewropea approvat pjan ta' rkupru kbir ibbażat fuq baġit fit-tul imsaħħaħ għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss u strument ġdid għall-irkupru, in-Next Generation EU.

L-inizjattiva taqa' taħt il-kappa tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, li jiggwida l-istrateġija ta' rkupru tal-UE. Din għandha l-għan li tagħmel l-UE newtrali għall-klima sal-2050 u li tnaqqas it-telfien tal-bijodiversità. Din tinkludi l-objettiv tal-promozzjoni ta' prodotti u ktajjen tal-valur li ma jinvolvux id-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti. Din tirrakkomanda wkoll li jkun hemm ktajjen tal-provvista tal-ikel aktar sostenibbli u li l-UE tistabbilixxi standards ġodda għat-tkabbir sostenibbli u tuża l-piż ekonomiku tagħha sabiex tfassal standards internazzjonali li huma konformi mal-

ambizzjonijiet ambjentali u klimatiċi tal-UE. L-inizjattiva hija wkoll parti mill-prijoritajiet stabbiliti fl-Istrateġija għall-Bijodiversità għall-2030 u fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt.

L-inizjattiva taqa' taħt l-Intestatura 3 (Riżorsi Naturali u Ambjent), it-Titolu 9 (Ambjent u Azzjoni Klimatika) tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Kif spjegat hawn taħt, l-implimentazzjoni ta' din il-biċċa leġiżlazzjoni se teħtieġ riżorsi umani addizzjonali u wkoll xi nefqa ta' appoġġ. In-nefqa ta' appoġġ se tkun koperta mill-programm tal-UE għall-ambjent u l-azzjoni klimatika (LIFE) mill-2021 sal-2027.

*1.5.5. Valutazzjoni tal-alternattivi differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

L-implimentazzjoni tar-Regolament se tirriżulta f'numru kbir u divers ta' setturi ekonomiċi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, li se jeħtieġu riżorsi umani addizzjonali, riżorsi ta' akkwist għall-kuntratturi esterni u arranġamenti amministrattivi bejn is-servizzi tal-Kummissjoni.

Se jkunu meħtieġa ħames FTEs addizzjonali fi ħdan id-DĠ ENV sabiex jiġi implimentat ir-Regolament, inkluż il-kooperazzjoni internazzjonali. Huma meħtieġa żewġ FTEs addizzjonali fi ħdan id-DĠ INTPA li jiffokaw fuq il-kooperazzjoni u l-iżvilupp kif ukoll FTE addizzjonali wieħed għal TAXUD sabiex jiġi implimentat ir-Regolament, partikolarment l-obbligi relatati mad-dwana.

Il-ħtiġijiet huma bbażati fuq kalkoli tar-riżorsi assenjati lill-għodod leġiżlattivi mmirati lejn il-ġlieda kontra l-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam (l-EUTR u r-Regolament FLEGT), li l-ewwel wieħed se jiġi sostitwit bl-inizjattiva proposta. Il-persunal attwali disponibbli fid-DĠ ENV huwa ta' 3,25 AD + 1 AST + 1 SND Bla ħlas + 0,5 FTE ta' aġent kuntrattwali. Dan ikopri: a) L-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-rieżami ta' żewġ regolamenti tal-UE (l-EUTR u r-Regolament FLEGT); b) in-negozjar u l-implimentazzjoni ta' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja ma' ħames pajjiżi (l-Indoneżja, il-Vjetnam, il-Laos, it-Tajlandja u l-Malasja) u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi produtturi u konsumaturi oħrajn, inkluż struttura ta' kooperazzjoni permanenti maċ-Ċina; c) ir-rappreżentanza tal-UE f'fora multilaterali: Il-FAO, il-Forum tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Foresti (UNFF) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Injam Tropikali (ITTO); d) l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet addizzjonali previsti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "It-Tisħiħ tal-Azzjoni tal-UE għall-Protezzjoni u għar-Restawr tal-Foresti tad-Dinja[2]."

Il-proposta l-ġdida mhux biss se tintegra l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE, iżda wkoll se tespandi konsiderevolment il-kamp ta' applikazzjoni tal-azzjonijiet u l-kumplessità tal-implimentazzjoni, li jinvolvi l-ħtieġa ta' riżorsi ġodda. Il-proposta l-ġdida se tinvolvi l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni minn komodità (injam) għal sitta (iż-żieda taċ-ċanga, taż-żejt tal-palm, tas-sojja, tal-kawkaw u tal-kafè) u l-prodotti derivati minnhom, u se tespandi l-kopertura tagħha sabiex tmur lil hinn mil-legalità u tinkludi s-sostenibbiltà. Dan, min-naħa tiegħu, huwa mistenni li jżid il-valur tas-setturi ekonomiċi konċernati kif ukoll in-numru ta' partijiet konċernati u

2 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1565272554103&uri=CELEX:52019DC0352

pajjiżi terzi affettwati direttament u b'mod qawwi mir-Regolament. Se jkun hemm aktar laqgħat tal-Grupp ta' Esperti (minn ħamsa sa sitta) u aktar membri tal-grupp (minn Stati Membri biss sabiex jinkludu partijiet konċernati u pajjiżi terzi.) Se jkun hemm sistema ġdida ta' informazzjoni (ara hawn taħt), minbarra dik iddedikata għar-Regolament FLEGT. Is-sistema ta' valutazzjoni komparattiva tal-pajjiżi (ara hawn taħt) hija mistennija li tinvolvi kooperazzjoni aktar mill-qrib ma' għexieren ta' pajjiżi. Il-viżibbiltà u s-sensittività politiċi tar-Regolament se jiżdiedu meta mqabbla mas-sitwazzjoni preċedenti li tkopri biss l-injam, peress li se taffettwa setturi li huma essenzjali għall-ekonomiji ta' pajjiżi partikolari (eż. il-kawkaw fil-Kosta tal-Avorju u fil-Ghana; iż-żejt tal-palm fl-Indoneżja u fil-Malasja; is-sojja u l-bhejjem tal-ifrat fil-Brażil u fl-Arġentina) li jeħtieġu impenn bilaterali intensifikat inkluż fil-livell ta' esperti. Id-dmirijiet ta' rappreżentanza tad-DĠ ENV f'fora internazzjonali se jiżdiedu wkoll. Id-dmirijiet ta' rapportar tal-Istati Membri se jiżdiedu f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni akbar tal-komoditajiet u mal-valur tas-setturi ekonomiċi involuti. It-tranżizzjoni għar-Regolament il-ġdid, ir-revoka tal-EUTR u l-adattament tar-Regolament FLEGT se jinvolvu kompiti addizzjonali matul l-ewwel ħames snin tal-operat.

Dawn l-attivitajiet u l-kompiti l-ġodda kollha se jżidu sostanzjalment l-ammont ta' xogħol tad-DĠ ENV. Il-piż politiku u ekonomiku ogħla tar-Regolament il-ġdid se jirrikjedi aktar tħejjija u ħidma aktar analitika sabiex jiġu ġestiti aktar interazzjonijiet — kemm fil-livell politiku kif ukoll f'dak ta' ħidma — ma' dipartimenti oħrajn tal-Kummissjoni, mal-Kunsill u mal-Parlament Ewropew, mal-partijiet konċernati, ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-kompiti ta' rapportar addizzjonali mwettqa mid-DĠ ENV u l-għodod miżjuda (is-sistema ta' informazzjoni u s-sistema ta' valutazzjoni komparattiva) ġestiti mid-DĠ ENV se jeħtieġu sorveljanza addizzjonali mid-DĠ ENV. Is-simplifikazzjoni u t-titjib tal-implimentazzjoni meta mqabbla mal-EUTR u r-Regolament FLEGT — li, kif rifless fil-Kontroll tal-Idoneità, kellhom numru ta' nuqqasijiet —, filwaqt li jitqies ukoll il-kamp ta' applikazzjoni akbar, se jitolbu aktar riżorsi mid-DĠ ENV iddedikati għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni fl-Istati Membri.

Dawn il-kompiti kollha jeħtieġu kapaċità għolja ta' ġudizzju politiku, għarfien politiku, ħiliet analitiċi, indipendenza u reżiljenza li jistgħu jingħataw biss minn uffiċjali tal-AD. Il-ktajjen tal-provvista kumplessi tal-komoditajiet involuti, u d-differenzi ġeografiċi madwar id-dinja, jagħmluha rakkomandabbli li l-mira tkun għal ċertu grad ta' speċjalizzazzjoni fi ħdan it-tim tad-DĠ ENV inkarigat mill-implimentazzjoni. Dan jista' jsir skont il-komodità, skont ir-reġjun jew skont il-kompitu, iżda se jkun jirrikjedi r-riżorsi addizzjonali tal-persunal kif stabbilit hawn fuq. L-esternalizzazzjoni se tintuża kemm jista' jkun (ara hawn taħt), iżda din tirrikjedi wkoll sorveljanza. Barra minn hekk, hemm kompiti ewlenin li jinvolvu livell għoli ta' sensittività politika u jeħtieġ li jitwettqu mill-Kummissjoni.

Il-ħtiġijiet tar-riżorsi se jiżdiedu għad-DĠ ENV, għad-DĠ INTPA u għad-DĠ TAXUD. Id-DĠ ENV se jkollu jaħdem fuq l-eżerċizzju kumpless tal-valutazzjoni komparattiva tal-pajjiżi (kemm teknikament kif ukoll diplomatikament), filwaqt li fl-istess ħin ikompli l-implimentazzjoni ta' obbligi legali preċedenti f'dan il-kuntest il-ġdid, inkluż il-kooperazzjoni internazzjonali (ħidma kostanti ma' pajjiżi sħab, kemm ma' dawk konsumaturi kif ukoll ma' dawk produtturi, kruċjali sabiex tiġi evitata r-rilokazzjoni). Id-DĠ INTPA se jiffoka partikolarment fuq programmi ġodda ta' kooperazzjoni taħt il-qafas ta' Sħubijiet dwar il-Foresti, li se jkunu mmirati, fost

għanijiet oħra, sabiex jgħinu lill-pajjiżi produtturi jikkonformaw mar-Regolament. Is-Sħubijiet dwar il-Foresti se jiġu offruti lill-pajjiżi rilevanti kollha, inkluż dawk attwalment involuti f'negozjati jew implimentazzjoni ta' Ftehimiet ta' Sħubija Volontarja. Id-DĠ TAXUD se jaħdem fuq l-implimentazzjoni tal-politika ġenerali tar-Regolament kif ukoll fuq il-ħidma preparatorja u l-abbozzar ta' leġiżlazzjoni sekondarja fir-rigward tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jidħlu jew joħorġu mis-suq tal-Unjoni. Dawn l-attivitajiet se jirrikjedu r-riżorsi umani addizzjonali għad-DĠ ENV, għad-DĠ INTPA u għad-DĠ TAXUD.

Qabel id-dħul fis-seħħ u fl-ewwel ħames snin tal-operat, se jkun hemm ukoll il-ħtieġa ta' baġit għall-akkwist għall-kuntratturi esterni li se jkunu qegħdin jappoġġaw l-ewwel rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott, l-ewwel evalwazzjoni tar-regolament u l-implimentazzjoni ġenerali tar-regolament. Il-baġit stmat għal dawn it-tliet kuntratti matul l-ewwel ħames snin huwa ta' EUR 3 050 000. Din l-istima hija bbażata fuq kuntratti ta' akkwist preċedenti bl-istess karatteristiċi.

Hemm ukoll il-ħtieġa li jiġi żviluppat ir-reġistru tad-diliġenza dovuta, databażi li tgħaqqad l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni, u li tinħażen u tiġi ffaċilitata l-informazzjoni pprovduta mill-operaturi (essenzjalment ir-reġistrazzjoni tagħhom u l-awtodikjarazzjonijiet tagħhom). Dan jista' jsir jew permezz ta' kuntrattur estern jew permezz ta' arranġament amministrattiv mas-servizzi tal-Kummissjoni. Id-DĠ ENV iffaċilita stima baġitarja ta' EUR 1,5 miljun għal ħames snin sabiex joħloq u jżomm databażi bil-funzjonalitajiet meħtieġa. Barra minn hekk, TAXUD ippreżenta baġit ta' 950 000 matul l-ewwel ħames snin ta' operat għall-ħidma tal-IT meħtieġa sabiex is-sistemi doganali jiġu adattati għall-bidliet meħtieġa mir-Regolament. L-iżvilupp tal-IT u l-għażliet ta' akkwist relatati se jkunu soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-Bord tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u taċ-Ċibersigurtà tal-Kummissjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-ħolqien u l-operat tal-valutazzjoni komparattiva tal-pajjiżi, dan jista' jsir permezz ta' arranġament amministrattiv jew kuntratt estern. Huwa previst baġit proviżorju ta' EUR 4 369 000 għall-ewwel ħames snin. Dan huwa kważi ħames darbiet l-ammont ikkontemplat fil-Valutazzjoni tal-Impatt, li ġie kkalkolat f'termini ta' sigħat tax-xogħol. Dan għaliex il-valutazzjoni komparattiva prevista fil-Valutazzjoni tal-Impatt kien verżjoni simplifikata, li ġiet estiża bi kriterji ġodda ta' valutazzjoni, kif ukoll b'aktar dmirijiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi affettwati, fil-proposta legali finali. Dawn il-karatteristiċi l-ġodda jirrikjedu ħafna xogħol – il-valutazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni f'kull pajjiż huma sforz ambizzjuż – u se jinvolvu ammont ħafna akbar ta' sigħat tax-xogħol. L-ammont imġedded ġie kkalkolat filwaqt li tqieset l-esperjenza tar-rapporti ġenerali tal-pajjiżi tar-Regolament tal-UE dwar l-Injam.

## 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☑ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-2023 sal-2027,

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i[3]

☑ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☑ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

---

3 Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

Kummenti

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

L-LFS tikkonċerna n-nefqa tal-persunal, l-akkwist, u possibbilment arranġamenti amministrattivi. Japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta' nefqa.

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-mod ta' ġestjoni għall-inizjattiva huwa l-ġestjoni diretta mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tkun megħjuna minn Grupp ta' Esperti mar-rappreżentanti tal-Istati Membri u partijiet konċernati: Il-Grupp ta' Esperti/il-Pjattaforma ta' diversi Partijiet Konċernati tal-Kummissjoni dwar il-Protezzjoni u r-Restawr tal-Foresti tad-Dinja. Il-Kummissjoni se tkun megħjuna wkoll minn Kumitat.

Kumplessivament, l-inizjattiva tinvolvi n-nefqa tal-persunal, l-akkwist u possibbilment l-arranġamenti amministrattivi. Japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta' nefqa.

#### *2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Kumplessivament, l-inizjattiva tinvolvi n-nefqa tal-persunal, l-akkwist u possibbilment l-arranġamenti amministrattivi. Japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta' nefqa.

#### *2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Kumplessivament, l-inizjattiva tinvolvi n-nefqa tal-persunal, l-akkwist u possibbilment l-arranġamenti amministrattivi. Japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta' nefqa.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

Kumplessivament, l-inizjattiva tinvolvi n-nefqa tal-persunal, l-akkwist u possibbilment l-arranġamenti amministrattivi. Japplikaw regoli standard għal dan it-tip ta' nefqa.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff.[57] | mill-pajjiżi tal-EFTA[58] | mill-pajjiżi kandidati[59] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| 3 | 09 02 01 - Natura u bijodiversità | Diff. | IVA | LE | LE | LE |
| 7 | 20.01.02.01 - Remunerazzjoni u gratifiki | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |
| 7 | 20 02 06 02 - Kostijiet tal-konferenzi u tal-laqgħat | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |

57 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati

58 EFTA: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles

59 Pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent

## 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali
- ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 3 | Riżorsi Naturali u Ambjent |
|---|---|---|

| DĠ: **ENV** | | | Sena **2022** | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL (2022-2027)** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | |
| 09 02 01 - Natura u bijodiversità | Impenji | (1a) | 0,500 | 1,789 | 1,680 | 1,610 | 1,890 | 1,450 | **8,919** |
| | Pagamenti | (2a) | 0,500 | 1,789 | 1,680 | 1,610 | 1,890 | 1,450 | **8,919** |
| Approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta’ programmi speċifiċi[60] | | | | | | | | | |
| Linja baġitarja | | (3) | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-DĠ** ENV | Impenji | =1a+1b +3 | 0,500 | 1,789 | 1,680 | 1,610 | 1,890 | 1,450 | **8,919** |
| | Pagamenti | =2a+2b +3 | 0,500 | 1,789 | 1,680 | 1,610 | 1,890 | 1,450 | **8,919** |

60 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta’ appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew ta’ azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| DĠ: **TAXUD** | | | Sena **2022** | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL (2022-2027)** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | |
| 09 02 01 - Natura u bijodiversità | Impenji | (1a) | - | 0,150 | 0,300 | 0,250 | 0,125 | 0,125 | 0,950 |
| | Pagamenti | (2a) | - | 0,150 | 0,300 | 0,250 | 0,125 | 0,125 | 0,950 |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[61] | | | | | | | | | |
| Linja baġitarja | | (3) | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għad-**DĠ TAXUD | Impenji | =1a+1b +3 | - | 0,150 | 0,300 | 0,250 | 0,125 | 0,125 | 0,950 |
| | Pagamenti | =2a+2b +3 | - | 0,150 | 0,300 | 0,250 | 0,125 | 0,125 | 0,950 |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | | | |
| • TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 3** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | 0,500 | 1,939 | 1,980 | 1,860 | 2,015 | 1,575 | **9,869** |
| | Pagamenti | =5+ 6 | 0,500 | 1,939 | 1,980 | 1,860 | 2,015 | 1,575 | **9,869** |

61 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

L-ammont irrapportat hawn fuq se jkun meħtieġ sabiex jappoġġa diversi kompiti ta' implimentazzjoni relatati mad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, li se jitwettqu mid-DĠ ENV.

L-attivitajiet akkwistati jinkludu l-kummissjoni ta' studju li jappoġġa l-ewwel rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott (baġitjat fl-2022), studju li jappoġġa l-ewwel evalwazzjoni tar-regolament (baġitjat fl-2026) u kuntratt ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ġenerali tar-regolament (baġitjat ugwalment matul l-ewwel ħames snin tal-operat.)

Barra minn hekk, żewġ attivitajiet oħra li jistgħu jiġu żviluppati jew permezz ta' kuntratt estern jew arranġamenti amministrattivi mas-servizzi tal-Kummissjoni ġew inklużi proviżorjament f'din il-kategorija. Dawn huma l-iżvilupp u t-tħaddim tas-sistema ta' informazzjoni u l-iżvilupp u t-tħaddim tas-sistema ta' valutazzjoni komparattiva tal-pajjiżi. Iż-żewġ attivitajiet ġew ibbaġitjati matul l-ewwel ħames snin tal-operat.

Fl-aħħar nett, xi ammonti huma inklużi sabiex ikopru l-iżviluppi tal-IT u l-manutenzjoni tal-interfaċċi elettroniċi bejn is-sistemi doganali nazzjonali u s-Sistema ta' Informazzjoni fir-rigward tal-iskambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet kompetenti. Dawn huma inklużi bħala parti mill-kost ġenerali tas-sistema tal-informazzjoni.

| **Il-kostijiet kollha ħlief tal-HR u dawk Amministrattivi** | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Kompiti** | **Riżorsi** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
| Implimentazzjoni ġenerali | Kuntratt ta' appoġġ ġenerali | - | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 0,450 | 2,250 |
| Sistema ta' valutazzjoni komparattiva | Kuntratt ta' appoġġ jew arranġament amministrattiv | - | 1,009 | 0,840 | 0,840 | 0,840 | 0,840 | 4,369 |
| Sistema ta' informazzjoni "Reġistru" (ENV+TAXUD) | Kuntratt ta' appoġġ jew arranġament amministrattiv | - | 0,480 | 0,690 | 0,570 | 0,425 | 0,285 | 2,450 |
| Rieżami tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott | Kuntratt ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt | 0,500 | - | - | - | - | - | 0,500 |
| L-ewwel evalwazzjoni | Kuntratt ta' appoġġ għall-evalwazzjoni | - | - | - | - | 0,300 | - | 0,300 |
| | | **0,500** | **1,939** | **1,980** | **1,860** | **2,015** | **1,575** | **9,869** |

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 7 | “Nefqa amministrattiva” |
|---|---|---|

Jenħtieġ li din it-taqsima timtela billi tintuża d-“*data* baġitarja ta’ natura amministrattiva” li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella’ fid-DECIDE għall-finijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **2022** | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL (2022-2027)** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: **ENV** | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | - | 0,760 | 0,760 | 0,760 | 0,760 | 0,760 | **3,800** |
| • Nefqa amministrattiva oħra[62] | | - | 0,114 | 0,114 | 0,114 | 0,114 | 0,114 | **0,570** |
| **TOTAL TAD-DĠ ENV** | Approprjazzjonijiet | - | 0,874 | 0,874 | 0,874 | 0,874 | 0,874 | **4,370** |

| | | Sena **2022** | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL (2022-2027)** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: **INTPA** | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | - | 0,304 | 0,304 | 0,304 | 0,304 | 0,304 | **1,520** |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | - | - | - | - | - | - | **-** |
| **TOTAL TAD-DĠ INTPA** | Approprjazzjonijiet | - | 0,304 | 0,304 | 0,304 | 0,304 | 0,304 | **1,520** |

62 L-Artikolu 34 jipprevedi l-istabbiliment ta’ Kumitat ġdid skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Barra minn hekk, il-grupp ta’ esperti tal-Pjattaforma tad-Deforestazzjoni li diġà jeżisti, iżda li ma għandux setgħat ta’ deċiżjoni, se jassisti lill-Kumitat.

| | | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL (2022-2027) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ: **TAXUD** | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | - | 0,152 | 0,152 | 0. 52 | 0,152 | 0,152 | **0,760** |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | - | - | - | - | - | - | - |
| **TOTAL TAD-DĠ TAXUD** | Approprjazzjonijiet | - | 0,152 | 0,152 | 0,152 | 0,152 | 0,152 | **0,760** |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | - | 1,330 | 1,330 | 1,330 | 1,330 | 1,330 | **6,650** |

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena 2022 | Sena 2023 | Sena 2024 | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | TOTAL (2022-2027) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 0,500 | 3,269 | 3,310 | 3,190 | 3,345 | 2,905 | **16,519** |
| | Pagamenti | 0,500 | 3,269 | 3,310 | 3,190 | 3,345 | 2,905 | **16,519** |

### *3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-** | | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|

| outputs | OUTPUTS | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ⇩ | Tip[63] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[64]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

63 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.)

64 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi …"

### 3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **2022** | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | **TOTAL (2023-2027)** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | |
| Riżorsi umani | - | 1,216 | 1,216 | 1,216 | 1,216 | 1,216 | **6,080** |
| Nefqa amministrattiva oħra | - | 0,114 | 0,114 | 0,114 | 0,114 | 0,114 | **0,570** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | - | 1,330 | 1,330 | 1,330 | 1,330 | 1,330 | **6,650** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7[65] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | |
| **TOTAL** | - | 1,330 | 1,330 | 1,330 | 1,330 | 1,330 | **6,650** |

L-approprjazzjonijiet amministrattivi meħtieġa se jkunu ssodisfati b'approprjazzjonijiet li huma diġà assenjati lill-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew użati mill-ġdid, flimkien jekk ikun meħtieġa ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni taħt il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

65 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| | | Sena **2022** | Sena **2023** | Sena **2024** | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 0,0 | 8,0 | 8,0 | 8,0 | 8,0 | 8,0 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)**[66] | | | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | | | | | | |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| XX 01 xx ss zz[67] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | |
| 01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 01 01 01 12 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | |
| **TOTAL** | | 0,0 | 8,0 | 8,0 | 8,0 | 8,0 | 8,0 |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju konċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | Għad-DĠ ENV, hemm bżonn ta' ħames karigi AD għall-implimentazzjoni ġenerali tar-regolament li tinkludi l-kooperazzjoni internazzjonali, kif ukoll il-ħidma preparatorja u l-abbozzar ta' leġiżlazzjoni sekondarja skont l-iskadenzi proposti fir-regolament. |

[66] AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet

[67] Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA")

| | |
|---|---|
| | Għad-DĠ INTPA, huma meħtieġa żewġ karigi AD sabiex ilaħħqu mal-kooperazzjoni u l-iżvilupp relatati mar-Regolament, partikolarment l-istabbiliment ta' Sħubijiet dwar il-Foresti.<br><br>Għad-DĠ TAXUD, hija meħtieġa kariga AD waħda għall-implimentazzjoni ġenerali tal-politika tar-Regolament, għall-ħidma preparatorja u għall-abbozzar ta' leġiżlazzjoni sekondarja fir-rigward tal-komoditajiet u l-prodotti rilevanti li jidħlu jew joħorġu mis-suq tal-Unjoni, kif ukoll il-ħtiġijiet tal-implimentazzjoni tal-interfaċċa skont l-Artikolu 26. |
| Persunal estern | mhux applikabbli |

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☑ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

– Il-kostijiet previsti taħt il-linja baġitarja 09 02 01 se jitħallsu mill-programm LIFE u se jiġu ppjanati taħt l-eżerċizzji tal-pjan ta' ġestjoni annwali tad-DĠ ENV. Ir-riżorsi umani meħtieġa għandhom preferibbilment jiġu ssodisfati b'allokazzjoni addizzjonali taħt il-proċedura ta' allokazzjoni annwali tar-riżorsi umani.

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji konċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw. |

– ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji konċernati u l-ammonti korrispondenti. |

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☑ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N**[68] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[68] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Jekk jogħġbok issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☐ fuq dħul ieħor

  – jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[69] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw sabiex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

69 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.